# Medjazzjoni fil-pajjiżi tal-UE

Il-medjazzjoni tinsab fi stadji differenti ta' żvilupp fl-Istati Membri. Hemm xi Stati Membri li għandhom leġislazzjoni komprensiva jew regoli proċedurali dwar il-medjazzjoni. F'xi oħrajn, il-korpi leġislattivi urew ftit interess fir-regolamentazzjoni tal-medjazzjoni. Madankollu, hemm xi Stati Membri li għandhom kultura soda ta' medjazzjoni, li jiddependu l-aktar fuq l-awtoregolamentazzjoni.

Dejjem aktar tilwim qed jitressqu quddiem il-qorti. Bħala riżultat ta' dan, dan fisser mhux biss perijodi itwal ta' stennija għas-soluzzjoni tat-tilwim, iżda żied ukoll l-ispejjeż legali sa ċertu livelli fejn spiss jistgħu jkunu disproporzjonati mal-valur tat-tilwima.

Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet il-medjazzjoni hija aktar rapida u, għalhekk, normalment irħas mill-proċedimenti ordinarji tal-qorti. Dan huwa veru b'mod partikolari f'pajjiżi fejn is-sistema tal-qorti qiegħda lura f'xogħolha b'mod sostanzjali u l-proċedimenti medji tal-qorti jdumu diversi snin.

Huwa għalhekk li, minkejja d-diversità fl-oqsma u l-metodi tal-medjazzjoni madwar l-Unjoni Ewropea, hemm interess li dejjem jikber f'dan il-mezz ta' soluzzjoni ta' tilwim bħala alternattiva għad-deċiżjonijiet ġudizzjarji.

**Jekk jogħġbok agħżel il-bandiera tal-pajjiż rilevanti biex tikseb informazzjoni nazzjonali dettaljata.**

L-aħħar aġġornament: 18/01/2019

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f’din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta’ kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna fr ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

## Il-medjazzjoni fl-Istati Membri - Belġju

Minflok tiftaħ kawża, għaliex ma ssolvix tilwima permezz tal-medjazzjoni? Din hija forma alternattiva ta’ soluzzjoni għat-tilwim, fejn medjatur jgħin lill-partijiet sabiex jaslu għal ftehim. Fil-Belġju, il-gvern u l-professjonisti huma konxji mill-vantaġġi tal-medjazzjoni.

### Lil min għandek tikkuntattja?

Il-**Kummissjoni federali tal-medjazzjoni** (***Commission fédérale de médiation***).

Għalkemm din ma tagħmilx medjazzjonijiet hija stess, il-Kummissjoni federali tirregola l-professjoni u żżomm aġġornata lista ta’ medjaturi awtorizzati.

Is-segretarjat tal-Kummissjoni joffri tagħrif bl-Olandiż u bil-Franċiż. Tista’ tikkuntattjaha permezz tal-posta elettronika u fl-indirizz li ġej:

**SPF Justice**

Commission fédérale de médiation

Rue de la Loi, 34

1040 Bruxelles

Tel: (+32) 2 224 99 01

Fax: (+32) 2 224 99 07

Il-Kummissjoni federali tal-medjazzjoni tiggarantixxi (permezz tal-approvazzjoni tal-medjaturi) il-kwalità u l-iżvilupp tal-medjazzjoni.

**Il-lista ta’ medjaturi** hija disponibbli bl-Olandiż u bil-Franċiż.

### F’liema oqsma huwa ammissibbli / frekwenti r-rikors għall-medjazzjoni?

Il-medjazzjoni hija **ammissibbli** fil-:

Liġi ċivili (inklużi kwistjonijiet tal-familja);

Liġi kummerċjali;

Liġi industrijali;

Teżisti wkoll medjazzjoni kriminali u ta’ riparazzjoni, iżda dawn l-oqsma ma jaqgħux taħt ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni federali tal-medjazzjoni.

L-**iktar** qasam ta’ medjazzjoni **frekwenti** huwa l-liġi ċivili, b’mod speċjali l-kwistjonijiet tal-familja.

### X’inhuma r-regoli li wieħed għandu jsegwi?

Il-medjazzjoni hija **għażla volontarja tal-partijiet**, u m’hijiex soġġetta għal xi pieni f’każ li ma tirnexxiex.

Skont id-dispożizzjonijiet reċenti tal-liġi tal-familja, l-imħallef huwa mistenni li jinforma lill-partijiet bl-eżistenza u l-potenzjal tal-medjazzjoni.

Jeżisti "**Kodiċi ta’ Kondotta**" tal-medjaturi, disponibbli bl-Olandiż u bil-Franċiż.

### Informazzjoni u taħriġ

Hemm **ħafna informazzjoni** disponibbli fuq is-sit elettroniku, bl-Olandiż u bil-Franċiż, li tagħti tagħrif dwar l-aspetti differenti tal-medjazzjoni (il-proċess tal-medjazzjoni, spejjeż, indirizzi,…).

**Ir-rokna tal-professjonisti**

Din il-parti tas-sit elettroniku tal-Web tinforma dwar il-**kriterji ta’ approvazzjoni u l-kondizzjonijiet tat-taħriġ** tal-medjaturi.

Il-Kummissjoni federali tal-medjazzjoni rregolat it-taħriġ tal-medjaturi, iżda t-taħriġ innifsu jingħata mis-settur privat.

Il-programm jinkludi kurrikulu komuni ta’ 60 siegħa li jinqasam fuq mill-inqas 25 siegħa ta’ taħriġ teoretiku u mill-inqas 25 siegħa ta’ taħriġ prattiku.

**Il-kurrikolu komuni** jkopri l-prinċipji ġenerali tal-medjazzjoni (etika/filosofija), l-istudju ta’ **Modi Alternattivi** differenti **ta’ Soluzzjoni ta’ Tilwim**, il-liġi applikabbli, l-aspetti soċjoloġiċi, psikoloġiċi u l-proċess ta’ medjazzjoni.

**L-eżerċizzji prattiċi** jkopru s-suġġetti tal-programm u jiżviluppaw, permezz ta’ simulazzjoni ta’ rwoli, il-kapaċitajiet ta’ negozjar, u ta’ komunikazzjoni.

Minbarra dan il-kurrikulu komuni, hemm programmi partikolari għal kull tip ta’ medjazzjoni (mill-inqas 30 siegħa li jinqasmu liberament bejn il-ħin tat-taħriġ teoretiku u prattiku).

Hemm programmi partikolari fil-medjazzjoni tal-familja, ċivili u kummerċjali, u soċjali.

**Il-kriterji ta’ approvazzjoni**

il-kriterji ta’ approvazzjoni tal-medjaturi,

id-Direttivi dwar il-preżentazzjoni ta’ applikazzjoni sabiex wieħed jikseb liċenzja bħala medjatur fuq il-bażi tal-liġi tal-21 ta’ Frar 2005,

l-inventarju tat-talba għal rikonoxximent bħala medjatur (Word)

**Il-kriterji ta’ taħriġ / taħriġ permanenti**

Taħriġ bażiku

Id-Deċiżjoni tal-1 ta’ Frar 2007 li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet u l-proċeduri ta’ approvazzjoni taċ-ċentri ta’ taħriġ u tat-taħriġ tal-medjaturi approvati (PDF)

Il-Proċeduri ta’ taħriġ tal-medjaturi approvati mill-Kummissjoni Federali tal-Medjazzjoni

Taħriġ kontinwu

Deċiżjoni tat-18 ta’ Diċembru 2008 li tiddefinixxi l-obbligi tal-medjaturi approvati rigward taħriġ kontinwu u l-kriterji ta’ approvazzjoni tal-programmi f’dan is-suġġett

**Il-Kodiċi ta’ kondotta tajba**

Il-Kodiċi ta’ kondotta tajba tal-medjatur approvat (Word)

**Il-Ġestjoni tal-ilmenti**

Id-Deċiżjoni li tirrigwarda l-proċedura tal-irtirar tal-approvazzjoni, id-determinazzjoni ta’ sanzjonijiet li jirriżultaw mill-kodiċi ta’ kondotta tajba u l-proċedura tal-applikazzjoni ta’ dawn is-sanzjonijiet

**Kemm tiswa flus medjazzjoni?**

Medjazzjoni m’hijiex bla ħlas. **Il-dritt** tal-medjatur **huwa soġġett għal ftehim** bejn il-medjatur privat u l-partijiet. Il-liġi ma tirregolahomx. Ġeneralment, kull parti tħallas nofs id-dritt.

Parti tista’ tikseb **għajnuna** sabiex tħallas id-dritt ta’ medjatur, jekk din ikollha dħul baxx u sakemm il-medjatur ikun awtorizzat.

**Jista’ wieħed jagħti effett lil ftehim li jirriżulta minn medjazzjoni?**

Skont id- Direttiva Ewropea 2008/52/KE, huwa possibbli li wieħed jitlob li ftehim bil-miktub li jirriżulta minn medjazzjoni isir inforzabbli. L-Istati Membri jikkomunikaw liema tribunali jew awtoritajiet oħrajn huma kompetenti sabiex jirċievu talbiet bħal dawn. Il-Belġju għadu ma kkomunikax din l-informazzjoni.
Madankollu, skont l-Artikoli 1733 u 1736 tal-Kodiċi Ġudizzjarju, huwa possibbli li wieħed iġib l-approvazzjoni ta’ ftehim minn medjazzjoni mingħand imħallef, li jagħmel dan il-ftehim awtentiku u inforzabbli. F’dak li jirrigwarda l-forma, il-ftehim imbagħad jiġi mibdul f’sentenza.

Teżisti alternattiva għall-approvazzjoni. Fil-fatt huwa possibbli li wieħed jibdel il-ftehim minn medjazzjoni f’dokument notarili għand nutar. B’hekk il-ftehim ukoll isir awtentiku u inforzabbli mingħajr ma wieħed jirrikorri għal imħallef. Din l-għażla hija possibbli biss jekk il-partijiet kollha jkunu jaqblu.

**Links relatati**

*Service Public Fédéral Justice* (Servizz Pubbliku Federali tal-Ġustizzja)

Commission fédérale de médiation (Kummissjoni Federali tal-Medjazzjoni)

L-aħħar aġġornament: 16/05/2018

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna bg ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

## Il-medjazzjoni fl-Istati Membri - Bulgarija

Minflok ma tidher il-qorti, għaliex ma tippruvax issolvi t-tilwim tiegħek permezz tal-medjazzjoni? Din hija miżura ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim (ADR), fejn medjatur jassisti lil dawk involuti f'tilwim biex jaslu għal qbil. Il-gvern u  l-prattikanti tal-liġi tal-Bulgarija huma konxji tal-vantaġġi tal-medjazzjoni.

**Lil min għandek tikkuntattja?**

Il-**Ministeru tal-Ġustizzja tal-Bulgarija** stabbilixxa reġistru ta' medjaturi bħala parti mir-reġistru ċentrali ta' korpi korporattivi mingħajr skop ta' qliegħ li joffru servizzi pubbliċi utli.

Is-sit elettroniku tal- Ministeru tal-Ġustizzja  jipprovdi aċċess għal:

Lista ta' medjaturi

Organizzazzjonijiet privati li jħarrġu l-medjaturi

**F'liema qasam huwa r-rikors għall-medjazzjoni ammissibbli u/jew l-aktar komuni?**

Il-medjazzjoni hija ammissibbli f'bosta oqsma tal-liġi. Madankollu, dawn l-oqsma mhumiex irregolati jew limitati mil-leġislazzjoni. S'issa, il-biċċa l-kbira tal-medjaturi speċjalizzaw f'medjazzjoni kummerċjali u tan-negozju.

**Għandhom jiġu segwiti regoli speċifiċi?**

Il-medjazzjoni hija totalment volontarja. Minkejja li l-medjazzjoni tipprovdi mezzi alternattivi għas-soluzzjoni ta' tilwim mingħajr proċedimenti l-qorti, mhijiex prerekwiżit meta jinbdew proċedimenti fil-qrati.

M'hemm l-ebda kodiċi speċifiku ta' ħidma għall-medjaturi. Madankollu, id-dispożizzjonijiet dwar l-istandards etiċi jinsabu fil-Liġi dwar il-Medjazzjoni u r-Regolament Nru 2 tal-15 ta' Marzu 2007, li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet u l-proċess ta' approvazzjoni tal-organizzazzjonijiet li jipprovdu l-medjazzjoni.

**Informazzjoni u taħriġ**

L-organizzazzjonijiet li joffru taħriġ lill-medjaturi huma mis-settur privat.

Is-suġġetti tas-seminar ta' taħriġ jinkludu l-proċedimenti legali u r-regoli etiċi għall-imġiba tal-medjaturi, kif ukoll il-proċedura stabbilita fil-**Liġi dwar il-Medjazzjoni u r-Regolament Nru 2 tal-15 ta' Marzu 2007.**

**X'inhuma l-ispejjeż tal-medjazzjoni?**

Il-medjazzjoni mhijiex bla ħlas; **il-ħlas** huwa soġġett għal qbil bejn il-medjatur u l-partijiet involuti.

**Huwa possibbli li jiġi infurzat qbil li jirriżulta minn medjazzjoni?**

Skont id- Direttiva 2008/52/KE (biex tiġi mħeġġa u ffaċilitata l-medjazzjoni bħala forma alternattiva ta' soluzzjoni ta' tilwim transkonfinali fl-UE), għandu jkun possibbli li jintalab li l-kontenut ta' qbil bil-miktub li jirriżulta minn medjazzjoni jkun infurzabbli.

L-Istati Membri ser jikkomunikaw dan lill-qrati u lill-awtoritajiet l-oħra kompetenti biex jirċievu tali talbiet.

**Links relatati**

Reġistru tal-medjaturi

Reġistru tal-medjaturi (fittex)

L-aħħar aġġornament: 17/12/2018

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-
tradutturi tagħna.
Jekk jogħġbok innota li dawn il-lingwi li ġejjin diġà ġew tradotti.

## Il-medjazzjoni fl-Istati Membri - Repubblika Ċeka

Minflok tmur il-qorti, għaliex ma tirriżolviex it-tilwim permezz tal-medjazzjoni?
Din hija forma ta' riżoluzzjoni alternattiva għat-tilwim (alternative dispute resolution - ADR), fejn medjatur jgħin lill-partijiet fit-tilwima jilħqu ftehim. Il-vantaġġ li tuża l-medjazzjoni huwa l-ħin li tiffranka meta tuża din il-forma ta' soluzzjoni tat-tilwim (b'paragun ma' każ fil-qorti, li jieħu fit-tul) u ta' spiss frankar finanzjarju (meta mqabbel mal-ispejjeż ta' każ fil-qorti).

### Lil min tikkuntattja

Is-Servizz tal-Probation u l-Medjazzjoni tar-Repubblika Ċeka huwa l-korp ċentralizzat responsabbli għall-medjazzjoni bħala mezz ta' kif jiġu ttrattati l-konsegwenzi ta' reat kriminali bejn il-ħati u l-vittma fi proċedimenti kriminali. Il-**Ministeru tal-Ġustizzja** għandu r-responsabbiltà għal dan is-servizz.
Għall-medjazzjoni fi kwistjonijiet ta' liġi ċivili, tista' tikkuntattja wieħed mill-medjaturi li joffru dak is-servizz. Il-kuntatti tal-medjaturi li jaħdmu fir-Repubblika Ċeka jinsabu f'diversi websajts billi ddaħħal il-kelma tat-tfittix 'medjazzjoni'.
Tista' ssib lista ta' medjaturi, pereżempju fil-websajts tal-Assoċjazzjoni tal-Medjaturi Ċeka, l-Assoċjazzjoni tal-Avukatura Ċeka u l-Unjoni tal-Proċeduri tal-Arbitraġġ u l-Medjazzjoni tar-Repubblika Ċeka. Wieħed jista' jsib kuntatti fil-websajt tas-Servizz tal-Probation u l-Medjazzjoni tar-Repubblika Ċeka, li jaġixxi taħt il-mandat tal-qrati distrettwali rilevanti. Dalwaqt ser tiġi ppubblikata l-lista ta' medjaturi reġistrati skont l-Att Nru 202/2012 dwar il-medjazzjoni li għandu l-Ministeru tal-Ġustizzja.
Għadd ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) u entitajiet oħra jaħdmu fil-qasam tal-medjazzjoni.

### L-użu tal-medjazzjoni f'liema qasam huwa ammissibbli u/jew l-aktar komuni?

Il-medjazzjoni hija ammissibbli f'kull qasam tal-liġi, barra fejn hija eskluża bil-leġiżlazzjoni. Dan jinkludi il-**liġi tal-familja, il-liġi kummerċjali u l-liġi kriminali**.
Skont il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, l-imħallef li jkun qed jippresjedi jista', jekk ikun prattiku u xieraq, jordna lill-partijiet fil-proċedimenti biex jagħmlu laqgħa inizjali ta' tliet sigħat ma' medjatur. F'dawn il-każijiet, il-proċedimenti jistgħu jiġu sospiżi sa tliet xhur.

### Hemm regoli speċifiċi li wieħed irid isegwi?

Iva, il-medjazzjoni issa hija rregolati kemm bl-Att Nru 202/2012 dwar il-medjazzjoni u, fil-qasam tal-proċedimenti kriminali, bl-Att Nru 257/2000 dwar is-Servizz tal-Probation u l-Medjazzjoni tar-Repubblika Ċeka.

### Informazzjoni u taħriġ

Medjatur reġistrat li jaġixxi skont l-Att Nru 202/2012 irrid ikun għadda b'suċċess minn eżami professjonali quddiem kummissjoni maħtura mill-Ministeru tal-Ġustizzja. Medjatur li jaġixxi taħt il-mandat tas-Servizz tal-Probation u l-Medjazzjoni skont l-Att Nru 257/2000 irid ikun għadda b'suċċess minn eżami ta' kwalifika.
It-taħriġ tal-medjaturi li jaġixxu fi ħdan is-sistema tal-ġustizzja kriminali huwa żgurat mis-Servizzi tal-Probation u l-Medjazzjoni; it-taħriġ fil-qasam tal-medjazzjoni mhux kriminali huwa offrut minn firxa ta' korpi u istituzzjonijiet edukattivi.

### X'inhi l-ispiża tal-medjazzjoni?

Medjazzjoni pprovduta mis-Servizz tal-Probation u l-Medjazzjoni hija bla ħlas, jew l-ispejjeż jitħallsu mill-Istat.
Jekk qorti tissospendi l-proċedimenti f'każ ċivili u tordna lill-partijiet jagħmlu laqgħa inizjali ma' medjatur, l-ewwel tliet sigħat tal-laqgħa tal-medjazzjoni jitħallsu bir-rata stabbilita fil-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni (CZK 400- għal kull siegħa mibdija), u dan jinqasam bejn iż-żewġ partijiet b'mod ugwali (jekk il-partijiet ikunu eżentati mill-ispejjeż tal-qorti, jitħallsu mill-Istat). Jekk il-medjazzjoni testendi lil hinn minn tliet sigħat, l-ispejjeż ulterjuri jinqasmu ugwalment bejn iż-żewġ partijiet, sal-ammont miftiehem bejn il-medjatur u l-partijiet fil-medjazzjoni (jiġifieri fil-proċedimenti).

### Huwa possibbli li jiġi infurzat ftehim li jirriżulta minn medjazzjoni?

Id-Direttiva 2008/52/KE tippermetti lil dawk involuti f'tilwima jitolbu li ftehim bil-miktub li jirriżulta minn medjazzjoni jkun infurzabbli. Ftehim bejn il-partijiet fil-medjazzjoni f'każ ċivili jista' jiġi ppreżentat lill-qorti għall-approvazzjoni fil-kuntest ta' proċedimenti ulterjuri. Ir-riżultati ta' medjazzjoni li tkun saret fil-kuntest ta' proċedimenti kriminali mis-Servizz tal-Probation u l-Medjazzjoni jistgħu jitqiesu mill-prosekutur pubbliku u l-qorti fid-deċiżjoni tagħhom fil-każ partikolari.

L-aħħar aġġornament: 05/03/2018

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-
tradutturi tagħna.
Jekk jogħġbok innota li dawn il-lingwi li ġejjin diġà ġew tradotti.

## Il-medjazzjoni fl-Istati Membri - Ġermanja

Minflok tidħol il-qorti, għaliex ma ssolvix it-tilwim tiegħek permezz tal-medjazzjoni? Din hija miżura ta' riżoluzzjoni alternattiva tat-tilwim (ADR) li permezz tagħha medjatur jassisti lil dawk involuti f'tilwima biex jaslu għal ftehim. Fil-Ġermanja, l-awtoritajiet pubbliċi u l-professjonisti legali kollha huma konxji mill-benefiċċji tal-medjazzjoni.

### Lil min għandek tikkuntattja?

Għadd ta' organizzazzjonijiet jipprovdu servizzi ta' medjazzjoni. Jekk jogħġbok ikkonsulta l-lista ta' hawn taħt, li mhijiex eżawrjenti, ta' xi wħud mill-organizzazzjonijiet il-kbar:
Assoċjazzjoni Federali għall-Medjazzjoni Familjari (Bundes-Arbeitsgemeinschaft für Familien-Mediation e.V. (BAFM), Rosenthaler Straße 32, 10178 Berlin, il-Ġermanja)
Assoċjazzjoni Federali għall-Medjazzjoni (Bundesverband Mediation e.V. (BM), Kirchweg 80, 34119 Kassel, il-Ġermanja)
Assoċjazzjoni Federali għall-Medjazzjoni Ekonomika u Professjonali (Bundesverband Mediation in Wirtschaft und Arbeitswelt e.V. (BMWA), Prinzregentenstr. 1, 86150 Augsburg, il-Ġermanja)
Ċentru għall-Medjazzjoni (Centrale für Mediation GmbH & Co. KG (CfM), GustavHeinemann-Ufer 58, 50968 Cologne, il-Ġermanja)
Assoċjazzjoni tal-Avukati Ġermaniżi (Arbeitsgemeinschaft Mediation im Deutschen Anwaltverein, Littenstraße 11, 10179 Berlin, il-Ġermanja)
Dawn l-assoċjazzjonijiet jappoġġjaw lill-partijiet li jkunu jixtiequ s-servizz ta' medjatur.

### F'liema oqsma jista' jsir użu mill-medjazzjoni u/jew hija partikolarment komuni?

B'mod ġenerali, meta ma jkunx hemm rekwiżit legali formali li tip partikolari ta' tilwima jew kwistjoni jrid jiġi trattat fil-qorti, il-medjazzjoni dejjem tkun permessa. L-oqsma l-aktar komuni għall-medjazzjoni huma l-liġi tal-familja, il-liġi tal-wirt u l-liġi kummerċjali.

### Hemm xi regoli speċifiċi li għandhom jiġu segwiti?

Fis-26 ta’ Lulju 2012, l-Att dwar il-Medjazzjoni (*Mediationsgesetz*), (l-Artikolu 1 tal-Att dwar il-promozzjoni tal-medjazzjoni u proċeduri oħra għal soluzzjoni tat-tilwim barra mill-qorti tal-21 ta’ Lulju 2012, ippubblikat fil- *Bundesgesetzblatt I*¸ p. 1577) daħal fis-seħħ fil-Ġermanja. Din kienet l-ewwel biċċa leġiżlazzjoni li tirregola b’mod formali s-servizzi tal-medjazzjoni fil-Ġermanja. L-Att jittrasponi wkoll id-Direttiva dwar il-Medjazzjoni Ewropea fil-liġi Ġermaniża (id-Direttiva 2008/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta’ Mejju 2008 dwar ċerti aspetti tal-medjazzjoni f’materji ċivili u kummerċjali, ippubblikata fil- ĠU L 136, 24.5.2008, p. 3. Il-kamp ta’ applikazzjoni tal-Att dwar il-Medjazzjoni tal-Ġermanja jisboq ir-rekwiżiti tad-Direttiva Ewropea; filwaqt li d-Direttiva tipprovdi biss għal tilwim transfruntier u kummerċjali, l-Att dwar il-Medjazzjoni tal-Ġermanja jkopri l-forom kollha tal-medjazzjoni fil-Ġermanja, irrispettivament mit-tip tat-tilwima jew mill-post tar-residenza tal-partijiet ikkonċernati.

L-Att dwar il-Medjazzjoni tal-Ġermanja jistabbilixxi biss linji gwida ġenerali, billi jeħtieġ li l-medjaturi u l-partijiet ikkonċernati jkollhom spazju sinifikanti biex jimmanuvraw waqt il-proċess tal-medjazzjoni. L-ewwel nett l-Att jiddefinixxi t-termini “medjazzjoni” u “medjatur”, biex jiddistingwi l-medjazzjoni mill-forom l-oħra tar-riżoluzzjoni tat-tilwim. Skont l-Att, il-medjazzjoni hija proċess strutturat li bih il-partijiet implikati jfittxu b’mod volontarju u awtonimu forma ta’ riżoluzzjoni tat-tilwim reċiproka, bl-għajnuna ta’ medjatur wieħed jew aktar. Il-medjaturi huma persuni indipendenti u imparzjali, mingħajr setgħa li jieħdu deċiżjonijiet, li jiggwidaw lill-partijiet ikkonċernati matul il-proċedura tal-medjazzjoni. L-Att deliberatement jevita li jistabbilixxi kodiċi ta’ kondotta preċiż għall-proċedura tal-medjazzjoni. Madankollu, jistabbilixxi għadd ta’ obbligi ta’ żvelar u restrizzjonijiet fuq l-attività, biex jipproteġi l-indipendenza u l-imparzjalità tal-professjoni tal-medjatur. Barra minn hekk, il-leġiżlazzjoni tobbliga lill-medjaturi formalment li jżommu kunfidenzjalità stretta fir-rigward tal-klijenti tagħhom.

L-Att jippromwovi riżoluzzjoni tat-tilwim reċiproka bl-inklużjoni ta’ għadd ta’ inċentivi differenti fil-kodiċijiet proċedurali uffiċjali (pereżempju, il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, *Zivilprozessordnung*). Minn hawn ’il quddiem, pereżempju, meta l-partijiet jibdew azzjoni f’qorti ċivili, ikunu jridu jiddikjaraw jekk ikunux diġà ppruvaw isolvu l-kwistjoni permezz ta’ miżuri barra mill-qorti, bħall-medjazzjoni, u jekk hemmx raġunijiet speċifiċi għaliex ma jkunux ikkunsidraw din l-azzjoni. Barra minn hekk, il-qorti tista’ tissuġġerixxi li l-partijiet jippruvaw jirriżolvu l-kunflitt permezz tal-medjazzjoni, jew forma oħra ta’ riżoluzzjoni barra mill-qorti; jekk il-partijiet jirrifjutaw li jużaw din l-għażla, il-Qorti tista’ tagħżel li tissospendi l-proċedimenti. Bħalissa mhux previst li tingħata għajnuna legali għall-medjazzjoni.

Il-Gvern Federali huwa legalment mitlub li jirrapporta għand il-Bundestag (kamra inferjuri tal-parlament) dwar l-impatt tal-Att, ħames snin wara l-implimentazzjoni tiegħu. Għandu jiddetermina wkoll jekk ikunx hemm bżonn l-introduzzjoni ta’ aktar miżuri leġiżlattivi rigward it-taħriġ u l-iżvilupp professjonali tal-medjaturi.

**Informazzjoni u taħriġ**

Fis-sit tal- Ministeru Federali tal-Ġustizzja (*Bundesministeriums der Justiz*) wieħed jista' jsib informazzjoni ġenerali.

Ma teżistix leġiżlazzjoni li tiddefinixxi l-profil professjonali ta’ medjatur. Bl-istess mod, l-aċċess għall-professjoni mhuwiex ristrett. Il-medjatur stess huwa responsabbli li jiżgura li jkollu l-għarfien u l-esperjenza neċessarji (permezz ta’ taħriġ xieraq u korsijiet biex ikompli jiżviluppa) biex jiggwida b’mod affidabbli lill-partijiet matul il-proċess tal-medjazzjoni. Il-liġi Ġermaniża tistabbilixxi l-għarfien ġenerali, il-kompetenzi u l-proċeduri li għandhom jiġu koperti minn taħriġ xieraq li jsir qabel. Kull persuna li tissodisfa dawn il-kriterji tista’ taħdem bħala medjatur. M’hemmx età minima u lanqas rekwiżit li, pereżempju medjatur irid ikun segwa kors ta’ studju f’livell universitajru.

Il-Ministeru Federali tal-Ġustizzja għandu s-setgħa li jagħmel ir-regolamenti li jintroduċu taħriġ addizzjonali u kriterji għal aktar żvilupp għall-professjoni. F’każ bħal dan, persuni li jkunu lestew b’suċċess xi tip ta’ taħriġ li jikkorrespondi għall-prerekwiżiti ta’ dik il-leġiżlazzjoni jkunu intitolati li jużaw it-titlu tagħhom ta’ “medjatur iċċertifikat” (*zertifizierter Mediator*).

Bħalissa mhix prevista inizjattiva formali.

Attwalment it-taħriġ tal-medjaturi jingħata minn assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet, universitajiet, kumpaniji u individwi.

**Kemm tiswa l-medjazzjoni?**

Il-medjazzjoni mhijiex bla ħlas; il-pagament huwa suġġett għal ftehim bejn il-medjatur privat u l-partijiet ikkonċernati.

Ma teżistix leġiżlazzjoni li tirregola t-tariffi tal-medjazzjoni, u lanqas teżisti statistika dwar l-ispejjeż. Huwa realistiku li wieħed jassumi li r-rata fis-siegħa tista tlaħħaq bejn EUR 80 sa EUR 250.

**Huwa possibbli li tinforza ftehim dwar il-medjazzjoni?**

Fil-prinċipju, ftehim dwar il-medjazzjoni jista’ jiġi infurzat bl-għajnuna ta’ avukat jew nutar (cf. taqsimiet 796a sa 796c u taqsima 794(1)(5) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

**Ħoloq relatati**

- Assoċjazzjoni Federali għall-Medjazzjoni tal-Familja
- Assoċjazzjoni Federali għall-Medjazzjoni
- Assoċjazzjoni Federali għall-Medjazzjoni Ekonomika u Professjonali
- Ċentru għall-Medjazzjoni
- Assoċjazzjoni tal-Avukati Ġermaniżi

L-aħħar aġġornament: 12/04/2018

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-
tradutturi tagħna.

Jekk jogħġbok innota li dawn il-lingwi li ġejjin diġà ġew tradotti.

**Il-medjazzjoni fl-Istati Membri - Estonja**

Minflok tmur il-qorti, għalfejn ma tippruvax issolvi t-tilwima tiegħek permezz tal-medjazzjoni? Din hija miżura ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim, li biha medjatur jipprova jgħin dawk involuti f'tilwima biex jintlaħaq qbil. Il-gvern u l-ġuristi tal-Estonja jinsabu konxji tal-vantaġġi tal-medjazzjoni.

**Lil min għandek tikkuntattja?**

Fl-Estonja għandha ssir distinzjoni bejn il-medjazzjoni u l-konċiljazzjoni. Il-medjazzjoni hija kunċett wiesa’ li tkopri l-attivitajiet kollha fejn parti terza indipendenti tintervjeni bejn persuni li ma jkunux qed jaqblu fuq kwalunkwe kwistjoni, mingħajr ma jkollha d-drittijiet ta' arbitru f'qorti.

F’xi każijiet il-medjatur jista’ jkun il-Kanċillier tal-Ġustizzja. Għalkemm il-kunċett ta’ "ombudsman" mhux użat fl-Att dwar il-Kanċillier tal-Ġustizzja, il-Kanċillier tal-Ġustizzja jwettaq ukoll il-funzjonijiet ta’ ombudsman, billi jissorvelja jekk korpi tal-gvern jikkonformawx mad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-poplu u mal-prinċipji ta' governanza tajba u jissorvelja wkoll il-gvernijiet lokali, il-persuni ġuridiċi fil-liġi pubblika u entitajiet privati li jwettqu funzjonijiet pubbliċi. Mill-2011, il-Kanċillier tal-Ġustizzja wettaq ukoll il-funzjonijiet tal-ombudsman għat-tfal skont l-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal. Tista' ssib aktar informazzjoni fuq il- websajt tal-Uffiċċju tal-Kanċillier tal-Ġustizzja.

Skont il-liġi Estonjana, il-konċiljazzjoni tirreferi għall-attivitajiet ta' konċiljatur jew korp tal-konċiljazzjoni f'każijiet ċivili. Il-konċiljazzjoni hija regolata mill-Att dwar il-Konċiljazzjoni, u l-medjazzjoni taħt Att speċifiku li jipprovdi għall-medjazzjoni. L-Att dwar il-Konċiljazzjoni kien abbozzat biex jittrasponi d-Direttiva 2008/52 /KE dwar ċerti aspetti ta’ medjazzjoni f'materji ċivili u kummerċjali fil-liġi Estonjana.

Taħt l-Att dwar il-Konċiljazzjoni, konċiljatur jista' jkun kull persuna naturali li l-partijiet ikunu talbuha biex taġixxi bħala konċiljatur. Avukati u nutara jistgħu wkoll jaġixxu bħala konċiljatur. Taħt l-Att speċifiku r-rwol ta' konċiljatur jista' jiġi assenjat ukoll lil stat jew korp tal-gvern lokali.

Fil-websajt tal-Kamra tan-Nutara hemm lista ta' nutara lesti li jaġixxu bħala konċiljaturi.

Fil-websajt tal-Kamra tan-Nutara hemm lista ta' avukati lesti li jaġixxu bħala konċiljaturi.

Il-Ministeru tal-Affarijiet Soċjali qed jippjana biex jiżviluppa l-attivitajiet ta' konċiljaturi u medjaturi tal-familja.

Tista' tikkuntattja wkoll l-organizzazzjonijiet mhux governattivi li ġejjin:

L-Assoċjazzjoni Estonjana tal-Medjaturi tipprovdi informazzjoni kemm bl-Estonjan kif ukoll bl-Ingliż. Il-persuna ta' kuntatt hija Anneli Liivamägi.

L-Unjoni Estonjana għall-Benessri tat-Tfal hija assoċjazzjoni mingħajr skop ta' qligħ li tappoġġa d-drittijiet tat-tfal. L-attivitajiet tagħha jinkludu pariri lill-ġenituri li jixtiequ jisseparaw jew jiddivorzjaw, fejn jinkoraġġuhom biex jużaw is-servizzi tal-konċiljaturi sabiex jipproteġu l-interessi tat-tfal tagħhom. L-Unjoni organizzat sessjonijiet ta' taħriġ dwar is-suġġett tal-medjazzjoni tal-familja.

L-Assoċjazzjoni Estonjana tal-Assigurazzjoni waqqfet medjatur tal-assigurazzjoni biex jittratta tilwim bejn detenturi tal-assigurazzjoni u assiguraturi jew sensara tal-assigurazzjoni.

Taħt l-Att Kollettiv għar-Riżoluzzjoni tat-Tilwim dwar ix-Xogħol, il-partijiet għandhom id-dritt ta' rikors quddiem il-konċiljatur pubbliku fil-każ ta' tilwim industrijali kollettiv (tilwima rigward it-termini ta' ftehim kollettiv). Il-Konċiljatur Pubbliku huwa espert imparzjali li jgħin lil dawk involuti f'tilwim industrijali biex jintlaħaq kompromess.

L-indirizz ta' kuntatt tal-Konċiljatur Pubbliku għal tilwim industrijali kollettiv huwa Henn Pärn, Konċiljatur Pubbliku, telefon: +372 6269 960 , posta elettronika Henn.Parn@riikliklepitaja.ee. Tista' ssib aktar informazzjoni fuq il-websajt tal-Konċiljatur Pubbliku.

## F'liema qasam huwa ammissibbli u/jew l-aktar komuni li jsir r-rikors għall-medjazzjoni?

Il-proċess ta' konċiljazzjoni previst fl-Att dwar il-Konċiljazzjoni jista' ġeneralment jintuża biex jissolva kwalunkwe tilwim ċivili. Hemm proċedura ta' konċiljazzjoni f'kawżi ċivili meta t-tilwima tkun tikkonċerna relazzjoni fil-liġi privata u tkun qiegħda tiġi eżaminata minn qorti tal-kontea. Filwaqt li m'hemmx statistiċi komparattivi, huwa probabbli li l-medjazzjoni hija aktar komuni fil-qasam tal-liġi tal-familja.

Il-Kanċillier tal-Ġustizzja jsolvi tilwim li jikkonċerna d-diskriminazzjoni meta individwu japplika għal dikjarazzjoni li ġie diskriminat fuq raġunijiet ta' sess, razza, nazzjonalità (oriġini etnika), il-kulur, il-lingwa, l-oriġini, ir-reliġjon, l-opinjoni politika jew twemmin ieħor, l-istatus finanzjarju jew soċjali, l-età, id-diżabilità, l-orjentazzjoni sesswali jew karatteristiċi oħra stabbiliti bil-liġi. Il-medjaturi jistgħu wkoll jaġixxu fl-eventwalità ta' ksur tad-drittijiet fundamentali.

Il-Konċiljatur Pubbliku jaġixxi bħala konciljatur f'tilwim industrijali kollettiv.

## Hemm regoli speċifiċi li jridu jiġu segwiti?

Skont il-liġi Estonjana r-rikors għall-konċiljazzjoni huwa ġeneralment volontarju.

**L-Assoċjazzjoni Estonjana tal-Medjaturi** fasslet standard professjonali li ser ikun meħtieġ għall-konċiljaturi li jkunu jixtiequ jaġixxu bħala medjaturi tal-familja fl-Estonja.

**Il-Kodiċi Estonjan tal-Proċedura Ċivili** għandu regola speċjali li tipprovdi għal konċiljazzjoni minn imħallef f'sitwazzjonijiet fejn ġenitur jikser ordni rigward il-kuntatt mat-tfal. Skont it-Taqsima 563 tal-Kodiċi, dwar petizzjoni minn ġenitur wieħed, il-qorti tista' tħarrek liż-żewġ ġenituri biex jidhru l-qorti biex isolvu t-tilwima permezz ta' ftehim. Il-qorti tordna lill-ġenituri biex jidhru personalment u tgħarrafhom bil-potenzjal ta' konsegwenzi ġuridiċi (multa jew detenzjoni) jekk jonqsu milli jidhru.

Il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jipprovdi wkoll li jekk il-qorti tħoss li jkun neċessarju, fl-interess li jiġi solvut il-każ skont il-fatti tal-każ u l-proċedimenti li jkunu saru sa dak iż-żmien, tista' tobbliga lill-partijiet biex jieħdu sehem fi proċess ta' konċiljazzjoni taħt l-Att ta' Konċiljazzjoni.

Il-Konċiljazzjoni permezz tal-Kanċillier tal-Ġustizzja hija regolata skont it-Taqsimiet 355-3515 tal-Att dwar il-Kanċillier tal-Ġustizzja.

Ir-riżoluzzjoni ta' tilwim industrijali kollettiv, l-attivitajiet tal-Konċiljatur Pubbliku u d-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet involuti fil-proċess huma regolati mill-Att Kollettiv għar-Riżoluzzjoni tat-Tilwim Industrijali.

Ir-regoli ta' proċedura tal-medjatur tal-assigurazzjoni tal-Assoċjazzjoni tal-Assigurazzjoni Estonjana huma disponibbli onlajn.

Il-Ministeru għall-Affarijiet Soċjali qed jgħin sabiex jiżviluppa medjazzjoni tal-familja; din tinkludi l-istabbiliment ta' kwalifikazzjoni standard għall-medjazzjoni tal-familja. Fil-futur, l-istat jew il-gvern lokali jistgħu joffru medjazzjoni u jkopru l-ispejjeż ta' ċerti servizzi ta' medjazzjoni.

## Informazzjoni u taħriġ

L-informazzjoni dwar il-konċiljaturi li jaġixxu skont l-Att dwar il-Konċiljazzjoni, inklużi nutara u avukati, tinsab fil-websajts ta' dawk li jaġixxu bħala konċiljatur.

Fil-websajt tal-Kamra tan-Nutara hemm lista ta' nutara lesti li jaġixxu bħala konċiljaturi. L-istess informazzjoni fir-rigward tal-avukati tista' tinstab fil-websajt tal-Kamra tal-Avukati Estonjani.

Fil-websajt tal-Kanċillier tal-Ġustizzja hemm informazzjoni dwar l-attivitajiet tal-Kanċillier tal-Ġustizzja bħala konċiljatur.

Fil-websajt tal-Konċiljatur Pubbliku hemm informazzjoni dwar l-attivitajiet tal-Konċiljatur Pubbliku bħala konċiljatur.

It-taħriġ għall-medjaturi huwa pprovdut mis-settur privat (pereżempju l-Assoċjazzjoni tal-Medjaturi). M'hemm l-ebda regolament speċifiku dwar it-taħriġ tal-medjaturi.

## X'inhuma l-ispejjeż marbuta mal-medjazzjoni?

Skont l-Att tal-Konċiljazzjoni, il-konċiljazzjoni mhix bla ħlas; l-ispiża tal-konċiljazzjoni hija soġġetta għal ftehim bejn il-medjatur u l-partijiet involuti. Skont id-dejta fuq il-websajt tal-Assoċjazzjoni tal-Medjaturi, fl-2013 il-konċiljazzjoni tal-familja swiet EUR 60 għal kull sessjoni. L-ispejjeż tal-medjazzjoni jinqasmu b'mod ugwali bejn il-partijiet.

Fejn il-qorti tikkunsidra li jkun meħtieġ li ssir talba lil konċiljatur jew medjatur biex tiġi solvuta tilwima, il-parti l-aktar dgħajfa ekonomikament tista' titlob l-għajnuna mill-istat sabiex tkopri l-ispejjeż.

Jekk il-Kanċillier tal-Ġustizzja jaġixxi bħala konċiljatur ma jkun hemm l-ebda tariffa x'titħallas. Madankollu, jista' jkun hemm spejjeż addizzjonali marbuta mal-proċess ta' konċiljazzjoni. Il-Kanċillier tal-Ġustizzja jiddeċiedi min għandu jħallas dawn l-ispejjeż.

Ir-riżoluzzjoni ta' tilwim industrijali kollettiv mill-Konċiljatur Pubbliku hija wkoll mingħajr ħlas. L-ispejjeż li jirriżultaw mir-riżoluzzjoni ta' tilwim industrijali kollettiv iġġarrabhom il-parti li jkollha t-tort jew jiġu maqsuma bi ftehim komuni bejn il-partijiet.

Il-medjatur tal-assigurazzjoni tal-Assoċjazzjoni tal-Assigurazzjoni Estonjana jżomm tariffa amministrattiva ta' EUR 50 u l-konċiljatur tal-assigurazzjoni tariffa massima ta' EUR 160. Jekk il-konċiljazzjoni ma tkunx suċċess nofs id-dritt ta' ħlas tal-konċiljatur tal-assigurazzjoni ma tkunx pagabbli.

## Huwa possibbli li ftehim li jirriżulta minn medjazzjoni jiġi infurzat?

Skont l-Att dwar il-Konċiljazzjoni l-ftehim konkluż bħala riżultat ta' proċess ta' konċiljazzjoni jkun eżegwibbli wara li titwettaq il-proċedura adatta li tiddikjarah eżegwibbli fuq il-bażi ta' applikazzjoni (it-Taqsimiet 6271 u 6272 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili). Ftehim ta' Konċiljazzjoni konkluż bħala riżultat ta' proċess ta' konċiljazzjoni minn nutar jew avukat f'konformità mar-regoli stabbiliti fl-Att Notarili, jista' wkoll jiġi ddikjarat eżegwibbli minn nutar.

Ftehim milħuq permezz tal-Konċiljatur Pubbliku biex tiġi solvuta tilwima tax-xogħol kollettiv jorbot liż-żewġ partijiet u huwa validu mid-data li fiha jkun ġie ffirmat, sakemm ma jkunx intlaħaq qbil dwar skadenza għad-dħul fis-seħħ. Madankollu, dan it-tip ta' ftehim ma jikkostitwixxix titolu li jista' jkun infurzat.

L-aħħar aġġornament: 11/12/2014

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna en ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

## Il-medjazzjoni fl-Istati Membri - Irlanda

### Lil min għandek tikkuntattja?

M’hemm l-ebda korp ċentralizzat tal-Istat responsabbli biex jipprovdi s-servizzi ta’ medjazzjoni.

### F’liema qasam huwa l-użu tal-medjazzjoni ammissibbli u/jew l-aktar komuni?

Il-medjazzjoni tintuża l-aktar b’konnessjoni ma’ kawżi ta’ danni personali, tal-familja u kummerċjali u f’kawżi ta’ lmenti ta’ diskriminazzjoni illegali taħt il-leġiżlazzjoni tal-ugwaljanza.

### Hemm regoli speċifiċi li wieħed irid isegwi?

**Danni**

Ġeneralment, l-użu tal-medjazzjoni huwa volontarju. L-Att tal-2004 dwar il-Qrati u r-Responsabbiltà Ċivili (artikoli 15 u 16) jipprovdu għall-medjazzjoni. L-artikolu 15 jintroduċi l-kunċett ta’ konferenza ta’ medjazzjoni. Il-Qorti tista’ tordna lill-partijiet f’azzjoni dwar danni personali biex jiltaqgħu sabiex jiddiskutu u jippruvaw jilħqu ftehim dwar l-azzjoni. Meta parti tonqos milli tħares l-ordni, il-qorti tista’ tordna lil dik il-parti tħallas l-ispejjeż sussegwenti.

Il-medjatur f’dak il-każ jista’, f’ċerti ċirkustanzi, jkun persuna nominata minn korp “maħtur, għall-finijet ta’ dan l-artikolu, b’ordni tal-Ministru tal-Ġustizzja, Ugwaljanza u Riforma tal-liġi”.

Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok irreferi għall- Ordni tal-2005 taħt l-Att tal-2004 dwar Responsabbiltà Ċivili u l-Qrati (Korpi Maħtura taħt l-Artikolu 15) u l- ORDNI tal-2005 taħt l-Att tal-2004 dwar Responsabbiltà Ċivili u l-Qrati (Korpi Maħtura taħt l-Artikolu 15) (NRU.2).

**Liġi tal-Familja**

Fil-kamp tal-liġi tal-familja, numru ta’ Atti jeħtieġu li r-rappreżentanti legali tal-partijiet f’separazzjoni/divorzju jiddiskutu mar-rikorrent jew konvenut (kif xieraq) bil-possibbiltà li jagħmlu użu mill-medjazzjoni. L-għan hu li tinkiseb separazzjoni jew jinkiseb divorzju bbażat fuq ftehim bejn il-konjuġi. Ir-rappreżentanti legali jridu wkoll jgħatu lill-partijiet konċernati l-ismijiet u l-indirizzi ta’ persuni kwalifikati biex jagħtu servizz ta’ medjazzjoni għall-konjuġi mifrudin – u jridu jiċċertifikaw lill-qorti li hu jew hi osserva/t dawn ir-rekwiżiti. Jekk din iċ-ċertifikazzjoni ma tingħatax, il-qorti tista’ tiddifferixxi l-proċeduri għal dak iż-żmien li hi tikkunsidra li jkun raġonevoli biex ir-rappreżentant legali jkun jista’ jagħmel id-diskussjonijiet meħtieġa.

Jekk jogħoġbok irrikorri għas-sit elettroniku tal- Aġenzija tal-Appoġġ tal-Familja u s- Servizz tal-Medjazzjoni tal-Familja għal aktar informazzjoni.

**Kummerċjali**

Meta tinstema’ kwistjoni mdaħħla fil-lista kummerċjali, imħallef jista’ (taħt ordni 63A tar- **Regoli tal-Qrati Superjuri** [Proċeduri tal-Kummerċ] 2004), fuq rikors ta’ waħda mill-partijiet jew minn jeddu, jordna li: “il-proċeduri jew xi kwistjoni li tinqala’ fihom jiġu differiti għal dak iż-żmien, li ma jaqbisx tmienja u għoxrin ġurnata, kif hu jqis xieraq biex jagħti l-partijiet żmien biex jikkunsidraw jekk il-proċeduri jew il-kwistjoni għandiex tiġi riferuta għall-proċess ta’ medjazzjoni, konċiljazzjoni jew arbitraġġ, u meta l-partijiet jiddeċiedu li jirreferu l-proċeduri jew il-kwistjoni, li jestendi iż-żmien biex kwalunkwe parti ssir konformi ma kwalunkwe dispożizzjoni ta’ dawn ir-Regoli jew ma’ xi ordni oħra tal-Qorti.”

**Tribunal tal-Ugwaljanza**

Jekk jogħoġbok sib iktar informazzjoni fuq it-Tribunal tal-Ugwaljanza fuq is-sit elettroniku tal-Informazzjoni għaċ-Ċittadini u s-sit elettroniku tat- Tribunal tal-Ugwaljanza.

### Informazzjoni u taħriġ

B’mod ġenerali, it-taħriġ lill-medjaturi ma jaqax taħt ir-rwol tal-istat. Iżda, parti mir-rwol tal-Aġenzija tal-Appoġġ lill-Familja huwa li jipprovdi taħriġ relatat mal-medjazzjoni tal-familja. Sabiex japplikaw għal dan it-taħriġ, ir-rikorrenti jridu jkunu għamlu 60 siegħa ta’ kors ta’ taħriġ ġeneriku dwar il-medjazzjoni u jridu jgħaddu minn proċedura ta’ selezzjoni rigoruża.

Jekk jogħoġbok irreferi għas-sit elettroniku tal- Aġenzija ta’ Appoġġ lill-Familja  għal aktar informazzjoni.

### X’inhi l-ispiża tal-medjazzjoni?

Ġeneralment, il-medjazzjoni mhijiex mingħajr ħlas; il-ħlas jiddependi mill-ftehim li jsir bejn il-medjatur privat u l-partijiet.

Iżda, is- Servizz tal-Medjazzjoni tal-Familja u t- Tribunal tal-Ugwaljanza jistgħu jipprovdu servizz mingħajr ħlas.

### Huwa possibbli li jiġi infurzat ftehim li jkun intlaħaq minn medjazzjoni?

Ftehim li jkun intlaħaq fil-medjazzjoni jista’ jiġi infurzat bħala kuntratt.

L-aħħar aġġornament: 01/05/2010

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna el ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

## Il-medjazzjoni fl-Istati Membri - Greċja

Minflok ma wieħed imur il-qorti, għalfejn ma jiġux solvuti l-problemi permezz tal-Medjazzjoni? Din hi forma ta’ riżoluzzjoni ta’ kwistjoni alternattiva (ADR) fejn medjatur jassisti lil min hu involut fit-tilwim sabiex jilħqu ftehim. Il-gvern Grieg u l-prattikanti tal-ġustizzja huma attenti għall-vantaġġi tal-medjazzjoni.

### Lil min tista' tikkuntattja?

Fil-Greċja hemm żewġ istituzzjonijiet li joffru servizzi ta' medjazzjoni kif ġej: korpi:

Fil-qasam tal-liġi tax-xogħol, **il-Ministeru għall-Politika tal-Impjiegi** skont il-Liġi 3893/2012 (Gazzetta tal-Gvern, Serje I, Nru 211, 16.12.2010), li timplimenta d-Direttiva 2008/52/KE, il-medjatur għandu jkun avukat b'ċertifikazzjoni speċjali. Il-Bord għaċ-Ċertifikazzjoni tal-Medjaturi *(Επιτροπή Πιστοποίησης Διαμεσολαβητών)*, stabbilit mil-Ligi imsemmija hawn fuq, jaħdem taħt il-Ministeru tal-Ġustizzja, it-Trasparenza u d-Drittijiet tal-Bniedem u huwa responsabbli għaċ-ċertifikazzjoni tal-medjaturi. Medjatur jikseb iċ-ċertifikazzjoni wara li jgħaddi minn eżami quddiem bord tal-eżamijiet iffurmat minn żewġ membri tal-Bord għaċ-Ċertifikazzjoni tal-Medjaturi u uffiċċjal ġudizzjarju. Id-Dipartiment tal-Professjoni Legali u tal-Marixxalli *(Τμήμα Δικηγορικού Λειτουργήματος και Δικαστικών Επιμελητών)* tad-Direttorat Ġenerali għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja fi ħdan il-Ministeru tal-Ġustizzja, it-Trasparenza u d-Drittijiet tal-Bniedem

huwa responsabbli għaċ-ċertifikazzjoni tal-medjaturi u l-ħruġ tal-atti amministrattivi meħtieġa għaċ-ċertifikazzjoni. Id-Dipartiment jassigura wkoll illi jsiru t-tabelli tal-organizzazzjonijiet liċenzjati għat-taħriġ tal-medjaturi u tal-medjaturi ċċertifikati u jitqassmu lill-qrati. Listi ta' medjaturi ċċertifikati jinsabu fuq is-sit elettroniku tal- Ministeru tal-Ġustizzja, it-Trasparenza u d-Drittijiet tal-Bniedem.

Il- **Ministeru għall-Politika tax-Xogħol, is-Sigurta Soċjali u s-Servizzi Soċjali** jipprovdi servizz governattiv sabiex persuna impjegata tkun tista' titlob seduta uffiċjali dwar tilwima fuq il-post tax-xogħol. Il-proċedura tiġi mmexxija mid-dipartiment tal-Ispettorat tax-Xogħol *(Επιθεώρηση Εργασίας)*. Spettur speċjalizzat jiffissa seduta għall-impjegatur biex jispjega l-pożizzjoni tiegħu. Din is-seduta hija separata minn kwalunkwe proċedura ġudizzjarja oħra.

Fil kamp tal-liġi kummerċjali, l- **Ombudsman tal-Konsumatur** *(Συνήγορος του Καταναλωτή)* huwa awtorità indipendenti għall-ħarsien tad-drittijiet tal-konsumaturi, li jopera taħt il-Ministeru tal-Iżvilupp Reġjonali u l-Kompetittività. . L-Ombudsman huwa korp extraġudizzjarju għas-soluzzjoni konsenswali ta' tilwim tal-konsumaturi u istituzzjoni konsultattiva li taħdem mal-gvern biex issolvi l-problemi li jaqgħu fi ħdan il-mandat tiegħu. L-Ombudsman għandu rwol ta' superviżjoni fuq il- Bords ta' Soluzzjoni Konsenswali tat-Tilwim *(Επιτροπές Φιλικού Διακανονισμού)* tal-Kunsilli Lokali tad-Distretti *(Νομαρχιακές Αυτοδιοικήσεις)* li għandu rwol ta' medjazzjoni u soluzzjoni tat-tilwim, mingħajr ħlas, bejn il-konsumaturi u l-fornituri, u, jista' jaġixxi sakemm ma tkunx għaddejja wkoll proċedura ġudizzjarja parallela.

**F'liema qasam huwa permess u/jew l-aktar komuni r-rikors għall-medjazzjoni?**

Il-medjazzjoni hija l-aktar komuni fl-oqsma tal-**liġi tax-xogħol u kummerċjali**għal:

għal każijiet ċivili u kummerċjali;.

fil-qasam tal-liġi tax-xogħol u għas-soluzzjoni ta' tilwim tal-konsumaturi, kif deskritti hawn qabel;

għall-vittmi tal-vjolenza domestika (Liġi 3500/2006); u

għal ċerti reati kif tipprovdi l-Liġi 3094/2010.

**Hemm xi regoli speċifiki li jridu jiġu mħarsa?**

Ir-rikors għall-medjazzjoni huwa kompletament volontarju.

Ma hemmx **kodiċi nazzjonali tal-imġiba** għall-medjaturi.

Il-Greċja għadha ma implimentatx id-Direttiva 2008/52/KE

Il-medjazzjoni hija regolata mill-Artikolu 214A tas-CCiv.P, li jista' jiġi **applikat fil-kawżi introdotti mis-16-9-2000 'il quddiem**. L-Artikolu jgħid illi l-kawżi dwar tilwim f'każijiet ta' dritt privat li jaqgħu taħt il-ġuriżdizzjoni tal-qorti tal-prim'istanza ffurmata minn bosta membri f'proċeduri ordinarji, li għalihom il-konċiljazzjoni hija permessa taħt id-dritt sostantiv, ma jistgħux jinstemgħu jekk ma jkunx seħħ **tentattiv minn qabel biex tintlaħaq soluzzjoni alternattiva għat-tilwima.** Il-laqgħat biex tintlaħaq soluzzjoni alternattiva għat-tilwima jridu jsiru **f'perjodu bejn il-ħames jum wara li tkun ġiet innotifikata l-kawża u l-35 jum qabel tiġi ffissata d-data għas-smigħ**.

Il-partijiet iridu jeżaminaw it-tilwima kollha, kif ukoll kull azzjoni oħra tal-konvenut, mingħajr ma jkunu marbuta mid-dispożizzjonijiet tad-dritt sostantiv. Il-partijiet iridu jużaw il-mezzi xierqa kollha biex:

jiġu aċċertati l-fatti ewlenin u

l-punti li fuqhom jaqblu jew ma jaqblux,

kif ukoll il-konsegwenzi li lesti jaċċettaw jew le,

sabiex jiksbu soluzzjoni għat-tilwima aċċettabbli għaż-żewġ naħat.

**Jekk il-partijiet jaslu għal soluzzjoni...**

Titħejja**minuta** bl-eżenzjoni mill-obbligi, li jkun fiha:

il-kontenut tal-ftehim tagħhom u,

b'mod partikolari, in-natura tad-dritt rikonoxxut,

l-ammont marbut mal-eżekuzzjoni dovuta u

t-termini li taħthom trid issir l-eżekuzzjoni.

Barra minn hekk, l-ispejjeż jiġu stabbiliti u imposti skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 176 et seq.

Kull parti tista' tagħti kopja oriġinali tal-minuta lill-president tal-qorti tal-prim'istanza ffurmata minn bosta membri li quddiemha qiegħda pendenti l-kawża u titolbu biex jirratifikaha. **Il-president jirratifika l-minuta** wara **li jivverifika** illi:

It-tilwima tista' tkun l-oġġett ta' soluzzjoni alternattiva skont is-subinċiż 1.

Il-minuta ġiet iffirmata u ddatata mill-partijiet jew mill-avukati tagħhom u,

In-natura tad-dritt rikonoxxut u kwalunkwe ammont marbut mal-eżekuzzjoni dovuta hija ċara fil-minuta.

Jekk ġie mitlub ukoll **ordni għall-eżekuzzjoni** matul it-tilwima, **il-minuta tippermetti l-infurzar mar-ratifika** u l-president jannetti l-ordni ta' infurzar mal-minuta dak il-ħin. Jekk intalbet biss **sentenza dikjaratorja** , il-minuta għandha turi d-dritt rikonoxxut. Fi kwalunkwe każ ir-**ratifika tal-minuta ġġib fi tmiemha l-kawża l-qorti.**

**Jekk il-partijiet ma jaslux għal soluzzjoni**

**Jekk ma jintlaħaqx ftehim**, titħejja minuta bil-falliment tat-tentattiv biex tinstab soluzzjoni alternattiva għat-tilwima, fejn jistgħu jitniżżlu r-raġunijiet għall-falliment, iffirmata u datata mill-partijiet jew mill-avukati tagħhom.

**Jekk ma tiġix iffirmata minuta b'mod konġunt**, l-avukat tar-rikorrent jew tal-parti l-oħra jħejji rapport fejn jitniżżlu r-raġunijiet għall-falliment. L-avukat tan-naħa l-oħra jista jħejji rapport simili. Il-minuta dwar il-falliment jew ir-rapporti jiġu ppreżentati waqt is-smigħ flimkien mat-trattazzjoni. Ma hemmx bżonn li tiġi mħejjija minuta speċjali dwar il-falliment jew rapporti f'każ ta' ftehim parzjali li l-Greċja implimentat id-Direttiva 2008/52/KE permezz tal-Liġi 3898/2010 (Gazzetta tal-Gvern, Serje I, Nru 211, 16.12.2010).

Skont il-Liġi imsemmija hawn fuq, tilwim ġudizzjarju privat jista' jkun soġġett għal medjazzjoni bi ftehim bejn il-partijiet, jekk jistgħu jiddisponu liberament mill-oġġett tat-tilwima. Ftehim biex tilwima tmur għal medjazzjoni jista' jiġi ppruvat permezz ta' dokument jew mir-rekords tal-qorti li quddiemha qiegħda pendenti l-kawża, u hija regolata mid-dritt sostantiv dwar il-kuntratti.

Il-medjazzjoni hija possibbli jekk: (a) il-partijiet jaqblu dwar il-medjazzjoni qabel jew wara l-proċeduri ġuridiċi; (b) il-qorti li quddiemha qiegħda pendenti l-kawża ssejjaħ lill-partijiet biex imorru għall-medjazzjoni, wara li tkun qieset l-aspetti kollha tal-każ; soġġett għall-ftehim bejn il-partijiet, il-qorti trid imbagħad tiddifferixxi s-smigħ tal-kawża għal minn tliet xhur sa sitta; (c) qorti fi Stat Membru ieħor tordna l-medjazzjoni; (d) il-medjazzjoni hija rikjesta mil-Liġi.

Id-Deċiżjoni 109088 tal-Ministru tal-Ġustizzja, it-Trasparenza u d-Drittijiet tal-Bniedem: (a) tistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet speċifiċi għaċ-ċertifikazzjoni tal-medjaturi u l-proċedura sabiex din iċ-ċertifikazzjoni tiġi rikonoxxuta fi Stat Membru ieħor; ir-rikonoxximent u t-telf parzjali jew definittiv taċ-ċertifikazzjoni jeħtieġ il-kunsens bil-quddiem tal-Bord għaċ-ċertifikazzjoni tal-Medjaturi; (b) tistabbilixxi Kodiċi tal-Etika għall-medjaturi ċċertifikati; (c) tistabbilixxi l-kundizzjonijiet speċifiċi għall-għoti ta' pieni minħabba ksur tal-Kodiċi tal-Etika; dawn il-pieni, li jeħtieġu l-kunsens bil-quddiem tal-Bord, jikkonsistu fit-telf parzjali jew definittiv taċ-ċertifikazzjoni; u (d) tispeċifika kwistjonijiet rilevanti oħra.

Fil-proċess ta' medjazzjoni, kull parti jew ir-rappreżentant legali tagħha tidher flimkien mal-avukat tagħha.

Il-medjatur jiġi maħtur mill-partijiet jew minn persuna oħra tal-għażla tagħhom.

Il-proċess ta' medjazzjoni jiġi stabbilit mill-medjatur bi ftehim mal-partijiet, li jistgħu jtemmu l-proċess fi kwalunkwe mument. Il-proċess ta' medjazzjoni huwa kunfidenzjali, mingħajr ma jinżammu rekords tal-laqgħat. Il-medjatur jista' jikkuntattja u jiltaqa' ma' kull waħda mill-partijiet bħala parti mill-proċess ta' medjazzjoni. Il-medjatur ma jistax jgħaddi informazzjoni li jkun irċieva waqt laqgħa ma' parti minnhom lill-parti l-oħra mingħajr il-kunsens tal-ewwel parti.

Il-persuna proposta bħala medjatur mhix obbligata li taċċetta n-nomina. Waqt il-medjazzjoni, il-medjatur jista' jinżamm responsabbli biss għall-ħsieb li jqarraq.

Il-medjatur iħejji rekord tal-proċess tal-medjazzjoni, li jrid jinkludi:

(a) l-isem sħiħ tal-medjatur;

(b) il-post u l-ħin tal-medjazzjoni;

(c) l-isem sħiħ ta' kull min jieħu sehem fil-proċess ta' medjazzjoni;

(d) il-ftehim li permezz tiegħu saret il-medjazzjoni;

(e) il-ftehim li jilħqu l-partijiet matul il-medjazzjoni jew il-konferma tan-nuqqas ta' qbil, kif ukoll ir-raġuni għat-tilwima.

Wara l-medjazzjoni, ir-rekord tal-medjazzjoni jiġi ffirmat mill-medjatur, il-partijiet u l-avukati tagħhom. Fuq talba ta' mill-inqas waħda mill-partijiet, il-medjatur jassigura illi r-rekord oriġinali jingħata lis-segretarjat tal-qorti tal-prim'istanza ffurmata minn membru wieħed biss tar-reġjun fejn tkun saret il-medjazzjoni. Dan jeħtieġ il-ħlas ta' dritt, bil-bażi u l-aġġustament tal-ammont stabbiliti b'deċiżjoni konġunta tal-Ministru tal-Finanzi u l-Ministru tal-Ġustizzja, t-Trasparenza u d-Drittijiet tal-Bniedem. Jekk il-medjazzjoni ma tirnexxix, ir-rekord tal-medjazzjoni jista' jiġi ffirmat mill-medjatur waħdu.

Meta r-rekord jiġi ddepożitat mas-segretarjat tal-qorti tal-prim'istanza ffurmata minn membru wieħed biss, ir-rekord tal-medjazzjoni jsir ordni ta' infurzar skont l-Artikolu 904(2)(c) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jekk ikun jinkludi ftehim bejn il-partijiet fuq talba infurzabbli.

## L-implimentazzjoni prattika u l-applikazzjoni ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim (ADR)

Fil-prattika, madanakollu, l-użu tal-mekkaniżmu ADR ġie **limitat**. Dan il-mekkaniżmu jitħaddem biss bħala prerekwiżit proċedurali għas-smigħ tal-kawżi l-qorti.

L-uniku mekkaniżmu ADR li jista' jiġi meqjus bħala operattiv fil-Greċja huwa **l-arbitraġġ**:

Skont l-Artikoli 99 ff. tal-Kodiċi Grieg dwar il-Falliment, jista' jinħatar medjatur għal proċedura ta' trasferiment wara s-sottomissjoni ta' applikazzjoni minn entità naturali jew persuna ġuridika quddiem il-Qorti għall-Falliment*(πτωχευτικό δικαστήριο)*.

Il-Qorti għall-Falliment tistabbilixxi l-validità tal-applikazzjoni u tista' taħtar medjatur magħżul minn fost lista ta' esperti. **L-irwol tal-medjatur huwa li juża l-mezzi kollha xierqa biex jintlaħaq ftehim bejn id-debitur u d- (definizzjoni ġuridika) l-biċċa l-kbira tal-kredituri tiegħu, sabiex jiġi ssalvagwardjat in-negozju tad-debitur**.

Il-medjatur jista' jitlob lill-kreditur jew lill-istituzzjoni finanzjarja għal kwalunkwe informazzjoni dwar l-attività ekonomika tad-debitur, li tista' tkun utli għas-suċċess tal-proċess ta' medjazzjoni.

Jekk ma jista' jintlaħaq l-ebda ftehim, il-medjatur għandu jinforma immedjatament lill-President tal-Qorti, li jagħti bidu għall-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Falliment. Hawnhekk l-irwol tal-medjatur jiġi fi tmiemu.

## Informazzjoni u taħriġ

Ma hemmx sit elettroniku nazzjonali ta' informazzjoni jew programm nazzjonali ta' taħriġ. Il-Bord għaċ-Ċertifikazzjoni tal-Medjaturi huwa responsabbli għaċ-ċertifikazzjoni tal-medjaturi, jassigura illi l-organizzazzjonijiet għat-taħriġ fil-medjazzjoni jkunu konformi mar-rekwiżiti, jassigura illi l-medjaturi ċċertifikati jkunu konformi mal-Kodiċi tal-Etika u jirrakkomanda pieni stabbiliti bil-liġi. lill-Ministru tal-Ġustizzja, it-Trasparenza u d-Drittijiet tal-Bniedem.

Taħriġ għall-medjazzjoni jista' jiġi pprovdut minn soċjetà mingħajr skop ta' qligħ iffurmata mill-inqas minn assoċjazzjoni waħda tal-avukati u mill-inqas kamra nazzjonali, u topera taħt liċenzja mid-Dipartiment tal-Professjoni Legali u l-Marixxalli tad-Direttorat Ġenerali għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja tal-Ministeru tal-Ġustizzja, it-Trasparenza u d-Drittijiet tal-Bniedem, fuq rakkomandazzjoni tal-Bord għaċ-Ċertifikazzjoni tal-Medjaturi. Id-Digriet Presidenzjali 123/2011, maħruġ fuq proposta tal-Ministru tal-Ġustizzja, it-Trasparenza u d-Drittijiet tal-Bniedem, il-Ministru tal-Finanzi, il-Ministru għall-Kompetittività u t-Tbaħħir u l-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Edukazzjoni Tul il-Ħajja u l-Affarijiet Reliġjużi, stabbilixxa t-termini u l-kundizzjonijiet speċifiċi għall-għoti ta' liċenzji u l-operat ta' organizzazzjonijiet ta' taħriġ għall-medjazzjoni, il-kontenut tal-kurrikulu għat-taħriġ inizjali u kontinwu, it-tul tat-taħriġ, il-post għat-taħriġ, il-kwalifiki tal-għalliema, in-numru ta' parteċipanti u l-pieni li jingħataw lill-organizzazzjonijiet tat-taħriġ li ma josservawx ir-rekwiżiti. Il-pieni jikkonsistu f'multa jew fit-telf parzjali jew definittiv tal-liċenzja tal-operat. Il-kriterji għall-għażla u l-applikazzjoni tal-pieni ser jiġu mfissra fl-imsemmi Digriet Presidenzjali. Il-kisba, minn organizzazzjoni tat-taħriġ, ta' liċenzja ta' stabbiliment teħtieġ il-ħlas ta' dritt pubbliku, bil-bażi u l-aġġustament tal-ammont stabbiliti b'deċiżjoni konġunta tal-Ministru tal-Finanzi u l-Ministru tal-Ġustizzja, it-Trasparenza u d-Drittijiet tal-Bniedem.

Il-Ministeru tal-Ġustizzja, it-Trasparenza u d-Drittijiet tal-Bniedem juża kull mezz xieraq, b'mod partikolari l-Internet, biex jinforma lill-pubbliku kif għandu jaċċessa l-medjazzjoni.

## Kemm tiswa l-medjazzjoni?

Is-servizzi ta' medjazzjoni offruti miż-żewġ Istituzzjonijiet speċjalizzati, fil-qasam tal-liġi tax-xogħol u dik kummerċjali, huma **mingħajr ħlas.**

Fil-każijiet l-oħra, il-medjazzjoni ssir bi ħlas. **Il-ħlas** huwa soġġett għal ftehim bejn il-medjatur privat u l-partijiet involuti. L-**ispiża minima** tal-medjazzjoni hija stabbilita mid-**Deċiżjoni Ministerjali**. Il-medjaturi jirċievu rata fis-siegħa sa massimu ta' 24 siegħa, inkluż il-ħin ta' preparazzjoni. Il-medjatur jista' jaqbel fuq forma oħra ta' pagament mal-partijiet ikkonċernati. Il-ħlas lill-medjatur jinqasam b'mod ugwali bejn il-partijiet sakemm ma jkunx miftiehem xort'oħra. Kull parti għandha tħallas id-drittijiet tal-avukati tagħha. Il-bażi u r-rata massima fis-siegħa għall-medjazzjoni hija stabbilita permezz ta' deċiżjoni tal-Ministru tal-Ġustizzja, it-Trasparenza u d-Drittijiet tal-Bniedem.

## Jista' jiġi infurzat ftehim riżultat tal-medjazzjoni?

**Id-Direttiva 2008/52/KE** tippermetti lil dawk involuti f'tilwima biex jitolbu l-infurzar ta' ftehim bil-miktub riżultat tal-medjazzjoni. L-Istati Membri jridu jikkomunikawh lill-qrati u lill-awtoritajiet l-oħra li jistgħu jirċievu dawn it-talbiet.

Il-Greċja għadha **ma kkomunikatx** din l-informazzjoni. Wara l-medjazzjoni, ir-rekord tal-medjazzjoni jiġi ffirmat mill-medjatur, mill-partijiet u mill-avukati tagħhom. Fuq talba ta' mill-inqas waħda mill-partijiet, il-medjatur jassigura illi r-rekord oriġinali jiġi ddepożitat mas-segretarjat tal-qorti tal-prim'istanza ffurmata minn membru wieħed biss tar-reġjun fejn tkun saret il-medjazzjoni. Dan jeħtieġ il-ħlas ta' dritt, bil-bażi u l-aġġustament tal-ammont stabbiliti b'deċiżjoni konġunta tal-Ministru tal-Finanzi u l-Ministru tal-Ġustizzja, t-Trasparenza u d-Drittijiet tal-Bniedem. Jekk il-medjazzjoni tfalli, ir-rekord tal-medjazzjoni jista' jiġi ffirmat mill-medjatur waħdu.

Meta r-rekord jiġi ddepożitat mas-segretarjat tal-qorti tal-prim'istanza ffurmata minn membru wieħed biss, ir-rekord tal-medjazzjoni jsir ordni ta' infurzar skont l-Artikolu 904(2)(c) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jekk ikun jinkludi ftehim bejn il-partijiet fuq talba infurzabbli.

Proċess ta' medjazzjoni mibdi mill-qorti jissospendi l-perjodu ta' preskrizzjoni għat-talbiet sakemm jitlesta. Skont l-Artikolu 261 ff. tal-Kodiċi Ċivili, il-perjodi sospiżi tal-preskrizzjoni jerġgħu jibdew jgħoddu meta jitħejja r-rekord tal-falliment tal-medjazzjoni jew waħda mill-partijiet tinnotifika lill-parti l-oħra u lill-medjatur b'avviż jew att ieħor li jġib fi tmiem il-proċess ta' medjazzjoni.

Skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2008/52/KE, it-talbiet għandhom isiru lis-segretarjat tal-qorti tal-prim'istanza ffurmata minn membru wieħed tar-reġjun fejn saret il-medjazzjoni, li hija l-awtorità kompetenti (skont l-Artikolu 6(1) u (2) tad-Direttiva).

## Ħoloq relatati

L-Assoċjazzjoni tal-Avukati ta' Ateni

Il-Ministeru għall-Politika tal-Impjiegi, is-Sigurtà Soċjali u s-Servizzi Soċjali

L-Ombudsman tal-Konsumatur
Il-Ministeru tal-Ġustizzja, it-Trasparenza u d-Drittijiet tal-Bniedem
Iċ-Ċentru Grieg għall-Medjazzjoni u l-Arbitraġġ
L-aħħar aġġornament: 25/06/2018
Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.
Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-traduttturi tagħna.
Jekk jogħġbok innota li dawn il-lingwi li ġejjin diġà ġew tradotti.

**Il-medjazzjoni fl-Istati Membri - Spanja**

Wieħed mill-fenomeni li qed jaffettwaw l-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja fi Spanja f'dawn l-aħħar snin huwa ż-żieda fil-litiġji, li qed tħalli impatt fuq l-operat tagħha.
Minħabba f'hekk Spanja qed tara kif issib modi alternattivi biex issovi t-tilwim b'mod iktar effikaċi mill-mudell preżenti.
Il-medjazzjoni hija waħda minn dawn il-mezzi, flimkien mal-arbitraġġ u l-konċiljazzjoni.

**Lil min tista' tikkuntattja?**

Ara l-informazzjoni dwar kif issib medjatur fi Spanja.

**F'liema qasam huwa ammissibbli jew l-iktar komuni r-rikors għall-medjazzjoni?**

Il-Liġi 5/2012, tas-6 ta' Lulju, dwar il-medjazzjoni fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali, tittrasponi fil-Liġi Spanjola d-Direttiva 2008/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008. Din il-Liġi tistabbilixxi qafas minimu għall-użu tal-medjazzjoni mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet adottati mill-Komunitajiet Awtonomi.

**Il-medjazzjoni fl-ambitu soċjali**

Il-medjazzjoni hija komuni ħafna fit-tilwim industrijali. F'ċerti okkażjonijiet huwa obbligatorju li tipprova l-medjazzjoni qabel ma tirrikorri għall-Qrati. It-tilwim kollettiv normalment ikun suġġetti għall-medjazzjoni, u f'ċerti Komunitajiet Awtonomi t-tilwim individwali jkun medjat ukoll.
Il-Komunitajiet Awtonomi għandhom korpi ta' medjazzjoni industrijali ddedikati għal dawn il-kwistjonijiet. Fil-livell statali s-Servizz Interkonfederali tal-Medjazzjoni u l-Arbitraġġ (SIMA), joffri servizz ta' medjazzjoni bla ħlas għal tilwim li ma jaqax fil-kompetenza tal-Komunitajiet Awtonomi.
Il-Liġi 36/2011, li tirregola l-ġurisdizzjoni soċjali, tintroduċi noveltà ġenwina billi tistabbilixxi norma ġenerali li kull talba trid tkun akkumpanjata minn ċertifikat li juri li l-ewwel ġiet ippruvata l-konċiljazzjoni u l-medjazzjoni quddiem is-servizz amministrattiv korrispondenti, jiġifieri s-Servizz tal-Medjazzjoni, l-Arbitraġġ u l-Konċiljazzjoni (SMAC) jew quddiem korpi bl-istess funzjonijiet b'konformità ma' Ftehim Kollettiv, għalkemm l-artikolu ta' warajh jelenka l-proċessi li huma eżenti minn dan ir-rekwiżit.
Il-Liġi 36/2011 ma tintroduċix biss ir-referenza espressa għall-medjazzjoni dwar il-konċiljazzjoni ta' qabel il-proċess, iżda anke ladarba l-proċedimenti jkunu bdew.

**Il-medjazzjoni fl-ambitu ċivili u familjari**

Il-Liġi 5/2012, dwar il-medjazzjoni fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali, tinkludi l-possibilità li fis-seduta preliminari l-partijiet jiġu infurmati dwar il-possibbiltà li jirrikorru għall-medjazzjoni biex jippruvaw isibu soluzzjoni għat-tilwima, inkluż, u skont is-suġġett tal-proċess, il-qorti tkun tista' tistieden lill-partijiet biex jippruvaw jilħqu ftehim li jtemm il-proċess u tippermetti li l-partijiet jitolbu s-sospensjoni tal-proċess biex jissottomettu ruħhom għall-medjazzjoni jew l-arbitraġġ.
Il-Liġi 5/2012, implimentat bidla importanti f'dan il-qasam ġuridiku għax tintroduċi, fil-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili, referenza espressa għall-medjazzjoni bħala mezz mhux ġudizzjarju kif ittemm il-proċediment.
Fl-ordni ġuridiku Spanjol, il-proċess tal-medjazzjoni huwa strutturat l-iktar u jilħaq l-iżvilupp massimu tiegħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi tal-familja.
Fil-livell statali, il-Liġi 15/2005, tagħmel pass importanti 'l quddiem billi tqis il-medjazzjoni bħala mezz alternattiv volontarju għal soluzzjoni għal-litiġji familjari u tiddikjara l-libertà bħala valur superjuri fl-ordni ġuridiku Spanjol u tipprevedi li l-partijiet jistgħu jitolbu xħin iridu lill-Imħallef biex jissospendi l-proċess ġudizzjarju biex jidħlu f'medjazzjoni familjari u jippruvaw jaslu għal soluzzjoni kunsenswali dwar is-suġġett tal-litiġju.
Min-naħa l-oħra, il-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili tistipula l-possibilità li l-partijiet, bi qbil bejniethom, jitolbu s-sospensjoni tal-proċess biex jidħlu għall-medjazzjoni, imma ma tobbligax lill-imħallef jissospendi l-proċess mill-ewwel biex jirreferi lill-partijiet għal sessjoni informattiva, u lanqas ma tirrakkomanda li jsir hekk.
Is-servizzi ta' medjazzjoni familjari offruti jvarjaw ħafna bejn id-diversi Komunitajiet Awtonomi, u anke fl-istess Komunità jista' jkun hemm differenzi bejn belt u oħra. F'xi Komunitajiet Awtonomi hija l-Komunità stess li toffri s-servizz (bħal pereżempju, il-Katalonja) filwaqt li f'oħrajn, huma l-awtoritajiet lokali li joffru s-servizzi ta' medjazzjoni familjari.
Il-Kunsill Ġenerali tal-Ġudikatura jappoġġa u jagħmel superviżjoni tal-inizjattivi ta' medjazzjoni fid-diversi Qrati u Tribunali ta' Spanja, sostnuti minn Komunitajiet Awtonomi, Universitajiet, Awtoritajiet Lokali jew Assoċjazzjonijiet.

**Il-medjazzjoni fl-ambitu kriminali**

Il-medjazzjoni fl-ambitu kriminali minn naħa għandha bħala għan, ir-riintegrazzjoni tal-aggressur, u min-naħa l-oħra l-kumpens għall-vittma.
Fis-sistema ġudizzjarji għall-minuri (età bejn 14 u 18-il sena) il-medjazzjoni hija rregolata espressament bħala mezz ta' riedukazzjoni tal-minuri. F'dan l-ambitu, il-medjazzjoni ssir minn skwadra ta' appoġġ għas-servizz responsabbli mill-Prosekuzzjoni ta' Minuri, għalkemm jista' jsir ukoll minn istituzzjonijiet tal-Komunitajiet Awtonomi u entitajiet oħrajn bħal Assoċjazzjonijiet.
Fl-ambitu tas-sistema ġudizzjarja għall-adulti, il-medjazzjoni mhix regolata, għalkemm fil-prattika f'ċerti provinċi ssir, abbażi tal-kodiċi kriminali u tal-proċedura kriminali li jippermettu t-tnaqqis tal-piena billi wieħed ipatti għad-danni li jkun ikkaġuna, kif ukoll skont in-normi internazzjonali applikabbli.
Normalment, il-medjazzjoni ssir b'konnessjoni ma' delitti inqas serji, bħal żbalji, għalkemm tista' tkun possibbli wkoll għal delitti iktar serji jekk iċ-ċirkostanzi jkunu jippermettuha.
Fir-rigward tal-vjolenza domestika, il-Liġi Organika 1/2004 dwar miżuri ta' protezzjoni koprensivi kontra l-vjolenza domestika, stabbiliet il-projbizzjoni espressa tal-medjazzjoni meta jkun hemm vjolenza domestika. Minkejja dan, hemm dejjem iżjed nies li jiddefendu l-medjazzjoni f'dan il-qasam tal-ordni ġuridiku, minħabba li jkun aħjar li tqis il-kawżi b'mod individwali biex tara jekk il-medjazzjoni tkunx xierqa għalihom. F'dan ir-rigward, il-Kunsill Ġenerali tal-Ġudikatura f'Rapport tal-2001 dwar il-Vjolenza Domestika fil-Familja, enfasizza l-adegwatezza li reati minuri jew reati li jinvolvu vjolenza domestika jkunu riferuti lill-Qrati Ċivili.
Il-Kunsill Ġenerali tal-Ġudikatura jappoġġa u jagħmel superviżjoni tal-inizjattivi ta' medjazzjoni fid-diversi Qrati Kriminali Lokali, Qrati Kriminali oħrajn u Qrati Provinċjali fi Spanja. S'issa, l-esperjenzi l-iktar importanti, fir-rigward ta' kwantità, saru fil-Katalonja u fil-Pajjiż Bask.

**Il-medjazzjoni fl-ordni ġuridiku tad-dritt amministrattiv**

Il-Liġi dwar id-Dritt Amministrattiv ma tikkontemplax espressament il-possibilità tal-użu ta' mezzi alternattivi biex tinsab soluzzjoni għat-tilwim, għalkemm lanqas ma teskludihom.

Fl-istess ħin, din il-liġi tagħraf il-possibilità li l-istħarriġ tal-legalità tal-attivitajiet amministrattivi jsir b'mezzi ġudizzjarji komplementari oħrajn, biex tiġi evitata l-proliferazzjoni ta' rikorsi bla bżonn u toffri metodi inqas għaljin u inqas twal għas-soluzzjoni ta' għadd imdaqqas ta' kunflitti.

Il-Portal tal-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja fih informazzjoni dwar l-organi ġudizzjarji li joffru servizzi ta' medjazzjoni intraġudizzjarji fid-dritt ċivili, kummerċjali, kriminali, soċjali u familjari, kif ukoll informazzjoni dwar id-diversi servizzi ta' medjazzjoni ekstraġudizzjarji li jkunu offruti permezz tad-diversi Kulleġġi u Assoċjazzjonijiet professjonali.

**Hemm regoli speċifiċi li jridu jiġu segwiti?**

B'mod ġenerali, il-medjazzjoni ssir minn terza persuna imparzjali li tkun marbuta li żżomm il-kunfidenzjalità.

Il-partijiet, assistiti mill-avukati tagħhom, jistgħu jiddeċiedu li jippruvaw il-medjazzjoni u jinfurmaw lill-Qorti b'dan, jew jistgħu anke jkunu kkuntattjati mill-Qorti meta jitqies li l-kawża tista' tiġi solvuta bil-medjazzjoni.

Fl-ambitu kriminali normalment l-ewwel ma jiġi kkuntattjat ikun l-aggressur, u ladarba jagħti l-kunsens tiegħu tiġi kkuntattjata l-vittma biex tiġi ppruvata l-medjazzjoni.

**Informazzjoni u taħriġ**

Il-Liġi 5/2012 dwar il-medjazzjoni fil-qasam ċivili u kummerċjali, tistabbilixxi li l-medjatur irid ikollu grad universitarju uffiċjali jew taħriġ professjonali avvanzat u taħriġ speċifiku biex jeżerċita l-medjazzjoni, li jkun kiseb billi jkun attenda wieħed mill-bosta korsijiet speċifiċi mogħtija minn istituzzjonijiet akkreditati għal dan, li jkunu validi għall-eżerċizzju tal-attività ta' medjatur f'kull parti tat-territorju nazzjonali.

Xi Komunitajiet Awtonomi jirreferu għat-taħriġ neċessarju biex wieħed isir medjatur fil-qasam tal-familja permezz tal-liġijiet u r-Regolamenti tagħhom għall-iżvilupp. B'mod ġenerali huwa meħtieġ li medjatur ikun gradwa minn Università, tal-inqas bi grad medju, u li barra minn hekk ikun tħarreġ speċifikatament fil-medjazzjoni b'korsijiet li fil-biċċa l-kbira tagħhom ikunu prattika b'durata ta' bejn 100 u 300 siegħa.

It-taħriġ speċifiku fil-medjazzjoni normalment ikun offrut minn Isitituti Universitarji u Kulleġġi Professjonali, bħal dawk tal-Psikologi u tal-Avukati.

**Kemm tiswa l-medjazzjoni?**

B'mod ġenerali, il-medjazzjoni konnessa mal-Qorti tkun b'xejn.

Fl-ambitu tad-dritt industrijali. is-servizzi tal-Komunitajiet Awtonomi u s-SIMA huma b'xejn.

Fl-ambitu tad-dritt tal-familja, is-servizzi offruti mill-entitajiet li jikkollaboraw mat-Tribunal huma ġeneralment b'xejn. Fil-Katalonja, il-prezz tal-proċess tal-medjazzjoni għall-persuni li ma jgawdux mill-benefiċċju tal-ġustizzja b'xejn huwa rregolat.

Fl-ambitu tad-dritt kriminali, il-medjazzjoni offruta mill-istituzzjonijiet pubbliċi hija b'xejn.

Fil-każ ta' medjazzjoni ekstraġudizzjarja, il-partijiet huma liberi li jirrikorru għand medjatur u jħallsu l-onorarji li jaqblu dwarhom liberament. Rigward il-ħlas għall-medjazzjoni, il-Liġi 5/2012 tgħid espressament li, sakemm il-partijiet ma jiftehmux mod ieħor, il-ħlas għall-medjazzjoni jinqasam b'mod ugwali bejn il-partijiet, sew jekk il-medjazzjoni twassal għal ftehim u sew jekk le.

Bl-għan li tinċentiva s-soluzzjoni tal-litiġji b'mezzi ekstraġudizzjarji, il-Liġi 10/2012 li tirregola ċerti tariffi fl-ambitu tal-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja u tal-istitut Nazzjonali tat-Tossikoloġija u x-Xjenza Forensika, tistabbilixxi tnaqqis fil-kwota tariffarja meta jkun hemm soluzzjoni ekstraġudizzjarja li tiffranka parti mill-ispejjeż tas-servizzi pprovduti.

**Huwa possibbli li teżegwixxi ftehim miksub b'riżultat ta' medjazzjoni?**

Il-Liġi 5/2012 tistabbilixxi li l-partijiet jistgħu jifformalizzaw bi skrittura pubblika, il-ftehim milħuq permezz ta' proċediment ta' medjazzjoni.

Meta l-eżekuzzjoni tal-ftehim mill-medjazzjoni tkun trid issir fi Stat ieħor, minbarra l-formalizzazzjoni bi skrittura pubblika, tkun neċessarja l-konformità mar-rekwiżiti li, skont il-każ, ikunu jeħtieġu l-ftehimiet internazzjonali li Spanja tkun aderiet magħhom u n-normi tal-Unjoni Ewropea.

Meta l-ftehim ikun intlaħaq bil-medjazzjoni wara li jkun diġà nbeda proċess ġudizzjarju, il-partijiet ikunu jistgħu jitolbu lill-qorti tapprova l-ftehim skont id-dispożizzjonijiet tal-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili.

Il-possibilità ta' eżekuzzjoni ta' ftehim bil-medjazzjoni jiddependi mill-grad ta' libertà ta' azzjoni mill-partijiet dwar is-suġġett li sar il-ftehim dwaru.

**Ħoloq relatati**

IS-SERVIZZ INTERKONFEDERALI TAL-MEDJAZZJONI U L-ARBITRAĠĠ TA' SPANJA

L-aħħar aġġornament: 26/03/2019

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Il-medjazzjoni fl-Istati Membri - Franza

Minflok ma tmur ilqorti, għaliex ma ssolvix id-disputa tiegħek permezz talmedjazzjoni? Dan huwa mod alternattiv kif issolvi ttilwim fejn ilmedjatur jgħin lillpartijiet biex jilħqu ftehim. Fi Franza, ilgvern u lprofessjonisti jagħrfu lvantaġġi talmedjazzjoni.

**Lil min għandi nikkuntattja?**

Fi Franza ma hemmx awtorità tal-gvern jew ċentrali responsabbli mir-regolamentazzjoni tal-professjoni ta' medjatur. Attwalment ma hemmx pjanijiet biex tinħoloq waħda.

Madankollu hemm organizzazzjonijiet nongovernattivi li qed jaħdmu fil-qasam tal-liġi tal-familja:

L- APMF (**Association Pour la Médiation Familiale — L-Assoċjazzjoni għall-Medjazzjoni tal-Familja**) kellha 700 menbru fl-2012, il-biċċa l-kbira tagħhom medjaturi tal-familja. Din tipprovdi diretorju tal-medjaturi, li huwa faċilment aċċessibbli, għal kull reġjun.

Il- FENAMEF (**Fédération Nationale des Associations de Médiation Familiales — Il-Federazzjoni Nazzjonali tal-Assoċjazzjonijiet għall-Medjazzjoni tal-Familja)** kellha aktar minn 480 post għall-medjazzjoni tal-familja fl-2012, kif ukoll tipprovdi direttorju li juri l-post tas-servizzi għall-medjazzjoni.

Tista' tikkonsulta wieħed minn dawn:

Is- CMAP (**Centre de Médiation et d'Arbitrage de Paris — Iċ-Ċentru għall-Medjazzjoni u l-Arbitraġġ ta' Pariġi)** jittratta tilwimiet bejn negozji (kbar).

Fl-2012, l- IEAM (**l'Institut d'Expertise, d'Arbitrage et de Médiation — L-Istitut tal-Ispeċjalizzazzzjoni, l-Arbitraġġ u l-Medjazzjoni**) ġabar aktar minn 100 espert tal-qorti u speċjalist li jaħdmu għal soluzzjoni fit-tilwim fl-oqsma tal-ekonomija u l-finanzi, il-liġi u t-tassazzjoni, il-mediċina, il-kostruzzjoni u x-xogħlijiet pubbliċi, l-industrija, il-materja prima u t-trasport.

L- FMCML (**Fédération des Médiateurs et Chargés de Mission libéraux — Il-Federazzjoni tal-Medjaturi u tal-Koordinaturi ta' Proġetti**) tiġbor fiha madwar 100 espert li jistgħu jkunu wkoll medjaturi apparti r-rwol tagħhom li jagħtu opinjnijiet esperti f'għadd ta' oqsma (il-kostruzzoni, il-proprjetà, l-industrija, is-servizzi, il-kummerċ, kwistjonijiet soċjali u t-tassazzjoni, it-teknoloġija tal-informatika, l-ambjent u kwistjonijiet mediċi u paramediċi).

Fl-2012 l- FNCM (**Fédération Nationale des Centres de Médiation — Il-Federazzjoni Nazzjonali taċ-Ċentri għall-Medjazzjoni**) kienet tirrappreżenta 79 ċentru għall-medjazzjoni tal-Assoċjazzjoni tal-Avukati, organizzati skont linji reġjonali. Il-membri huma prinċipalment avukati; il-Federazzjoni għandha l-appoġġ tal-Kunsill Nazzjonali tal-Assoċjazzjonijiet tal-Avukati (*Conseil national des barreaux* — CNB), u għandha rabtiet numerużi mad-dinja tal-qrati. Fuq il-websajt tagħha huwa disponibbli direttorju.

L- ANM (**Association Nationale des Médiateurs — L-Assoċjazzjoni Nazzjonali tal-Medjaturi**) twaqqfet fl-1993; fl-2012 kienet tirrappreżenta madwar 20 assoċjazzjoni u madwar 300 membru li kienu rragruppati fi 11-il delegazzjoni reġjonali. Hija fasslet kodiċi ta' kondotta nazzjonali għall-medjaturi. Fuq il-websajt tagħha huwa disponibbli direttorju.

**F'liema oqsma tal-liġi hemm l-aktar il-possibbiltà ta' riferimenti għal medjazzjoni, jew huma l-aktar komuni?**

Skont il-liġi Franċiża, il-Partijiet, jistgħu jirreferu kwistjoni għal medjazzjoni fi kwalunkwe qasam tal-liġi, dejjem jekk il-medjazzjoni ma tfixkilx **ir-regoli ta' politika pubblika li jirregolaw l-imġiba soċjali u ekonomika** *(ordre public de direction).* Pereżempju, mhux se jkun possibbli li jiġi konkluż ftehim ta' medjazzjoni sabiex jiġu evitati r-regoli mandatorji dwar iż-żwieġ jew id-divorzju.

Il-medjazzjoni tintuża l-aktar spiss **f'kawżi familjari** (fil-qorti tal-familja, permezz ta' medjatur tal-familja (*médiateur familial*)) u **f'kawżi ta' talbiet żgħar** (qabel il-qorti lokali jew il-qorti tad-distrett, permezz ta' konċiljatur ġuridiku (*conciliateur de justice*)).

**X'inhuma r-regoli?**

**Referenza għall-medjazzjoni**

Kwistjoni tista' tiġi riferuta għall-medjazzjoni **bil-kunsens minn qabel tal-partijiet biss**.

Jekk il-proċeduri tal-Qorti jkunu diġà nbdew "il-Qorti li tkun qed tisma' t-tilwima tista', bil-kunsens tal-partijiet, taħtar parti terza biex taċċerta l-pożizzjoni tal-partijiet u biex tqabbel il-perspettivi tagħhom bil-għan li huma jkunu jistgħu jsibu soluzzjoni fit-tilwima" (l-Artikolu 131-1 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Fl-oqsma speċifiċi tat-twettiq tas-setgħa tal-ġenituri jew ta' miżuri interim f'każ ta' divorzju, il-Qorti tista' wkoll tiggwida l-partijiet biex jattendu laqgħa ta' tagħrif dwar il-medjazzjoni, li tkun b'xejn, u li ma tista' tagħti lok għall-ebda penali (l-Artikoli 255 u 373-2-10 tal-Kodiċi Ċivili).

L-Ordni *(ordonnance)* Nru 2011-1540 tas-16 ta' Novembru 2011 ittrasponiet id-Direttiva tal-UE 2008/52/KE fil-liġi Franċiża. Id-Direttiva tistabbilixxi qafas maħsub biex jiffaċilita s-soluzzjoni bonarja fit-tilwim ta' bejn il-Partijiet, bl-għajnuna ta' parti terza, il-medjatur. L-Ordni wessgħet il-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet fid-Direttiva biex kopriet mhux biss il-medjazzjoni transfruntiera iżda wkoll il-medjazzjoni ġewwa l-pajjiż, bl-eċċezzjoni ta' tilwimiet li għandhom x'jaqsmu ma' kuntratti tal-impjieg jew li jinvolvu l-liġi amministrattiva taħt is-setgħa sovrana tal-Istat *(droit administratif régalien).*

Din l-Ordni tas-16 ta' Novembru 2011 temenda l-Att *(loi)* tat-8 ta' Frar 1995 sabiex jiġi stabbilit qafas ġenerali għall-medjazzjoni. Hija tiddefinixxi l-kunċett ta' medjazzjoni, tiddeskrivi l-kundizzjonijiet li l-medjatur għandu jissodisfa, u tikkonferma l-prinċipju tal-kunfidenzjalità, li huwa vitali għas-suċċess fil-proċess ta' medjazzjoni.

L-ordni tikkonferma l-prinċipju li fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri, il-qorti li tkun qed tisma' tilwima tista' taħtar medjatur, li fil-prattika jista' jkun ukoll konċiljatur ġuridiku *(conciliateur de justice).* Il-Qorti ma tistax tiddelega t-tentattivi preliminari fil-konċiljazzjoni lil medjatur, f'każijiet ta' divorzju u separazzjoni. Meta l-partijiet ma jaqblux dwar il-medjazzjoni, il-Qorti tista' tiġġwidahom biex jiltaqgħu ma' medjatur sabiex jispjegalhom l-iskop u kif taħdem il-medjazzjoni. Kif inhi l-liġi bħalissa, laqgħat ta' dan it-tip jistgħu jingħataw biss minn konċiljaturi ġuridiku u medjaturi tal-familja.

Id-Digriet *(décret)* Nru 2012-66 tal-20 ta' Jannar 2012, li jimplimenta l-Ordni msemmija qabel*(ordonnance)* tas-16 ta' Novembru 2011, idaħħal fil-proċedura tal-Kodiċi Ċivili l-ħames volum *(Livre V)* fir-rigward tas-soluzzjonijiet amikevoli fit-tilwim, sabiex jiġu ċċarati r-regoli li jirregolaw il-medjazzjoni jew il-konċiljazzjoni kuntrattwali kif ukoll dawk li jirregolaw is-soluzzjonijiet bonarji *(procédure participative).* Dan il-ħames volum huwa marbut mat-Titolu VI tal-Kodiċi, li għandu x'jaqsam mal-konċiljazzjoni legali u mat-Titolu VI *bis,* li għandu x'jaqsam mal-medjazzjoni tal-qorti. L-Ordni *(décret)* Nru 78381 tal-20 ta' Marzu 1978 ġiet emendata biex issa tħaddan biss ir-regoli li jirregolaw l-uffiċċju tal-konċiljatur ġuridiku.

**Ir-regoli li jirregolaw il-medjazzjoni**

Fil-livell nazzjonali, ma jeżisti l-ebda kodiċi tal-kondotta għall-medjaturi.

Il-Kamra tal-Kummerċ u l-Industrija ta' Pariġi*(Chambre de commerce et d'industrie)* stabilixxiet il-kodiċi tal-kondotta tajba, u hija stess tissorvelja l-aderenza miegħu.

Il-medjaturi tal-familja huma ggwidati, kemm jekk huma jissottoskrivu direttament lilhom infushom jew inkella l-korp li jimpjegahom, mill-**kodiċi jew il-karti dwar l-etika** taż-żewġ federazzjonijiet tal-medjaturi tal-familja l- APMF u l- FENAMEF. Dawn il-kodiċi jew il-karti jieħdu f'idejhom ir-regoli etiċi tal-medjazzjoni tal-familja adottati fit-22 ta' April 2003 mill-Kunsill Konsultattiv Nazzjonali Franċiż dwar il-Medjazzjoni tal-Familja (*Conseil National Consultatif de la Médiation Familiale,* CNCMF). Skont il-websajt tal-APMF, "L-APMF tistabbilixxi l-kodiċi ta' kondotta għall-professjoni, li jistipulaw ir-regoli etiċi tal-prattika professjonali u l-kundizzjonijiet għall-prattika tal-medjazzjoni tal-familja fi Franza. Dan il-kodiċi jgħodd għal dawk kollha li jipprattikaw din il-professjoni".

F'Marzu 2008 l- FNCM approvat kodiċi ta' etika bbażat fuq il-Kodiċi tal-Kondotta Ewropew għall-Medjaturi.

**Informazzjoni u taħriġ**

Ma hemmx websajt uffiċjali nazzjonali dwar il-medjazzjoni.

Fil-preżent il-leġiżlazzjoni Franċiża ma tipprevedi l-ebda taħriġ speċifiku fil-medjazzjoni, ħlief fi kwistjonijiet tal-familja, fejn **id-diploma ta' medjatur tal-familja** *(diplôme de médiateur familial)* iddaħħlet b'digriet *(décret)* bid-data tat-2 ta' Diċembru 2003 u b'ordni ministerjali *(arrêté)* bid-data tat-12 ta' Frar 2004.

Il-leġiżlazzjoni tipprevedi taħriġ fil-medjazzjoni tal-familja, li għandu jingħata minn ċentri approvati, u diploma li għandha tingħata mill-prefett reġjonali wara t-tlestija tat-taħriġ jew wara proċess ta' ċertifikazzjoni li jivvalidaw l-għarfien u l-esperjenza akkwistati mill-medjatur. Iċ-ċentri għat-taħriġ huma approvati **mill-Uffiċċju tas-Saħħa u tas-Servizzi Soċjali Reġjonali** tagħhom (*Direction régionale des affaires sanitaires et sociales,* DRASS). F'dawn iċ-ċentri l-istudenti jwettqu 560 siegħa ta' taħriġ li jkunu mifruxin fuq tliet snin, b'mill-inqas 70 siegħa ta' prattika. It-taħriġ jintemm b'eżami.

**Kemm tiswa l-medjazzjoni?**

Meta l-partijiet jirrikorru għall-medjazzjoni bħala metodu alternattiv ta' kif jissolvew it-tilwimiet, kemm jekk fi proċeduri tal-qorti kif ukoll barra mill-qorti, iridu jitħallsu t-tariffi. Jekk il-partijiet jirrikorru għall-medjazzjoni matul il-proċedimenti fil-qorti, it-tariffa tal-medjatur tista' tiġi koperta mill-għajnuna legali. Fi kwalunkwe każ, it-tariffa tiġi stipulata mill-imħallef li jkun qed jivvaluta l-ispejjeż legali *(magistrat taxateur)* wara li xogħol il-medjatur jispiċċa, fuq il-preżentazzjoni ta' rapport jew dikjarazzjoni tal-ispejjeż (l-Artikolu 119 tal-Ordni *(décret)* Nru 91-1266 tad-19 ta' Diċembru 1991).

L-imħallef li jivvaluta l-ispejjeż legali jiffissa l-ammont tad-depożitu u r-remunerazzjoni (l-Artikoli 131-6 u 131-3 tal-Kodiċi Ċivili ta' Proċedura). Il-leġiżlazzjoni ma tistabbilixxi l-ebda skala preċiża ta' rimunerazzjoni, u **l-kost ta' unità** meta jingħata servzz ta' medjazzjoni tal-familja **jvarja**. Skont ftehim nazzjonali bejn il-Ministeru tal-Ġustizzja, il-Ministeru tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali, il-Familja u s-Solidarjetà, id-dipartimenti tal-Fond Nazzjonali għall-Allokkazzjonijiet tal-Familja (*Caisse nationale d'allocations familiales,* CNAF) u tal-Fond Ċentrali għall-Benefiċċju Reċiproku Agrikolu (*Caisse centrale de mutualité sociale agricole,* CCMSA), li jirċievu servizz ta' medjazzjoni tal-familja, impenjaw ruħhom li japplikaw **skala nazzjonali, li tvarja** abbażi tal-introjtu tal-partijiet. Is-sehem finanzjarju li għandhom joħorġu l-Partijiet għal kull laqgħa ta' medjazzjoni jvarja minn EUR 5 sa EUR 131.21, skont il-valutazzjoni tal-imħallef,

Fi kwistjonijiet familjari, il-Fond Nazzjonali għall-Benefiċċji tal-Familja daħħal fis-seħħ sistema ta' ftehimiet li tippermetti li l-organizzazzjonijiet jirċievu s-Servizz tal-Medjazzjoni tal-Familja, dejjem jekk jiġu rrispettati ċerti regoli.

**Huwa possibbli li l-ftehim ta' medjazzjoni jkun infurzabbli?**

Fejn ma jkunux iddaħħlu fin-nofs il-proċeduri tal-qorti, l-Artikolu 1565 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jistipula li ftehim milħuq bejn il-partijiet jista' jiġi ppreżentat fil-qorti li jkollha l-ġurisdizzjoni fit-tilwima, bil-għan li l-ftehim jiġi infurzat.

Fejn jiddaħħlu l-proċeduri tal-Qorti, l-Artikolu 131-12 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jistipula li fuq it-talba tal-partijiet, il-Qorti li tressqet quddiema l-kawża tista' tapprova l-ftehim li l-partijiet jissottomettulha.

L-Artikolu L111-3 1° tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili ta' Infurzar *(code des procédures civiles d'exécution)* jistipula li ftehimiet li jintlaħqu bil-medjazzjojni tal-Qorti jew b'medjazzjoni barra mill-qorti, li jsiru infurzabbli minn qrati ordinarji jew minn qrati amministrattivi, huma dokumenti infurzabbli.

L-aħħar aġġornament: 13/02/2017

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Il-medjazzjoni fl-Istati Membri - il-Kroazja

Il-Gvern tar-Repubblika tal-Kroazja, permezz tal-Ministeru tal-Ġustizzja, jipprovdi appoġġ b'saħħtu (leġiżlattiv, finanzjarju, tekniku) għall-iżvilupp u l-promozzjoni tal-medjazzjoni, u sar wieħed mill-iktar partijiet importanti tal-Istrateġija għar-Riforma Ġudizzjarja.

### Il-medjazzjoni bil-qorti u barra l-qorti

Il-medjazzjoni tista' ssir f'kull qorti, ordinarja u speċjalizzata, tal-ewwel u tat-tieni istanza (muniċipali, tal-kontea, kummerċjali u l-Qorti Kummerċjali Superjuri) f'kull stadju tal-proċedimenti, u għalhekk sakemm idumu għaddejjin il-proċedimenti fl-appell. Il-medjazzjoni titmexxa esklussivament minn imħallef tal-qorti rilevanti li jkun imħarreġ fil-medjazzjoni u li jkun fil-lista ta' mħallfin medjaturi stabbilita mill-President tal-Qorti permezz ta' assenjazzjoni annwali tad-dmirijiet. Imħallef medjatur ma jista' qatt imexxi medjazzjoni għal tilwima li għaliha jkun ġie maħtur bħala mħallef.

Il-medjazzjoni barra l-qorti ilha għal ħafna snin tiġi mmexxija b'suċċess miċ-Ċentri ta' Medjazzjoni tal-Kamra tal-Ekonomija tal-Kroazja, il-Kamra tal-Artiġjanat u s-Snajja' tal-Kroazja u l-Assoċjazzjoni ta' Min Iħaddem tal-Kroazja u mill-Assoċjazzjoni tal-Medjazzjoni tal-Kroazja, il-Kamra tal-Avukati tal-Kroazja, l-Uffiċċju tal-Assigurazzjoni tal-Kroazja u l-Uffiċċju għall-Isħubija Soċjali tal-Gvern tar-Repubblika tal-Kroazja.  Madankollu, il-medjazzjoni ma' medjaturi magħżula tista' ssir barra dawn iċ-ċentri.

Skont l-Att dwar il-Medjazzjoni (*Narodne novine*) (Il-Gazzetta Uffiċċjali tar-Repubbkika tal-Kroazja), Nru 18/11 u r-Regoli dwar ir-Reġistru tal-Medjaturi u l-Istandards għall-Akkreditazzjoni għall-Istituzzjonijiet tal-Medjazzjoni u l-Medjaturi (NN, Nru 59/11), il-Ministeru tal-Ġustizzja imantni r-Reġistru tal-Medjaturi.

### Il-Kummissjoni għar-Riżoluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim

Il-Ministeru tal-Ġustizzja stabbilixxa u ħatar il-Kummissjoni għar-Riżoluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim, li hija ffurmata minn rappreżentanti tal-qrati, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku, l-Uffiċċju għall-Isħubija Soċjali tal-Gvern tar-Repubblika tal-Kroazja, il-Kamra tal-Ekonomija tal-Kroazja, l-Assoċjazzjoni ta' Min Iħaddem tal-Kroazja, il-Kamra tal-Artiġjanat u tas-Snajja' tal-Kroazja u l-Ministeru tal-Ġustizzja.

Il-mandat tal-Kummissjoni huwa li tissorvelja l-iżvilupp tar-riżoluzzjoni alternattiva għat-tilwim, l-implimentazzjoni tal-programmi eżistenti u tipproponi miżuri għall-promozzjoni tal-iżvilupp tar-riżoluzzjoni alternattiva għat-tilwim. Il-mandat tal-Kummissjoni jinkludi wkoll l-għoti ta' opinjonijiet u tweġibiet għall-mistoqsijiet li jaqgħu fl-ambitu tagħha.

Waqt il-laqgħa li kellha l-Kummissjoni għar-Riżoluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim, li saret fis-26 ta' Novembru 2009, ġie adottat Kodiċi tal-Etika għall-Medjaturi.

### Il-Qafas Leġiżlattiv

Il-medjazzjoni bħala mezz biex jinqata' t-tilwim kienet irregolata għall-ewwel darba permezz ta' regolament speċjali - l-Att dwar il-Medjazzjoni (NN, Nru 163 /03, li daħal fis-seħħ fl-24 ta' Ottubru 2003), li integra xi prinċipji tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-medjazzjoni fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali kif ukoll l-hekk imsejħa Green Paper dwar ir-riżoluzzjoni alternattiva tat-tilwim fil-liġi ċivili u kummerċjali tal-Unjoni Ewropea. L-Att kien emendat fl-2009, u fil-bidu tal-2011 kien ippromulgat Att dwar il-Medjazzjoni ġdid (NN, Nru 18/11), li daħal fis-seħħ fid-data tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea.

Flimkien mal-Att dwar il-Medjazzjoni, li huwa l-aktar importanti, hemm liġijiet oħra li jirregolaw din il-kwistjoni, kif ukoll regolamenti ta' implimentazzjoni li jiżguraw l-implimentazzjoni tal-liġi.

### Il-proċess ta' medjazzjoni

Il-proċess ta' medjazzjoni jibda permezz ta' proposta mingħand waħda mill-partijiet tat-tilwima li tiġi aċċettata mill-parti l-oħra, permezz ta' proposta konġunta miż-żewġ naħat għar-riżoluzzjoni bonarja tat-tilwima, jew permezz ta' proposta minn parti terza (pereżempju mħallef waqt proċedimenti l-qorti).

Il-medjaturi huma persuna jew diversi persuni li jmexxu l-medjazzjoni skont ftehim bejn il-partijiet. Il-medjaturi jridu jkunu mħarrġa (l-esperjenza u l-ħila tal-medjatur hija waħda mill-komponenti essenzjali sabiex medjazzjoni tirnexxi), u jkomplu jitħarrġu professjonalment. L-Akkademja Ġudizzjarja hija importanti ħafna fl-organizzazzjoni u t-tmexxija tat-taħriġ għall-medjaturi.

Il-medjazzjoni ssir kif miftiehem bejn il-partijiet. Matul il-medjazzjoni, il-medjatur jiżgura t-trattament ġust u ndaqs tal-partijiet. Matul il-proċedura ta' medjazzjoni huwa jista' jiltaqa' mal-partijiet separatament, u sakemm il-partijiet ma jkunux ftiehmu mod ieħor, il-medjatur jista' jagħti informazzjoni u dejta miksuba minn parti lill-oħra biss fejn ikun ingħata permess biex jagħmel dan. Il-medjatur jista' jipparteċipa fit-tfassil tal-ftehim u jagħmel rakkomandazzjonijiet rigward il-kontenut tiegħu.

Ftehim milħuq permezz tal-medjazzjoni jorbot lill-partijiet li jkunu ffirmawh. Jekk il-partijiet ikunu aċċettaw ċerti obbligi skont il-ftehim, huma meħtieġa jwettquhom f'perjodu xieraq. Ftehim li jinkiseb permezz tal-medjazzjoni huwa dokument eżegwibbli jekk ikun fih obbligu li jrid jiġi mwettaq li fir-rigward tiegħu l-partijiet jistgħu jilħqu kompromess, u jekk ikun fih dikjarazzjoni ta' permess dirett għall-eżekuzzjoni (klawżola ta' eżekuzzjoni).

Sakemm il-partijiet ma jkunux ftiehmu mod ieħor, kull parti tbati l-ispejjeż tagħha, filwaqt li bejniethom jaqsmu l-ispejjeż tal-medjazzjoni, jew skont liġi speċjali jew ir-regoli tal-istituzzjonijiet tal-medjazzjoni.

Skont il-maġġoranza tal-esperti fil-qasam tal-medjazzjoni, kull tilwima marbuta mad-drittijiet li l-partijiet huma ħielsa li jiddisponu minnhom hija adattata għall-medjazzjoni u l-partijiet f'kunflitt għandhom dejjem jiġu mħeġġa jsolvu l-kwistjoni bonarjament. Il-medjazzjoni hija partikolarment adattata għat-tilwim dwar in-negozju (pereżempju tilwim kummerċjali), kif ukoll tilwim transfruntier (waħda mill-partijiet hija domiċiljata jew residenti abitwalment fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea) fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali. Għandu jiġi nnutat illi t-tilwim transfruntier ma jinkludix id-dwana, it-taxxi jew proċedimenti amministrattivi jew dak it-tilwim marbut mar-responsabbiltà tal-Istat għall-atti jew omissjonijiet fl-eżerċizzju tas-setgħat tiegħu.

### Ħoloq oħra

Kif issib medjatur

Aktar informazzjoni

L-aħħar aġġornament: 20/07/2016

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-
tradutturi tagħna.
Jekk jogħġbok innota li dawn il-lingwi li ġejjin diġà ġew tradotti.

## Il-medjazzjoni fl-Istati Membri - Italja

Aktar milli toqgħod tmur il-Qorti, għaliex ma tippruvax issolvi l-kwistjoni tiegħek permezz ta' medjazzjoni? Din hija miżura ta' riżoluzzjoni alternattiva tat-tilwim (ADR), li permezz tagħha l-medjatur jassisti lil dawk involuti fi kwistjoni sabiex jilħqu ftehim. Il-Gvern Taljan u dawk li jipprattikaw il-ġustizzja fl-Italja huma konxji mill-vantaġġi tal-medjazzjoni.

**1. Lil min nikkuntattja?**

Fl-Italja ġiet introdotta sistema ta' medjazzjoni ċivili u kummerċjali, bil-għan li jissolva tilwim rigward kwalunkwe dritt li l-partijiet ikunu liberi li jirrinunzjaw minnu jew li jittrasferixxu permezz ta' Digriet Leġiżlattiv *(decreto legislativo)* Nru 28/2010.

Is-servizzi ta' medjazzjoni jipprovduhom organizzazzjonijiet ta' medjazzjoni li jistgħu jkunu pubbliċi jew privati u li jkunu mdaħħla f'reġistru ta' organizzazzjonijiet ta' medjazzjoni *(registro degli organismi di mediazione)* li jieħu ħsiebu l-Ministeru tal-Ġustizzja.

Ir-reġistru ta' organizzazzjonijiet ta' medjazzjoni akkreditati huwa pubblikat fuq is-sit elettroniku tal-Ministeru tal-Ġustizzja (http://www.giustizia.it/).

Ir-reġistru għandu jgħinek tagħmel kuntatt ma' organizzazzjoni ta' medjazzjoni tal-għażla tiegħek u tistaqsi għal medjaturi li huma membri ta' dik l-organizzazzjoni. Iktar informazzjoni tinkiseb direttament mill-organizzazzjoni nfisha.

**2. F'liema oqsma tal-liġi huma possibbli jew l-aktar komuni r-rinvji għall-medjazzjoni?**

L-organizzazzjonijiet ta' medjazzjoni jistgħu jgħinu biex wieħed jasal għal ftehim barra mill-qorti fi kwalunkwe tilwim li jirrigwarda drittijiet li l-partijiet huma liberi li jirrinunzjaw minnhom jew li jittrasferixxu *(diritti disponibili)*. Il-medjazzjoni hija fuq bażi volontarja, minkejja li jista' jingħata parir għaliha minn ġudikant jew tkun obbligatorja minħabba kuntratt bejn żewġ partijiet.

**3. Hemm regoli speċifiċi?**

Ir-regoli li timxi magħhom il-medjazzjoni fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali bħalissa huma stipulati fid-Digriet Leġiżlattiv Nru 28/2010, imsemmi hawn fuq, u fid-Digriet Ministerjali *(decreto ministeriale)*Nru 180/2010.

**4. Taħriġ**

Persuna li tixtieq issir medjatur trid tissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 4(3)(b) tad-Digriet Ministerjali Nru 180/2010: b'mod partikolari trid tkun lawrjata jew diplomata f'mill-inqas livell universitarju abbażi ta' tliet snin studju, jew inkella tkun membru ta' assoċjazzjoni jew organizzazzjoni professjonali u tkun għamlet mill-inqas kors ta' aġġornament ta' sentejn ma' ħarrieġa akkreditati mill-Ministeru tal-Ġustizzja, u matul il-perjodu ta' sentejn ta' taħriġ ta' aġġornament tkun ipparteċipat f'apprendistat assistit f'mill-inqas għoxrin każ ta' medjazzjoni.

Il-ħarrieġa li joħorġu ċ-ċertifikati fejn jiddikjaraw li l-medjaturi kkompletaw il-korsijiet ta' taħriġ neċessarju huma entitajiet pubbliċi jew privati akkreditati mill-Ministeru tal-Ġustizzja bil-kundizzjoni li jilħqu l-livelli dikjarati.

**5. Kemm tqum flus il-medjazzjoni?**

Il-kriterji li jiddeterminaw it-tariffa tal-medjazzjoni *(indennità di mediazione)* jinkludu t-tariffa biex tinfetaħ il-proċedura u t-tariffa għall-medjazzjoni proprja, kif stipulati fid-Digriet Ministerjali Nru 180/2010.

L-ammonti huma speċifikati fil-Tabella A annessa mad-Digriet. Dawn ivarjaw skont il-valur tat-tilwima.

**6. Huwa possibbli li jiġi infurzat ftehim ta' medjazzjoni?**

L-Artikolu 12 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 28/2010 jiddikjara li l-minuti tal-ftehim, sakemm ma jmorrux kontra l-ordni pubbliku jew kontra regoli tal-liġi li jipprevalu, għandhom jiġu approvati, wara applikazzjoni miż-żewġ partijiet, mill-president tal-qorti inferjuri *(tribunale)* li fid-distrett tiegħu tkun ibbażata l-organizzazzjoni ta' medjazzjoni. Fil-każ ta' tilwima transfruntiera tat-tip li jirreferi għaliha l-Artikolu 2 tad-Direttiva 2008/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-minuti tal-ftehim iridu jiġu approvati mill-president tal-qorti inferjuri li fid-disrett tiegħu jrid jiġi implimentat il-ftehim.

Il-ftehim approvat huwa titolu li jista' jkun infurzat għall-eżekuzzjoni fuq proprjetà *(espropriazione forzata)*, prestazzjoni speċifika *esecuzione in forma specifica)*, jew reġistrazzjoni ta' ipoteka ġudizzjarja *(ipoteca giudiziale)*.

**7. L-aċċess għall-bażi tad-dejta tal-medjaturi huwa bla ħlas?**

Fil-mument għad m'hemmx reġistru pubbliku ta' medjaturi, iżda l-Ministeru tal-Ġustizzja regolarment jippubblika lista ta' organizzazzjonijiet ta' medjazzjoni li jappartjenu għalihom il-medjaturi individwali. Il-membri tal-pubbliku jistgħu jiddeterminaw liema medjaturi huma membri ta' organizzazzjoni ta' medjazzjoni billi jistaqsu għal informazzjoni speċifika mill-uffiċċju tal-Ministeru li jissorvelja l-attivitajiet tal-organizzazzjonijiet ta' medjazzjoni; jista' jsir kuntatt mal-uffiċċju permezz tas-sit elettroniku tal-Ministeru

L-aħħar aġġornament: 06/03/2018

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna el ġiet
emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment
qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

## Il-medjazzjoni fl-Istati Membri - Ċipru

**Lil min għandek tikkuntattja?**

Għal informazzjoni dwar il-medjazzjoni f'Ċipru, jekk jogħġbok ikkuntattja lil avukat irreġistrat f'Ċipru.

**F'liema qasam huwa l-użu tal-medjazzjoni ammissibbli u/jew l-aktar komuni?**

Il-medjazzjoni tista' tintuża sabiex tissolva kwalunkwe differenza, sakemm il-partijiet involuti jagħtu l-kunsens tagħhom.

**Hemm regoli speċifiċi li wieħed irid isegwi?**

B'differenza għall-forma l-oħra ta' riżoluzzjoni alternattiva tat-tilwim (arbitraġġ), m'hemm l-ebda liġi li speċifikatament tirregola l-proċess ta' medjazzjoni u għalhekk m'hemm l-ebda regola speċifika li wieħed irid isegwi għall-medjazzjoni.

NB: abbozz ta' liġi dwar il-kwistjoni speċifika tal-medjazzjoni fil-kawżi familjari tqiegħed fuq il-medja tal-Kamra tar-Rappreżentanti (Βουλή των Αντιπροσώπων) u bħalissa qiegħed fl-istadju tad-dibattitu.

**X'inhi l-ispiża tal-medjazzjoni?**

M'hemm l-ebda spiża fissa għall-medjazzjoni; l-ispiża bażikament tiddependi mill-kumplessità tal-każ u mill-kompetenza tal-medjatur.

**Huwa possibbli li jiġi eżegwit ftehim li jirriżulta minn medjazzjoni?**

Il-medjazzjoni ma twassalx għal sentenza li tista' tiġi infurzata bl-istess mod bħal sentenza ta' qorti.

L-aħħar aġġornament: 08/02/2017

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna lv ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

## Il-medjazzjoni fl-Istati Membri - Latvja

Minflok ma toqgħod tmur il-qorti, għaliex ma tipprovax tirriżolvi t-tilwim permezz tal-medjazzjoni? Din hija miżura ta' riżoluzzjoni alternattiva għat-tilwim (ADR - *alternative dispute resolution*), fejn medjatur jgħin lil dawk involuti f'tilwima biex jilħqu ftehim. Il-gvern u l-prattikanti tal-ġustizzja fil-Latvja huma konxji mill-vantaġġi tal-medjazzjoni.

### Lil min għandek tikkuntattja?

L-użu tal-medjazzjoni fir-riżoluzzjoni ta' tilwim ċivili attwalment huwa fil-fażijiet inizjali tiegħu fil-Latvja. Ma hemm l-ebda korp responsabbli tal-gvern ċentrali li jirregola l-professjoni ta' medjatur.

### Il-Kunsill ta' Medjazzjoni

The Mediation Council (Il-Kunsill tal-Medjazzjoni) (*Mediācijas padome*) hija assoċjazzjoni li twaqqfet fil-25 ta' Lulju 2011 u tiġbor flimkien għadd ta' assoċjazzjonijiet irreġistrati fil-Latvja li huma attivi fil-qasam tal-medjazzjoni. Din għandha l-għan li tiżviluppa standards komuni ta' taħriġ għall-medjaturi u tintroduċi ċertifikazzjoni għal programmi ta' taħriġ, li tabbozza u tadotta kodiċi ta' kondotta għall-medjaturi ċċertifikati, kif ukoll biex tirrappreżenta medjaturi ċċertifikati, li tagħti l-fehmiet tagħha lill-awtoritajiet nazzjonali u lokali, awtoritajiet oħra u uffiċjali, u li tagħti l-fehmiet dwar kwistjonijiet leġiżlattivi u l-prattika legali marbuta mal-medjazzjoni.

Il-Kunsill tal-Medjazzjoni twaqqaf mill-assoċjazzjonijiet li ġejjin:

Medjazzjoni u ADR (*Mediācija un ADR*);

Medjazzjoni integrata fil-Latvja (Integrētā mediācija Latvijā);

Integrazzjoni għas-soċjetà (Ċentru ta' Appoġġ għall-Vittmi) (*Integrācija sabiedrībai (Cietušo atbalsta centrs)*);

L-assoċjazzjoni ta' Medjaturi Kummerċjali (Komercmediatoru asociācija).

### Medjazzjoni u l-ADR

Medjazzjoni u ADR (*Mediācija un ADR*) ġiet stabbilita fis-7 ta' April 2005. L-għan tagħha hu li:

tippromwovi l-introduzzjoni progressiva u l-użu ta' metodi ta' riżoluzzjoni alternattiva tat-tilwim (medjazzjoni, konċiljazzjoni, tiftix imparzjali tal-fatti, rapporti ta' esperti, arbitraġġ, eċċ.) fil-Latvja;

Parteċipazzjoni fil-proċessi tat-tfassil tal-politika, pereżempju l-gruppi ta' ħidma mwaqqfa minn korpi pubbliċi;

tippromwovi titjib fl-istandards ta' kwalifiki professjonali tal-membri tagħha u l-għoti ta' medjazzjoni tal-ogħla livell possibbli u ta' servizzi tal-ADR;

iġġib il-professjonisti tal-ADR flimkien sabiex jintlaħqu l-objettivi komuni;

tikkoopera ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u ma' persuni fiżiċi u ġuridiċi oħrajn.

L-organizzazzjoni tagħti parir lill-partijiet involuti f'tilwima u r-rappreżentanti tagħhom dwar l-għażla ta' speċjalista, kif ukoll tagħti lekċers u seminars dwar il-medjazzjoni u l-ADR. Xi membri tal-organizzazzjoni huma medjaturi prattikanti speċjalizzati f'kawżi ċivili u kriminali. Il-membri kisbu ħiliet ta' negozjar u medjazzjoni fil-Latvja u lil hinn minnha f'taħriġ ma' medjaturi u dawk li jsolvu l-kunflitti b'esperjenza mill-Istati Uniti, ir-Renju Unit, il-Ġermanja u pajjiżi oħra.

### Medjazzjoni Integrata fil-Latvja

Integrated Mediation in Latvia (*Integrētā mediācija Latvijā* — IMLV) twaqqfet fl-10 ta' Awwissu 2007. Għandha viżjoni ta' soċjetà li ssolvi t-tilwim b'suċċess, fejn l-interessi tal-partijiet kollha jkunu rrappreżentati b'mod ugwali u l-proċess tar-riżoluzzjoni għat-tilwim huwa uman, ugwali u bbażat fuq il-kooperazzjoni. L-IMLV twaqqfet f'kooperazzjoni mill-qrib mal-assoċjazzjoni *Integrierte Mediation* fil-Ġermanja. Hija ppjanata kooperazzjoni fl-oqsma tal-edukazzjoni, taħriġ addizzjonali, is-superviżjoni, l-introduzzjoni ta' servizzi ta' medjazzjoni u l-adozzjoni ta' prassi tajba.

L-IMLV għandha l-għan li tippromwovi l-iżvilupp ta' medjazzjoni f'livell reġjonali, nazzjonali u internazzjonali billi tintegrah fil-proċess tar-riżoluzzjoni tat-tilwim ta' istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet u fil-ħidma ta' professjonisti u s-soċjetà b'mod ġenerali.

Biex jintlaħaq dan l-għan, l-IMLV stabbilixxiet għaliha stess il-kompiti li ġejjin:

li tippromwovi u tiżviluppa l-idea ta' medjazzjoni integrata fil-Latvja bħala forma moderna u ta' kwalitàgħolja ta' riżoluzzjoni ta' tilwim;

li tippromwovi l-kooperazzjoni bejn professjonisti, organizzazzjonijiet u istituzzjonijiet;

li tiddefinixxi u tippromwovi kunċetti u benefiċċji ta' medjazzjoni integrata;

li tinforma u teduka lill-pubbliku dwar il-kunċetti u l-possibbiltajiet ta' medjazzjoni integrata;

li tippromwovi aktar is-suċċessi tal-medjazzjoni integrata;

li torganizza taħriġ dwar il-medjazzjoni u l-potenzjal għall-integrazzjoni tagħha f'diversi oqsma;

li twettaq studji u stħarriġ.

L-IMLV tgħaqqad diversi professjonisti — inklużi medjaturi prattikanti — bil-għan tintegra l-ħiliet ta' medjazzjoni fl-attivitajiet tagħha u tippromwovi kuxjenza pubblika ta' medjazzjoni bħala għażla vijabbli f'riżoluzzjoni tat-tilwim.

### Integrazzjoni għas-Soċjetà (Ċentru ta' Appoġġ għall-Vittmi)

Iċ-Ċentru ta' Appoġġ għall-Vittmi tal-assoċjazzjoni Integrazzjoni għas-Soċjetà beda jaħdem fl-2003. L-għan ewlieni tiegħu huwa li jappoġġa lill-vittmi tal-kriminalità. Mill-2004 il-persunal jinkludi 20 medjatur imħarrġa tajjeb fi proċeduri ta' medjazzjoni u li jistgħu jużawhom biex isolvu tilwimiet ta' liġi ċivili u amministrattiva.

### F'liema oqsma l-użu tal-medjazzjoni huwa ammissibbli u / jew l-aktar komuni?

Il-medjazzjoni hija ammissibbli f'bosta oqsma. Il-qasam li tista' tintuża fih bl-aktar mod wiesgħa huwa dak ta' tilwim ċivili li jinqala' fil-liġi tal-familja u l-liġi kummerċjali.

### Hemm regoli speċifiċi li jridu jiġu segwiti?

L-użu tal-medjazzjoni huwa totalment volontarju.

Il-medjazzjoni mhijiex prerekwiżit biex jibdew ċerti tipi ta' proċedimenti ġudizzjarji jew ikomplu proċedimenti ġudizzjarji.

Il-medjazzjoni fil-Latvja mhijiex regolata minn xi liġijiet u regolamenti esterni.

### Informazzjoni u taħriġ

Sit iddedikat għall-medjazzjoni: http://www.mediacija.lv/.

Iż-żewġ assoċjazzjonijiet ta' Medjazzjoni u ADR u Integrazzjoni għas-Soċjetà jkunu ħarrieġa li joffru kors bażiku fil-medjazzjoni maħsuba għal medjaturi futuri u kors dwar ħiliet ta' riżoluzzjoni tal-kunflitti bażiku għall-użu f'ambjenti professjonali u personali.

**X’inhi l-ispiża tal-medjazzjoni?**

Ir-riżoluzzjoni ta’ tilwim ċivili permezz tal-medjazzjoni mhijiex ipprovduta mingħajr ħlas. L-ispiża tal-medjazzjoni tiddependi fuq bosta fatturi: il-kwalifiki u l-esperjenza tal-medjatur, il-kumplessità tal-kawża, in-numru ta’ sessjonijiet ta’ medjazzjoni meħtieġa u fatturi oħra.

Madankollu, f’każijiet li jikkonċernaw l-interessi u d-drittijiet tat-tfal, il-Bord tal-Affarijiet Barranin u ta’ Konċiljazzjoni tal-Qorti tal-Familja ta’ Riga (*Rīgas Bāriņtiesas Ārlietu un samierināšanas pārvalde*) jipprovdi servizzi lir-residenti ta’ Riga mingħajr ħlas. It-tilwimiet li jikkonċernaw l-aktar, arranġamenti għall-post ta’ residenza tat-tfal, il-kustodja u t-trobbija tattfal.

**Ftehim li jirriżulta mill-medjazzjoni jista’ jiġi infurzat?**

Id-Direttiva 2008/52/KE tistipula li dawk involuti f’tilwima jistgħu jitolbu li ftehim bil-miktub li jirriżulta minn medjazzjoni jsir inforzabbli. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar il-qrati jew l-awtoritajiet l-oħra kompetenti biex jittrattaw talbiet bħal dawn.

Il-Latvja għadha ma kkomunikatx din l-informazzjoni.

**Links**

Mediācija.lv

L-aħħar aġġornament: 08/12/2014

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Il-medjazzjoni fl-Istati Membri - Litwanja

Minflok tmur il-qorti, għaliex ma tirriżolviex it-tilwim permezz tal-medjazzjoni? Din hija forma ta’ riżoluzzjoni alternattiva għat-tilwim (ADR), fejn medjatur jgħin lill-partijiet fit-tilwima jilħqu ftehim. Il-gvern u l-prattikanti tal-liġi fir-Repubblika tal-Litwanja huma konxji bil-vantaġġi tal-medjazzjoni.

**Lil min għandek tikkuntattja?**

M’hemmx korp ċentralizzat jew tal-gvern responsabbli mill-medjazzjoni (tarpininkavimas), u l-Litwanja m’għandhiex pjanijiet li toħloq wieħed.

**F’liema qasam hija l-użu tal-medjazzjoni ammissibbli u/jew l-aktar komuni?**

Il-medjazzjoni konċiljatorja (taikinamasis tarpininkavimas) tista’ tintuża f’tilwim ċivili (jiġifieri, tilwim li jinstema’ permezz ta’ proċedura ċivili minn qorti ta’ ġurisdizzjoni ġenerali).

**Hemm regoli speċifiċi li wieħed irid isegwi?**

Il-**medjazzjoni** hija regolata bil-**Liġi dwar il-Medjazzjoni Konċiljatorja fit-Tilwim Ċivili (**Civilinių ginčų taikinamojo tarpininkavimo įstatymas). Fi ħdan dan il-qafas, l-użu tal-medjazzjoni huwa kompletament volontarju. M’hemmx regolamenti speċifiċi bħal kodiċi ta’ kondotta għall-medjaturi.

**Informazzjoni u taħriġ**

M’hemm l-ebda programm ta’ taħriġ nazzjonali fis-seħħ s’issa. Madankollu, it-taħriġ huwa pprovdut miċ-ċentru ta’ taħriġ tal-**Ministeru tal-Ġustizzja** (Teisingumo ministerija) u minn korpi privati. Il-korpi privati mhumiex regolati.

**X’inhi l-ispiża tal-medjazzjoni?**

Skont il-Liġi dwar il-Medjazzjoni Konċiljatorja fit-Tilwim Ċivili, il-medjazzjoni konċiljatorja tista’ tiġi pprovduta bi ħlas jew mingħajr ħlas. Meta tkun pprovduta bi ħlas, il-proċedura tista’ tibda biss wara li medjatur jiftiehem bil-miktub maż-żewġ partijiet fit-tilwima dwar l-ammont li għandu jitħallas u l-metodu ta’ ħlas.

**Huwa possibbli li jiġi eżegwit ftehim li jirriżulta minn medjazzjoni?**

Id-Direttiva 2008/52/KE tippermetti lil dawk involuti f’tilwima li jitolbu li ftehim bil-miktub li jirriżulta mill-medjazzjoni jsir eżegwibbli. L-Istati Membri jikkomunikaw dan lill-qrati u lill-awtoritajiet oħra kompetenti li jirċievu dawn it-tip ta’ talbiet.

Skont il-Liġi dwar il-Medjazzjoni Konċiljatorja fit-Tilwim Ċivili, il-qorti kompetenti hija l-għażla tal-partijiet fit-tilwima. Din tista’ tkun il-qorti distrettwali tal-post ta’ residenza, jew l-uffiċċju reġistrat ta’ waħda mill-partijiet fit-tilwima.

L-aħħar aġġornament: 18/02/2019

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-traduttturi tagħna.

Jekk jogħġbok innota li dawn il-lingwi li ġejjin diġà ġew tradotti.

## Il-medjazzjoni fl-Istati Membri - Lussemburgu

Minflok ma toqgħod tmur il-qorti, għaliex ma ssolvix it-tilwima tiegħek permezz tal-medjazzjoni? Din hija miżura ta’ riżoluzzjoni alternattiva tat-tilwim (ADR), fejn medjatur jgħin lil dawk involuti f’tilwima biex jilħqu ftehim. Il-gvern u l-prattikanti tal-ġustizzja tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu huma konxji mill-vantaġġi tal-medjazzjoni.

**Lil min għandek tikkuntattja?**

M’hemm l-ebda entità ċentrali responsabbli mir-regolamentazzjoni tal-medjaturi.

Minbarra l-medjazzjoni f'setturi speċifiċi (banek, assigurazzjoni, eċċ.) u minbarra l-Ombudsman li jieħu ħsieb il-medjazzjoni fil-qasam amministrattiv, u l-Ombudskommittee fir t’Rechter vun de Kanner (Kumitat għad-difiża tad-drittijiet tat-tfal), l-assoċjazzjonijiet ġudizzjarji li ġejjin joffru servizzi ta' medjazzjoni:

L-Assoċjazzjoni Lussemburgiża tal-medjazzjoni u tal-medjaturi awtorizzati (ALMA asbl);

Iċ-Ċentru tal-Medjazzjoni tal-Kamra tal-Avukati tal-Lussemburgu (CMBL asbl);

Iċ-Ċentru tal-Medjazzjoni (asbl);

Iċ-Ċentru tal-Medjazzjoni Soċjo-Familjari (immexxi mill-fundazzjoni Pro Familia);

**F’liema qasam huwa ammissibbli u/jew l-aktar komuni l-użu tal-medjazzjoni?**

L-użu tal-medjazzjoni huwa ammissibbli prinċipalment:

fit-tilwim amministrattivi;

fit-tilwim kriminali,

fit-tilwim tal-familja,

fit-tilwim kummerċjali;

fit-tilwim bejn il-ġirien.

Il-karatteristiċi prinċipali tal-**medjazzjoni fl-oqsma ċivili u kummerċjali** huma n-natura konsenswali, il-kunfidenzjalità tal-proċess kif ukoll l-indipendenza, l-imparzjalità u l-ħila tal-medjatur. Il-medjazzjoni tista' sseħħ għal parti mit-tilwima jew għat-tilwima kollha. Kemm il-medjazzjoni konsenswali kif ukoll il-medjazzjoni ġudizzjarja huma disponibbli, b'post speċjali riservat għall-medjazzjoni f'kawżi tal-familja.

Fil-**medjazzjoni konsenswali**, kull parti tista' tipproponi lill-parti(jiet) l-oħra, indipendentement minn kull proċediment ġudizzjarju jew arbitraġġ ieħor, li jagħżlu l-medjazzjoni f'kull stadju tal-proċedura ġudizzjarja sakemm ma jkunx intemm l-istadju tat-trattazzjoni.
Fil-**medjazzjoni ordnata bil-qorti**, imsejħa "l-medjazzjoni ġudizzjarja", l-imħallef ikollu diġà quddiemu kawża ta' natura ċivili, kummerċjali jew tal-familja u jista' jiddeċiedi f'kull mument li jordna l-medjazzjoni ġudizzjarja, sakemm ma jkunx intemm l-istadju tat-trattazzjoni, ħlief quddiem il-Qorti tal-Kassazzjoni u fi proċeduri sommarji (matière de référé). L-imħallef jista' jistieden lill-partijiet fuq inizjattiva tiegħu stess jew fuq it-talba konġunta tal-partijiet biex imorru għall-medjazzjoni, iżda f'kull każ il-partijiet iridu jaqblu. F'għadd limitat ta' kawżi fejn l-imħallef ikollu quddiemu kawża li tqajjem punt fil-qasam tal-liġi tal-familja, huwa jista' jipproponi lill-partijiet miżura ta' medjazzjoni u jordna laqgħa ta' informazzjoni mingħajr ħlas li matulha jiġu spjegati l-prinċipji, il-proċedura u l-effetti tal-medjazzjoni lill-partijiet.
Fil-**qasam kriminali** il-prosekutur tal-Istat jista', taħt ċerti kundizzjonijiet, u qabel ma jieħu deċiżjoni dwar l-azzjoni pubblika, jiddeċiedi li juża l-medjazzjoni jekk :
din il-miżura tista' tassigura l-kumpens għall-ħsara li sofriet il-vittma; jew
iġġib fi tmiem il-problema li wasslet għall-ksur tal-liġi; jew
tikkontribwixxi għar-riabilitazzjoni tal-akkużat.
L-għażla tal-medjazzjoni mhix ta' ostaklu għad-deċiżjoni sussegwenti li jitmexxew proċeduri bil-qorti, speċjalment jekk ma jiġux imħarsa t-termini tal-medjazzjoni.

**Hemm regoli speċifiċi li wieħed irid isegwi?**

L-użu tal-medjazzjoni huwa għal kollox volontarju.
Il-medjazzjoni fil-qasam amministrattiv u l-medjazzjoni fil-qasam kriminali, kif ukoll il-medjazzjonijiet imsejħa "tas-settur" huma regolati minn liġijiet speċifiċi.

**Informazzjoni u taħriġ**

**Il-medjatur fil-qasam kriminali**

Il-liġi tas-6 ta' Mejju 1999 u r-regolament tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu tal-31 ta' Mejju 1999 waqqfu r-reġim tal-medjazzjoni fil-qasam kriminali. Il-Prosekutur Pubbliku, qabel id-deċiżjoni tiegħu dwar l-azzjoni pubblika jista' jiddeċiedu li jmur għall-medjazzjoni jekk jidhirlu li tali miżura tista' tassigura kumpens għall-ħsara li sofriet il-vittma, jew li ġġib fi tmiem il-problema li wasslet għall-ksur tal-liġi jew tikkontribiwxxi għar-riabilitazzjoni tal-akkużat. Meta l-Prosekutur Pubbliku jiddeċiedi li jmur għall-medjazzjoni kriminali, huwa jista' jaħtar kwalunkwe persuna awtorizzata biex isservi ta' medjatur.

**Fir-rigward tal-awtorizzazzjoni:**

Il-persuna li tixtieq tikseb l-awtorizzazzjoni biex tkun medjatur fil-qasam kriminali trid tagħmel talba lill-Ministeru tal-Ġustizzja li jiddeċiedi dwar din it-talba, wara li jkun talab il-parir tal-Prosekutur ġenerali tal-Istat.

**Il-medjatur f'materji ċivili u kummerċjali**

Il-liġi tal-24 ta' Frar 2012 ħolqot qafas leġiżlattiv nazzjonali għall-medjazzjoni f'materji ċivili u kummerċjali permezz ta' intestatura ġdida fil-Kodiċi l-Ġdid tal-proċedura ċivili. Permezz ta' din il-liġi, il-Lussemburgu ttraspona d-Direttiva 2008/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta’ Mejju 2008 dwar ċerti aspetti ta’ medjazzjoni f’materji ċivili u kummerċjali, ibbażat fuq il-prinċipji stabbiliti fid-Direttiva għat-tilwim transfruntier kif ukoll għat-tilwim nazzjonali.

Il-liġi hija kkumplimentata mir-regolament tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu tal-25 ta' Ġunju 2012 li jiffissa l-proċedura ta' ammissjoni għall-medjatur ġudizzjarju u tal-familja, it-taħriġ speċifiku meħtieġ fil-medjazzjoni u l-organizzazzjoni ta' laqgħa ta' informazzjoni mingħajr ħlas.
Il-medjatur huwa terza persuna li l-missjoni tagħha hija li tisma' lill-partijiet flimkien, jekk ikun hemm bżonn separatament, sabiex il-partijiet jaslu sabiex jirrisolvu d-differenzi ta' bejniethom. Il-medjatur ma jimponix soluzzjoni fuq il-partijiet iżda jistedinhom sabiex jiftiehmu u jsibu soluzzjoni bonarja u li lkoll jaqblu fuqha.
Il-medjazzjoni ġudizzjarja u l-medjazzjoni tal-familja tista' ssir minn medjatur awtorizzat jew le. B'medjatur awtorizzat wieħed jifhem persuna naturali awtorizzata għal dan l-għan mill-Ministru tal-Ġustizzja.
F'każ ta' medjazzjoni konsenswali u f'każ ta' tilwima transfruntiera, il-partijiet jistgħu jirrikorru għal medjatur mhux awtorizzat.

**Fir-rigward tal-awtorizzazzjoni :**

Il-Ministru tal-Ġustizzja huwa l-awtorità kompetenti għall-awtorizzazzjoni tal-medjaturi. F'materji ċivili u kummerċjali l-medjaturi m'għandhomx bżonn awtorizzazjoni għall-medjazzjoni konsenswali.
Kull persuna naturali tista' titlob li tiġi awtorizzata jekk hija tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti mil-liġi tal-24 ta' Frar 2012 li tintroduċi l-medjazzjoni f'materji ċivili u kummerċjali fil-Kodiċi l-Ġdid tal-proċedura ċivili kif ukoll dawk li jinsabu fir-regolament tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu tal-25 ta' Ġunju 2012 li jiffissa l-proċedura ta' awtorizzazzjoni tad-dmirjiet tal-medjatur ġudizzjarju u tal-familja, il-programm ta' taħriġ speċifiku fil-medjazzjoni u l-organizzazzjoni ta' laqgħa ta' informazzjoni mingħajr ħlas.
Skont id-Direttiva 2008/52/KE msemmija hawn qabel u l-Artikolu 1251-3 (1)(3) tal-liġi tal-24 ta' Frar 2012 dwar il-medjazzjoni, il-fornituri tas-servizzi tal-medjazzjoni li jissodisfaw ir-rekwiżiti għall-awtorizzazzjoni ekwivalenti jew essezjalment kumparabbli fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea m'għandhomx għalfejn iġibu l-awtorizzazzjoni mill-Gran Dukat tal-Lussemburgu.
L-awtorizzazzjoni tingħata għal perjodu indeterminat.
L-Artikoli 1251-3. (2) tal-Kodiċi l-Ġdida tal-proċedura ċivili u r-regolament tal-Gran Dukat tal-25 ta' Ġunju 2012 imsemmija hawn qabel, jistabbilixxu l-kundizzjonijiet kumulattivi li jridu jiġu ssodisfatti mill-persuni naturali li jixtiequ jġibu l-awtorizzazzjoni:
L-applikant irid jippreżenta garanzija ta' kondotta nadifa, ta' kompetenza, taħriġ, indipendenza u imparzjalità ;
L-applikant irid jippreżenta estratt tal-kondotta mir-rekords tal-Lussemburgu jew dokument simili maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż ta' residenza fejn kien joqgħod l-applikant fl-aħħar ħames snin:
Il-persuna trid tgawdi mid-drittijiet ċivili tagħha u mill-eżerċizzju tad-drittijiet politiċi;
Il-persuna trid tkun ħadet taħriġ speċifiku fil-medjazzjoni permezz ta':
lawrja Masters fil-medjazzjoni mogħti mill-Università tal-Lussemburgu jew minn università, stabbiliment tat-tagħlim superjuri jew stabbiliment ieħor tal-istess livell ta' taħriġ, skont id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolamentarji jew amministrattivi ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea;
sew permezz ta' esperjenza professjonali ta' tliet snin ikkumplimentata minn "taħriġ speċifiku fil-medjazzjoni" kif stipulatf mill-Artikolu 2 tar-regolament tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu tal-25 ta' Ġunju msemmi hawn qabel;
sew permezz ta' taħriġ rikonoxxut fil-medjazzjoni ġewwa Stat Membru tal-Unjoni Ewropea.
L-Università tal-Lussemburgu toffri programm speċifiku ta' taħriġ (Master) fil-medjazzjoni .

**Kemm tiswa l-medjazzjoni?**

Il-medjazzjoni ta' spiss hija proċedura mingħajr ħlas. Jekk ikun hemm ħlas dan jiġi indikat b'mod ċar.
Fi ħdan il-**medjazzjoni konsenswali,** id-drittijiet tal-medjaturi jiġu ffissati b'mod liberu. L-ispejjeż u d-drittijiet f'dan il-każ huma mġarrba mill-partijiet f'sehem indaqs, ħlief jekk huma jiddeċiedu mod ieħor.
Fil-każ tal-**medjazzjoni ġudizzjarja u l-medjazzjoni tal-familja,** id-drittijiet huma stipulati mir-regolament tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu.

**Huwa possibbli li jiġi eżegwit ftehim li jirriżulta minn medjazzjoni?**

Għandu jiġi nnutat illi l-ftehim li jirriżulta mill-**medjazzjoni ċivili u kummerċjali** għandu l-istess effett eżekuttiv daqs deċiżjoni ġudizzjarja. Dan il-ftehim tal-medjazzjoni, kemm jekk jiġi konkluż fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea jew fuq livell nazzjonali, huwa eżegwibbli fl-Unjoni Ewropea permezz tad-Direttiva 2008/52/KE msemmija hawn qabel. L-approvazzjoni tal-ftehim kollu jew parti minnu mill-imħallef kompetenti tagħtih il-forza eżekuttiva.

Il-liġi tal-24 ta' Frar 2012 tittrasponi d-Direttiva fid-dritt nazzjonali. Hija tpoġġi l-medjazzjoni fuq livell indaqs mal-proċeduri ġudizzjarju eżistenti.

**Ħoloq relatati**

Ministeru tal-Ġustizzja

L-Assoċjazzjoni Lussemburgiża tal-medjazzjoni u tal-medjaturi awtorizzati (ALMA asbl);

Iċ-Ċentru tal-medjazzjoni tal-Kamra tal-Avukati tal-Lussemburgu (CMBL asbl);

Ċentru tal-Medjazzjoni

Iċ-Ċentru tal-medjazzjoni Soċjo-Familjari

L-aħħar aġġornament: 20/12/2018

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-
tradutturi tagħna.

Jekk jogħġbok innota li dawn il-lingwi li ġejjin diġà ġew tradotti.

## Il-medjazzjoni fl-Istati Membri - Ungerija

Minflok ma toqgħod tmur il-qorti, għaliex ma ssolvix it-tilwim permezz tal-medjazzjoni? Din hija forma ta' soluzzjoni alternattiva tat-tilwim (alternatív vitarendezés) (ADR), fejn medjatur (közvetítő) jgħin lill-partijiet biex jilħqu ftehim. Kemm il-gvern kif ukoll il-prattikanti legali fl-Ungerija huma ferm konxji mill-vantaġġi tal-medjazzjoni.

**Lil min għandek tikkuntattja?**

Skont l-Att LV tal-2002 dwar il-Medjazzjoni (a közvetítői tevékenységről szóló 2002. évi LV. törvény) , il-**Ministeru tal-Ġustizzja u tal-Infurzar tal-Liġi** (Igazságügyi és Rendészeti Minisztérium) huwa responsabbli mir-reġistrazzjoni tal-medjaturi u tal-persuni legali li jimpjegaw lill-medjaturi.

Reġistru ta' medjaturi u entitajiet ġuridiċi li jimpjegaw il-medjaturi jista' jinsab fil-websajt tal-Ministeru tal-Amministrazzjoni Pubblika u l-Ġustizzja.

Il-websajt jipprovdi lill-utenti informazzjoni ġenerali u huwa possibbli li wieħed ifittex fir-reġistru tal-medjaturi skont l-isem, il-qasam ta' speċjalizzazzjoni, il-ħiliet lingwistiċi u l-pajjiż li fih jinsab l-uffiċċju tagħhom. Għall-entitajiet ġuridiċi, it-tfittix huwa bbażat fuq l-isem, il-pajjiż u l-isem imqassar.

Il-formoli ta' reġistrazzjoni għall-medjaturi u l-entitajiet ġuridiċi li jimpjegaw il-medjaturi jistgħu jinsabu wkoll fl-istess websajt.

Fost l-organizzazzjonijiet mhux governattivi attivi fil-qasam tal-medjazzjoni wieħed jista' jsib:

L-Assoċjazzjoni Nazzjonali tal-Medjazzjoni (Országos Mediációs Egyesület); u

Id-Dipartiment ta' Medjazzjoni u Koordinazzjoni Legali tal-Kamra tal-Kummerċ ta' Budapest (Budapesti Kereskedelmi és Iparkamara Mediációs és Jogi Koordinációs Osztálya).

**F'liema qasam huwa l-użu tal-medjazzjoni ammissibbli u/jew l-aktar komuni?**

L-Att LV tal-2002 dwar il-medjazzjoni jkopri l-litigazzjoni ċivili, iżda jeskludi l-medjazzjoni fi proċedimenti ta' libell, il-proċedimenti amministrattivi, il-proċedimenti ta' kurazija, il-proċedimenti dwar it-tmiem tar-responsabbiltà tal-ġenitur, il-proċedimenti ta' infurzar, il-proċedimenti li jistabbilixxu l-paternità jew l-antenati, u l-appelli kostituzzjonali.

**Hemm regoli speċifiċi li wieħed irid isegwi?**

L-użu tal-medjazzjoni huwa volontarju, imma l-medjazzjoni għandha ċerti vantaġġi b'relazzjoni għall-**Att dwar id-Dmirijiet** (az illetékekről szóló törvény) u l-**Kodiċi ta' Proċedura Ċivili** (polgári perrendtartás).

Jekk il-partijiet jipparteċipaw fil-medjazzjoni wara l-ewwel seduta u l-ftehim li jintlaħaq jiġi rratifikat mill-imħallef li jippresjedi, jitħallsu biss nofs id-drittijiet applikabbli. Minn dan l-ammont diġà mnaqqas jista' anki jitnaqqas id-dritt li għandu jingħata lill-medjatur flimkien mal-VAT (HÉA)  (imma mhux iktar minn HUF 50,000). L-unika restrizzjoni hija li l-ammont finali tad-dritt ma jistax ikun inqas minn 30% tal-ammont oriġinali. It-tnaqqis ma japplikax jekk f'każijiet partikolari l-liġi ma tippermettix l-użu tal-medjazzjoni.

Jekk il-partijiet jipparteċipaw fil-medjazzjoni qabel il-proċedimenti ċivili, id-dritt ta' ħlas lill-medjatur + VAT titnaqqas mill-ammont tad-dazju tal-qorti li għandu jitħallas, iżda b'mhux aktar minn HUF 50 000, sakemm id-dazju tal-qorti mħallsa ma tkunx inqas minn 50% tal-ammont oriġinali. It-tnaqqis ma japplikax jekk il-medjazzjoni ma tkunx permessa mil-liġi fil-każ partikolari jew jekk il-partijiet jidhru quddiem il-qorti minkejja s-soluzzjoni li jkunu waslu għaliha permezz tal-medjazzjoni (għajr biex isseħħ is-soluzzjoni jekk ma jkunx hemm konformità volontarja).

M'hemm l-ebda kodiċi nazzjonali ta' kondotta għall-medjaturi, imma l-maġġoranza tal-assoċjazzjonijiet ta' medjazzjoni jsegwu l-Kodiċi Ewropew ta' Kondotta għall-Medjaturi (közvetítők európai magatartási kódexe).

Hemm **kodiċi ta' kondotta** speċifiku **għat-tilwim li jaqa' taħt il-liġi tal-impjiegi**, li kien ippreparat mis-Servizz tal-Konċiljazzjoni u tal-Medjazzjoni f'Każijiet ta' Impjiegi (Munkaügyi Közvetítői és Döntőbírói Szolgálat).

Xi qrati jagħmlu l-medjazzjoni disponibbli lill-partijiet bla ħlas għall-proċedimenti li jkunu għaddejjin. Regoli dettaljati u lista ta' qrati huma disponibbli fil-websajt ċentrali tal-qrati Ungeriżi. (http://birosag.hu/engine.aspx?page=Birosag_showcontent&content=Birosagi_kozvetites)

**Informazzjoni u taħriġ**

M'hemm l-ebda sit elettroniku ta' informazzjoni speċifiku dwar il-medjazzjoni disponibbli bl-Ingliż u lanqas m'hemm entità ta' taħriġ nazzjonali għall-medjaturi. Il-websajt dwar il-mejdazzjoni hija disponibbli biss bl-Ungeriż.

**X'inhi l-ispiża tal-medjazzjoni?**

Il-medjazzjoni ssir bi ħlas; il-**ħlas** jiġi miftiehem bejn il-medjatur u l-partijiet.

**Huwa possibbli li jiġi eżegwit ftehim li jirriżulta minn medjazzjoni?**

Skont id-Direttiva 2008/52/KE, ir-rikorrenti jistgħu jitolbu li l-kontenut tal-ftehim bil-miktub konkluż bħala riżultat tal-medjazzjoni jkun infurzat. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar il-qrati jew awtoritajiet oħra responsabbli għall-immaniġġjar ta' dawn it-talbiet.

Il-partijiet jistgħu jitolbu li l-kontenut tal-ftehim li jkunu waslu għalih permezz tal-medjazzjoni jiġi ddikjarat bħala kontenut li jista' jiġi infurzat. Huma jistgħu jitolbu lill-qorti jew lil nutar pubbliku biex jinkorporaw il-ftehim f'soluzzjoni li tkun approvata mill-qorti jew f'dokument awtentiku, li jista' jiġi infurzat wara.

**Links relatati**

Sit elettroniku tar-Reġistru tal-Medjaturi Ungeriżi (A magyar közvetítők adatbázisának honlapja)

L-aħħar aġġornament: 06/04/2017

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew

kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Il-medjazzjoni fl-Istati Membri - Malta

Minflok ma toqgħod tmur il-qorti, għaliex ma ssolvix it-tilwim permezz tal-medjazzjoni? Din hija forma ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim (ADR), fejn medjatur jgħin lill-partijiet jilħqu ftehim. Kemm il-gvern kif ukoll il-professjonisti legali f'Malta huma tabilħaqq konxji mill-vantaġġi tal-medjazzjoni.

### Lil min għandek tikkuntattja?

L-entità governattiva li hija responsabbli għall-medjazzjoni f'Malta hija ċ-Ċentru tal-Medjazzjoni għal Malta, li kien stabbilit taħt il-Kapitolu 474 tal-Att dwar il-Medjazzjoni tal-2004. Iċ-Ċentru tal-Medjazzjoni għal Malta jipprovdi forum fejn il-partijiet għal tilwima jmorru, jew jintbagħtu, sabiex isibu soluzzjoni għat-tilwima tagħhom bl-assistenza ta' medjatur.

Tista' tikkuntattja liċ-Ċentru permezz tar-Reġistratur taċ-Ċentru Malti tal-Medjazzjoni, Palazzo Laparelli, 33, Triq Nofsinhar, Valletta VLT 1110.

Tista' anki ċċempel fuq +35621251110 jew tuża l-posta elettronika (email): mediation.mjha@gov.mt

Iċ-Ċentru jipprovdi lill-partijiet b'lista ta' medjaturi debitament akkreditati minnu, u jitlobhom jagħżlu medjatur mil-lista li jkun aċċettabbli għalihom ilkoll.

### F'liema qasam hija l-użu tal-medjazzjoni ammissibbli u/jew l-aktar komuni?

Il-medjazzjoni hija ammissibbli f'tilwim li jinvolvi kwistjonijiet ċivili, familjari, soċjali, kummerċjali u industrijali.

### Hemm regoli speċifiċi li wieħed irid isegwi?

Il-medjazzjoni hija proċess volontarju. Il-partiiet għal kwalunkwe proċediment jistgħu, però, jitolbu flimkien lill-Qorti biex tissospendi l-proċedimenti filwaqt li jipprovaw isolvu t-tilwima ta' bejniethom permezz tal-medjazzjoni. Barra minn hekk, il-Qorti, fuq inizjattiva tagħha stess, tista' tissospendi l-proċedimenti sakemm idum il-proċess ta' medjazzjoni u tordna lill-partijiet biex jipprovaw isibu soluzzjoni għat-tilwima permezz tal-medjazzjoni. Għandu jiġi nnotat, però, li l-medjazzjoni fil-kawżi familjari hija obbligatorja, prinċipalment fil-kawżi li għandhom x'jaqsmu mas-separazzjoni personali, mal-aċċess għat-tfal, mal-kura u mal-kustodja tat-tfal u mal-manteniment għat-tfal u/jew għall-konjuġi.

Iċ-Ċentru tal-Medjazzjoni għal Malta għandu **Kodiċi ta' Kondotta**, li l-medjaturi jkunu meħtieġa jimxu miegħu matul il-proċedimenti ta' medjazzjoni.

Il-Kodiċi jinkludi miżuri inerenti ta' konformità. Per eżempju, jipprovdi biex il-**Bord tal-Gvernaturi** taċ-Ċentru jkollu s-setgħa li jieħu azzjoni dixxiplinari fil-konfront ta' kwalunkwe medjatur li l-kondotta tiegħu ma tkunx konformi ma', jew tonqos milli tissodisfa l-kondotta meħtieġa mill-prinċipji tal-Kodiċi, u kwalunkwe medjatur li jinstab li kiser kwalunkwe waħda mid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi jew li ġab ruħu b'mod mhux xieraq, jitneħħielu ismu mil-lista tal-medjaturi għal perjodu li l-Bord jikkunsidra li huwa xieraq.

### Informazzjoni u taħriġ

Minn żmien għal żmien, iċ-Ċentru tal-Medjazzjoni għal Malta jorganizza korsijiet ta' taħriġ għall-medjaturi. L-ewwel wieħed minn dawn il-korsijiet, dwar il-ħiliet tal-medjazzjoni, sar f'Lulju 2008. Kors ieħor, li kien maħsub biex jipprovdi taħriġ fil-ħiliet tal-medjazzjoni u li kien iffokat fuq l-aspetti psikoloġiċi, soċjali u legali tas-separazzjoni, sar mis-16 sat-18 ta' April 2009.

### X'inhi l-ispiża tal-medjazzjoni?

It-tariffa tad-drittijiet hija regolata mir-regolamenti 2 u 4 tal-Avviż Legali 309 tal-2008.

Fil-**medjazzjoni familjari**, il-partijiet jistgħu, bil-kunsens tagħhom it-tnejn, jagħżlu medjatur huma mill-lista ta' persuni maħtura għal dan l-iskop mill-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja u jbatu huma l-ispiża ta' dan, jew inkella jiġi assenjat lilhom mill-Qorti medjatur, fuq bażi ta' rotazzjoni, minn lista ta' persuni maħtura mill-istess Ministru bħala persuni li jistgħu jagħmluha ta' medjaturi maħtura mill-qorti u f'dan il-kas id-drittijiet dovuti lill-medjaturi jitħallsu mir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali.

### Huwa possibbli li jiġi eżegwit ftehim li jirriżulta minn medjazzjoni?

Skont id-Direttiva 2008/52/KE, għandu jkun possibbli li jintalab li l-kontenut ta' ftehim bil-miktub li jirriżulta minn medjazzjoni jkun eżegwibbli. LL-Istati Membri se jikkomunikaw dan lill-qrati jew lill-awtoritajiet oħrajn li jkunu kompetenti sabiex jirċievu dawn ix-xorta ta' talbiet.

Bħalissa huma disponibbli l-emendi għall-Att dwar il-Medjazzjoni tal-2004 li għandhom l-għan li jinkorporaw id-dispożizzjoni ta' iktar 'il fuq.

### Links relatati

Ċentru Malti tal-Arbitraġġ

Att dwar il-Medjazzjoni tal-2004 ta' Malta

Direttiva 2008/52/KE

L-aħħar aġġornament: 19/08/2015

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-traduttturi tagħna.

Jekk jogħġbok innota li dawn il-lingwi li ġejjin diġà ġew tradotti.

## Il-medjazzjoni fl-Istati Membri - Olanda

Minflok ma toqgħod tmur il-qorti, għaliex ma tipprovax issolvi t-tilwima tiegħek permezz tal-medjazzjoni? Din hija miżura ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim (ADR), fejn medjatur jgħin lil dawk involuti f'tilwima biex jilħqu ftehim. Il-gvern u l-prattikanti tal-ġustizzja fl-Olanda huma konxji mill-vantaġġi tal-medjazzjoni.

### Lil min għandek tikkuntattja?

L-**Istitut tal-Medjazzjoni tal-Pajjiżi l-Baxxi (NMI)** huwa istitut indipendenti li jimmira li jiffamiljarizza lin-nies dwar il-medjazzjoni fil-Pajjiż l-Baxxi u jtejjeb l-istandard tas-servizzi disponibbli. L-NMI żviluppa diversi mudelli u regoli għal dan il-għan.

L-NMI jiġġestixxi wkoll reġistru nazzjonali ta' medjaturi li jinkludi biss il-medjaturi kwalifikati. Dawn il-medjaturi jkunu segwew taħriġ fil-medjazzjoni bażika rikonoxxut mill-NMI u mbagħad għaddew minn eżami teoretiku u evalwazzjoni. Il-medjaturi rreġistrati mal-NMI huma mitluba li jżommu l-għarfien u l-ħiliet tagħhom aġġornati, u dan jiġi vverifikat mill-NMI. Ir-reġistru jista' jiġi kkonsultat hawnhekk: Ir-Reġistru tal-Medjaturi tal-NMI.

Fis-sit hemm ukoll informazzjoni indipendenti dwar il-medjazzjoni u l-medjaturi fil-Pajjiżi l-Baxxi. Fis-sit tista' tfittex informazzjoni skont l-interessi u l-preferenzi tiegħek, bl-użu ta' kriterji mfasslin skont il-bżonnijiet tiegħek. Pereżempju, tista' tfittex medjatur b'kompetenza speċifika f'qasam partikolari.

L-indirizz tal-NMI huwa Westblaak 150, 3012 KM Rotterdam. L-**indirizz postali** tiegħu huwa Kaxxa Postali 21499, 3001 AL Rotterdam. Tel.: 010 - 201 23 44, faks: 010 - 201 23 45, indirizz elettroniku info@nmi-mediation.nl

Il-medjaturi jistgħu jirreġistraw għand l-NMI, u mbagħad għandhom jirrispettaw il-kodiċi ta' kondotta għall-medjaturi. Ir-reġistrazzjoni hija volontarja (bħall-konformità mal-kodiċi ta' kondotta), iżda l-medjaturi li jkunu jixtiequ jaħdmu fis-sistema Olandiża tal-għajnuna legali ssussidjata jew riferiment mill-qrati għandhom jirreġistraw mal-NMI, kif ukoll jiksbu akkreditazzjoni u ssirilhom evalwazzjoni.

Il-Pajjiżi l-Baxxi introduċew ukoll inizjattiva dwar il-medjazzjoni marbuta mal-qrati, imsejħa "Mediation naast rechtspraak". Dan ifisser li l-qorti tad-distrett jew il-qorti tal-appell li tkun qed tisma' l-każ tiegħek tindikalek il-possibbiltà li tuża l-medjazzjoni. Din tista' tagħmel hekk bil-miktub, f'liema każ iż-żewġ partijiet

jirċievu ittra flimkien ma' fuljett informattiv, l-awtoevalwazzjoni tal-medjazzjoni u formola ta' tweġiba. Alternattivament, l-imħallef jista' jindika waqt is-seduta li għall-każ tiegħek tista' tintuża l-medjazzjoni u jipproponi din l-għażla lilek u lill-parti l-oħra.

Tista' tavviċina lill-uffiċjal tal-medjazzjoni int stess. Kull qorti tad-distrett u qorti tal-appell ikollha uffiċjal bħal dan, li jkun jista' jwieġeb il-mistoqsijiet tiegħek, iressaq il-proposta tiegħek għall-medjazzjoni lill-parti l-oħra, jgħin lill-partijiet isibu l-medjatur xieraq u jorganizzaw l-ewwel laqgħa.

Tista' tikseb aktar informazzjoni dwar il-medjazzjoni minn:

Id-**Desk tas-Servizzi Legali** (*Het Juridisch Loket*) Kaxxa Postali 487, 3500 AL Utrecht. Tel.: 0900-8020 (0.10 kull minuta).

Il-**Kunsill tal-Għajnuna Legali** (*Raad voor Rechtsbijstand*) f'Utrecht: Jaarbeursplein 15, 3521 AM Utrecht, Kaxxa Postali 24080, 3502 MB Utrecht. Tel.: 088-7871012 (Id-Dipartiment tar-Reġistrazzjoni).

**F'liema qasam huwa l-użu tal-medjazzjoni ammissibbli u/jew l-aktar komuni?**

Il-medjazzjoni dejjem hi permessa u tintuża l-aktar fil-liġi ċivili u fil-liġi pubblika.

**Hemm regoli speċifiċi li wieħed irid isegwi?**

Ir-rikors għall-medjazzjoni huwa totalment volontarju. Teżisti kodiċi ta' kondotta għall-medjaturi.

**Informazzjoni u taħriġ**

L-Istitut ta' Medjazzjoni tal-Olanda (NMI) jipprovdi informazzjoni dwar il-medjazzjoni u jirreġistra lill-medjaturi.

L-NMI jipprovdi assigurazzjoni tal-kwalità indipendenti rigward il-medjazzjoni u l-medjaturi nazzjonali u jżomm aġġornat reġistru pubbliku tal-medjaturi.

Il-medjaturi reġistrati mal-NMI huma mħarrġa u kkwalifikati biex jagħmluha ta' medjaturi skont ir-regoli ta' medjazzjoni tal-NMI. Huma impenjaw irwieħhom biex jimxu mas-**Sistema ta' Assigurazzjoni tal-Kwalità** tal-NMI.

Biex wieħed jitniżżel fir-reġistru tal-NMI bħala medjatur, irid jissodisfa żewġ rekwiżiti bażiċi:

Irid jirnexxielu jtemm it-taħriġ bħala medjatur akkreditat mill-NMI

Irid jgħaddi evalwazzjoni tal-għarfien rilevanti

L-NMI akkreditat diversi istituti ta' taħriġ fil-medjazzjoni. Il-programmi ta' taħriġ tagħhom ivarjaw minn kors bażiku ta' sitt ijiem (inklużi filgħaxijiet) għal korsijiet li jdumu 20 jum jew iktar. Waħda miż-żewġ kundizzjonijiet preliminari għall-ammissjoni fir-Reġistru tal-Medjaturi tal-NMI hija appuntu li l-kandidat jirnexxielu jtemm wieħed minn dawn il-korsijiet ta' taħriġ.

It-tieni kundizzjoni preliminari għall-ammissjoni fir-Reġistru tal-NMI huwa li l-kandidat irid jgħaddi minn test li jevalwa l-għarfien rilevanti. L-istrument ta' evalwazzjoni kien żviluppat għall-NMI mill-Università ta' Leiden fl-Olanda. Dan jinkludi 50 mistoqsija fejn ir-risposta tingħażel mill-possibbiltajiet offruti, kif ukoll ħames domandi miftuħa. L-għarfien rilevanti huwa inkluż fil-"Mediation Handboek" Olandiż (ed. Sdu Uitgevers, L-Aja, L-Olanda).

It-tieni kondizzjoni bażika għall-ammissjoni hija li tgħaddi minn test ta' għarfien rilevanti. Il-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi iżomm l-istatistika dwar il-medjazzjoni (b' sommarju bl-Ingliż).

**X'inhi l-ispiża tal-medjazzjoni?**

Il-medjazzjoni biex tinstab soluzzjoni għal tilwim ċivili ma tkunx ipprovduta mingħajr ħlas.

Il-kostijiet jiddependu mit-tip ta' każ. Ċerti proċeduri huma kumplessi u jieħdu l-ħin u, għaldaqstant, iqumu aktar flus. Jeżistu wkoll każijiet fejn il-partijiet jingħataw parir li jinvolvu lil avukati speċjalizzati fil-medjazzjoni. Xi drabi r-riferiment għand medjatur jista' jġiegħel lill-partijiet isolvu d-differenzi tagħhom bejniethom stess, li huwa sinjal li l-medjazzjoni tista' tgħin biex twaqqaf tilwima milli tikber.

Jekk il-partijiet ikollhom bżżejjed mezzi finanzjarji, huma obbligati jħallsu l-ispejjeż tal-medjazzjoni. Il-limitu għad-dħul biex parti tikkwalifika għal avukat jew medjatur iffinanzjat mill-Istat huwa:

Għal koppji miżżewġa, sħubiji rreġistrati jew persuni jgħixu flimkien: EUR 35 200 kull sena.

Għal persuni waħedhom: EUR 24 900 kull sena.

Barra minn dawn il-limiti finanzjarji, l-għajnuna finanzjarja mhix disponibbli għall-partijiet b'assi 'l fuq minn ċertu valur li jirrikjedu żvelar lill-awtoritajiet tat-taxxa. Dawn jinkludu t-tieni dar, beni immobbli oħra, tfaddil, likwidità, assi, eċċ. Il-valur preċiż għall-koppji miżżewġa, sħubiji rreġistrati jew persuni jgħixu flimkien jiġi ddeterminat abbażi ta' dejta mingħand l-awtorità tat-taxxa.

Jekk id-dħul tal-partijiet ikun inqas mil-livelli limiti applikabbli, l-istat jikkontribwixxi għall-ispejjeż ta' avukat jew medjatur. Madankollu, l-istat qatt ma jħallas l-ammont sħiħ. Kull parti jkollha tagħmel kontribuzzjoni finanzjarja. Din tammonta għal EUR 51 għal sa erba' sigħat u EUR 102 għal ħames sigħat jew aktar (għal kull medjazzjoni, mhux għal kull parti). Il-kontribuzzjoni għal avukat hija ogħla. Dawn iċ-ċifri jingħataw bħala indikazzjoni u mhumiex legalment vinkolanti. L-ammonti preċiżi jistgħu jinstabu fis-sit tal-Kunsill tal-Għajnuna Legali

**Huwa possibbli li jiġi eżegwit ftehim li jirriżulta minn medjazzjoni?**

Id-Direttiva 2008/52/KE tippermetti li dawk involuti f'tilwima jitolbu li ftehim bil-miktub li jirriżulta mill-medjazzjoni jsir eżegwibbli. L-istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni tal-qrati jew lil awtoritajiet kompetenti oħrajn biex jirċievu talbiet bħal dawn.

L-Olanda għadha ma kkomunikatx din l-informazzjoni.

**Links relatati**

Istitut ta' Medjazzjoni tal-Olanda

L-aħħar aġġornament: 11/04/2013

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Il-medjazzjoni fl-Istati Membri - Awstrija

Minflok tmur il-qorti, għaliex ma tippruvax issolvi t-tilwima tiegħek permezz tal-medjazzjoni? Din hija proċedura ta' riżoluzzjoni tat-tilwim alternattiva, fejn medjatur jgħin lil dawk involuti f'tilwima biex jaslu għal ftehim.

**Lil min nista' nikkuntattja?**

Il-Ministeru Federali tal-Ġustizzja jżomm lista ta' medjaturi rreġistrati Il-medjaturi kollha inklużi fil-lista jkunu segwew taħriġ speċifiku.

M'hemmx awtorità ċentrali responsabbli għas-servizzi ta' medjazzjoni.

Jeżistu assoċjazzjonijiet professjonali, u oħrajn li mhumiex, li joffru servizzi ta' medjazzjoni u diversi organizzazzjonijiet mhux governattivi li joffru appoġġ lill-medjaturi.

**Meta għandi nirrikorri għand medjatur?**

F'kawżi ċivili, il-medjazzjoni tista' tintuża biex jiġi solvut tilwim li fih normalment jieħdu deċiżjoni l-qrati ordinarji. Il-partijiet f'tilwima jistgħu jagħżlu l-medjazzjoni volontarjament biex isibu s-soluzzjoni tagħhom għal tilwima.

F'ċertu tilwim bejn il-ġirien, qabel ma każ jitressaq quddiem il-qorti għandu jsir tentattiv li dan jissolva barra mill-qorti. Dan jista' jsir billi l-kwistjoni tiġi ppreżentata quddiem bord ta' konċiljazzjoni, fejn titfittex riżoluzzjoni ta' qabel il-kawża permezz tal-qorti tad-distrett (proċedura magħrufa bħala "*prätorischer Vergleich*") jew permezz tal-medjazzjoni.

**Jeżistu regoli speċifiċi għall-medjaturi?**

Ma jeżistux regoli speċifiċi għall-medjaturi u ma teżistix kodiċi ta' kondotta.

Il-medjaturi ma jiġux irreġistrati bħala speċjalisti f'qasam partikolari, bħal pereżempju f'tilwim tal-familja, mediku jew dwar kostruzzjoni, iżda d-dettalji dwar l-oqsma li fihom medjatur irreġistrat ikun jaħdem jistgħu jiddaħħlu separatament.

Kull persuna li tkun lestiet it-taħriġ speċifiku u li tissodisfa ir-rekwiżiti tista' tiġi elenkata bħala medjatur irreġistrat. Ma jeżistux restrizzjonijiet legali dwar min jista' juża t-titlu professjonali ta' "medjatur".

**Informazzjoni u taħriġ**

Hawnhekk tista' ssib informazzjoni addizzjonali, inklużi d-dettalji dwar it-taħriġ u r-rekwiżiti biex tiġi rreġistrat bħala medjatur fl-Awstrija. L-informazzjoni hija disponibbli bil-Ġermaniż biss.

**Kemm tiswa l-medjazzjoni?**

Il-medjazzjoni mhijiex bla ħlas.

Id-drittijiet ta' ħlas tal-medjazzjoni jiġu stabbiliti mill-medjatur privat flimkien mal-partijiet fit-tilwima.

**Ftehim li jirriżulta mill-medjazzjoni jista' jiġi infurzat?**

Skont id-Direttiva 2008/52/KE l-partijiet f'tilwima għandhom jingħataw l-opportunità li jippreżentaw talba, biex il-kontenut ta' ftehim bil-miktub wara l-medjazzjoni jkun jista' jiġi infurzat. Huwa kompitu tal-Istat Membru li jindika għand liema qorti jew awtorità oħra għandhom jintbagħtu dawn it-talbiet.

Fl-Awstrija, il-kontenut ta' ftehim li jirriżulta mill-medjazzjoni huwa infurzabbli biss jekk il-ftehim jieħu forma ta' riżoluzzjoni *(Vergleich)* fil-qorti jew att notarili quddiem nutar.

L-aħħar aġġornament: 23/05/2018

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna pl ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

**Il-medjazzjoni fl-Istati Membri - Polonja**

Ta' min jipprova jsib soluzzjoni alternattiva għat-tilwim permezz tal-medjazzjoni minflok rikors il-qorti. Il-medjazzjoni hija metodu ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim (ADR) fejn il-medjatur jgħin lill-partijiet biex jaslu għal ftehim. Kemm il-gvern u kemm il-professjonijiet ġuridiċi fil-Polonja huma konxji tal-vantaġġi tal-medjazzjoni.

**Lil min nista' nikkuntattja?**

Fl-2010 nħolqot sezzjoni fi ħdan il-Ministeru tal-Ġustizzja biex tieħu ħsieb il-medjazzjoni, li attwalment topera **fit-Taqsima għall-Vittmi tad-Delitti u l-Promozzjoni tal-Medjazzjoni (Wydział ds. Pokrzywdzonych Przestępstwem i ds. Promocji Mediacji)** fi ħdan id-Dipartiment tal-Kooperazzjoni Internazzjonali u d-Drittijiet tal-Bniedem. Informazzjoni dwar l-isfond tal-attivitajiet tal-medjazzjoni tista' tinkiseb fuq is-sit elettroniku tal-Ministeru tal-Ġustizzja (Ministerstwo Sprawiedliwości).

Riċentament, il-Ministeru tal-Ġustizzja ta attenzjoni partikolari lill-kwistjonijiet relatati mal-iżvilupp u l-promozzjoni tal-medjazzjoni u metodi oħra ta' soluzzjoni alternattiva fil-Polonja u ż-żieda fl-effikaċja tas-sistema ġudizzjarja u l-aċċessibbiltà tagħha għaċ-ċittadini.

Fl-2010 **nħatar netwerk ta' koordinaturi tal-medjazzjoni** fuq inizjattiva tal-Ministeru.

Bħalissa hemm 120 koordinatur (imħallfin, uffiċjali tal-probation u medjaturi), fi tmien qrati tal-appell, fil-qrati reġjonali kollha u f'sitt qrati tad-distrett.

Fir-rigward ta' pariri u opinjonijiet, il-Ministru tal-Ġustizzja jaħdem **mal-Kunsill Soċjali dwar is-Soluzzjoni Alternattiva għat-Tilwim u l-Kunflitti (Społeczną Radą ds. Alternatywnych Metod Rozwiązywania Konfliktów i Sporów)** ('il-Kunsill ADR' - email: adr_rada@ms.gov.pl), li għandu rwol importanti fil-promozzjoni tal-idea tal-medjazzjoni u l-komunikazzjoni bejn il-gvern ċentrali, is-sistema ġudizzjarja u l-medjaturi għal kwistjonijiet ambjentali.

Il-Kunsill ġie maħtur l-ewwel darba permezz ta' Ordni tal-Ministru tal-1 ta' Awwissu 2005 bħala korp li jagħti pariri lill-Ministru fuq kwistjonijiet ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim u l-kunflitt b'mod ġenerali. Il-kisbiet tal-ewwel perjodu tal-Kunsill kienu jinkludu d-dokumenti li ġejjin:

Il-Kodiċi tal-Etika tal-Medjaturi Pollakki (Kodeks Etyczny Mediatorów Polskich) (Mejju 2008).

Standards għat-Taħriġ tal-Medjaturi (Standardy Szkolenia Mediatorów) (Ottubru 2007).

Standards għat-Tmexxija tal-Medjazzjoni u l-Proċeduri ta' Medjazzjoni (Standardy Prowadzenia Mediacji i Postępowania Mediacyjnego) (Ġunju 2006).

Il-Kunsill ADR ġie maħtur għat-tieni perjodu tiegħu b'Ordni tal-Ministru tal-Ġustizzja tat-3 ta' April 2009 (emendat mill-Ordni tal-Ministru tal-Ġustizzja tal-1 ta' Lulju 2011). L-aktar dokument importanti ippreparat mill-Kunsill dak iż-żmien huwa L-introduzzjoni ta' tibdil fis-sistema (Założenia do zmian systemowych) (Marzu 2012).

Il-Kunsill huwa ffurmat minn 23 rappreżentant mill-qasam tax-xjenza u professjonisti tal-medjazzjoni, kif ukoll rappreżentanti mill-organizzazzjonijiet nongovernattivi, istituzzjonijiet akkademiċi u d-dipartimenti tal-gvern li ġejjin.

Is-setgħat tal-Kunsill jikkonsistu l-aktar fit-tfassil ta' rakkmandazzjonijiet għar-regoli dwar it-tħaddim tas-sistema nazzjonali tal-ADR, kif ukoll:

l-adattament tas-sistema ADR għall-ħtiġijiet tad-dritt tal-UE,

l-iżvilupp ta' mudell uniformi tal-medjazzjoni fis-sistema ġudizzjarja Pollakka,

il-promozzjoni ta' standards għall-proċedimenti ta' medjazzjoni,

il-promozzjoni tal-mekkaniżmi tal-ADR bħala metodu ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim fost il-membri tal-ġudikatura u l-istaff ġudizzjarju, is-servizzi ta' infurzar tal-liġi u l-pubbliku,

il-ħolqien ta' ambjent istituzzjonali fejn jistgħu jiżviluppaw ċertu metodi ta' ADR,

l-ingaġġ ta' aktar proġetti ad hoc biex tiġi żvluppata l-medjazzjoni fil-Polonja.

Hemm ukoll numru kbir ta' organizzazzjonijiet nongovernattivi u kumpaniji li għandhom rwol importanti fil-promozzjoni tal-medjazzjoni u d-determinazzjoni tal-istandards interni tagħha. Dawn l-organizzazzjonijiet jistabbilixxu l-istandards tagħhom stess fir-rigward tat-taħriġ, ir-rekwiżiti għall-kandidati li jixtiequ jsiru medjaturi, il-metodi ta' medjazzjoni, l-istandards etiċi u l-prassi professjonali tajba. Dawn ir-regoli huma ta' natura interna u huma indirizzati biss lill-medjaturi li huma membri ta' dawk l-organizzazzjonijiet.

L- **ikbar assoċjazzjonijiet** jinkludu:

Iċ-Ċentru Pollakk għall-Medjazzjoni (Polskie Centrum Mediacji),

L-Assoċjazzjoni tal-Medjaturi tal-Familja (Stowarzyszenie Mediatorów Rodzinnych),

L-Assoċjazzjoni Pollakka tal-Medjaturi (Krajowe Stowarzyszenie Mediatorów),

Iċ-Ċentru ta' Medjazzjoni tal-Polonja għall-Imsieħba (Centrum Mediacji Partners Polska),

L-Assoċjazzjoni Pollakka għall-Arbitraġġ (Polskie Stowarzyszenie Sądownictwa Polubownego),

Iċ-Ċentru ta' Medjazzjoni tas-Sleżja l-Baxxa (Dolnośląski Ośrodek Mediacji).
Barra minn hekk, il-korpi professjonali imexxu attivitajiet istituzzjonali għall-promozzjoni tal-medjazzjoni. Dawn jinkludu:
Iċ-Ċentru ta' Medjazzjoni tal-Kunsill Suprem tal-Avukati (Centrum Mediacyjne przy Naczelnej Radzie Adwokackiej).
Iċ-Ċentru tal-Assoċjazzjoni Nazzjonali tal-Avukati għall-Medjazzjoni Kummerċjali (Centrum Mediacji Gospodarczej przy Krajowej Izbie Radców Prawnych).
Ċentri ta' medjazzjoni ta' xi Assoċjazzjonijiet Reġjonali tal-Avukati (Okręgowa Izba Radców Prawnych)
Ċentri ta' medjazzjoni ta' xi Kunsilli Reġjonali tan-Nutara (Okręgowa Rada Notarialna)
L-organizzazzjonijiet nongovernattivi, fi ħdan l-iskop tad-dmirijiet statutorji tagħhom, u l-universitajiet jista' jkollhom lista ta' medjaturi permanenti (*stały mediator*). Il-Presidenti tal-qrati tad-distrett jipprovdu informazzjoni dwar il-listi u ċ-ċentri. Il-Presidenti tal-qrati tad-distrett jipprovdu wkoll listi ta' medjaturi għall-kawżi kriminali u l-każijiet li jinvolvu l-minorenni.

**Fl-liema oqsma hija possibbli u/jew tintuża l-aktar il-medjazzjoni?**

It-tilwim jista' jiġi solvut bil-medjazzjoni f'numru ta' oqsma. Skont id-dritt Pollakk, il-medjazzjoni tista' tintuża fil-materji li ġejjin:
id-dritt ċivili
il-kummerċ
id-dritt dwar ix-xogħol
id-dritt tal-familja
il-minorenni
id-dritt kriminali
il-qasam ġudizzjarju-amministrattiv
Informazzjoni aktar dettaljata tista' tinkiseb mill-gwidi u fuljetti ppreparati u mqassma mill-Ministeru tal-Ġustizzja.
Il-medjazzjoni llum tintuża l-aktar fl-oqsma ċivili u kriminali. Fl-2011-2012, l-oqsma tal-familja u l-kummerċ raw l-akbar żieda fl-użu tal-medjazzjoni.

**Iridu jiġu segwiti xi regoli speċifiċi?**

Il-medjazzjoni hija mezz volontarju ta' kif jiġi solvuti t-tilwim u l-kunflitti u titmexxa fuq il-bażi ta':
Ftehim ta' medjazzjoni ( **medjazzjoni ekstraġudizzjarja**)
Deċiżjoni tal-qorti biex kawża tmur għall-medjazzjoni **(medjazzjoni ordnata mill-qorti**).
Jekk il-partijiet ma jagħżlux medjatur, il-qorti għandha s-setgħa li taħtar medjatur biex jieħu sehem fil-proċedimenti minn lista ta' persuni bi kwalifiki xierqa. Fil-kwistjonijiet kriminali u l-każi li jinvolvu l-minorenni il-qorti taħtar il-medjatur.
Il-medjazzjoni hija rregolata, fost affarijiet oħra, mill-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili u Kriminali, il-Liġi tal-Proċedura f'Każijiet li Jinvolvu l-Minorenni u l-Liġi dwar l-Ispejjeż fil-Kawżi Ċivili. Ġew promulgati wkoll strumenti ta' leġiżlazzjoni sussidjarja li jirregolaw fid-dettal il-proċedura ta' medjazzjoni fir-rigward ta' każijiet speċifiċi.
Fir-rigward tal-**minorenni** ir-regolament jirregola:
il-kundizzjonijiet għall-istituzzjonijiet u l-persuni awtorizzati biex imexxu proċedimenti ta' medjazzjoni,
ir-reġistrazzjoni tal-istituzzjonijiet u l-persuni awtorizzati biex imexxu proċedimenti ta' medjazzjoni,
it-taħriġ tal-medjaturi,
l-iskop u l-kundizzjonijiet tal-aċċess tal-medjaturi għall-fajl tal-każ,
l-għamla u l-iskop tar-rapport dwar il-progress u l-eżitu tal-proċedimenti ta' medjazzjoni.
Ir-regolament dwar **kwistjonijiet kriminali** jistabbilixxi:
Il-kundizzjonijiet għall-istituzzjonijiet u l-persuni awtorizzati biex imexxu proċedimenti ta' medjazzjoni.
Il-ħatra u t-tneħħija tal-istituzzjonijiet u l-persuni awtorizzati biex imexxu proċedimenti ta' medjazzjoni.
L-iskop u l-kundizzjonijiet tal-aċċess għall-fajl tal-każ tal-istituzzjonijiet u l-persuni awtorizzati biex imexxu l-proċedimenti ta' medjazzjoni .
Il-metodu u l-proċedura li jridu jiġu segwiti fil-proċedimenti ta' medjazzjoni.
Fil- **kawżi tal-familja** jridu jiġu sodisfatti aktar rekwiżiti mill-medjaturi fir-rigward tal-edukazzjoni u l-esperjenza tagħhom (psikoloġija, taħriġ għall-għalliema, soċjoloġija jew liġi, u ħiliet prattiċi fit-tmexxija tal-medjazzjoni fil-kawżi tal-familja).
Regolament ta' implimentazzjoni jistabbilixxi l-ammont ta' ħlas u spejjeż soġġetti għal rifużjoni għall-medjaturi fi proċedimenti ċivili (ara aktar 'l isfel - X'inhuma l-ispejjeż tal-medjazzjoni?)

**Informazzjoni u taħriġ**

Informazzjoni bażika dwar il-medjazzjoni fil-Polonja tista' tinstab fuq is-sit elettroniku tal-Ministeru tal-Ġustizzja, inkluż, fost affarijiet oħra: siltiet mill-istrumenti dwar il-medjazzjoni, strumenti ġuridiċi dwar il-medjazzjoni internazzjonali u dokumenti u rakkomandazzjonijiet ippreparati mill-Kunsill ADR , kif ukoll verżjonijiet elettroniċi tal-kartelluni li jiġu ppubblikati biex jippromwovu l-idea tal-medjazzjoni. Tiġi ppubblikata wkoll informazzjoni aġġornata dwar l-attivitajiet li jippromwovu l-medjazzjoni u l-attivitajiet fuq livell reġjonali u nazzjonali b'rabta mal-Jum Internazzjonali dwar is-Soluzzjoni tat-Tilwim. Is-sit elettroniku jiġbor ukoll l-informazzjoni, it-traduzzjonijiet tal-istrumenti ġuridiċi u l-eżempji ta' prassi tajba minn pajjiżi oħra..
Il-medjazzjoni hija koperta fit-taħriġ ġuridiku ġenerali u fit-taħriġ tal-prosekuturi u l-imħallfin, u inkluża wkoll fil-programmi ta' taħriġ tal-imħallfin u l-prosekuturi tal- Iskola Nazzjonali tal-Ġudikatura u l-Prosekuturi Pubbliċi (Krajowa Szkoła Sądownictwa i Prokuratury).
It-taħriġ għall-koordinaturi tal-medjazzjoni mitlub mill-Ministeru tal-Ġustizzja bi preparazzjoni għall-irwol ta' koordinatur tal-medjazzjoni ngħata fl-oqsma li ġejjin: il-komunikazzjoni, l-immaniġġjar ta' tim u l-ħidma mal-medjaturi.
Il-medjaturi nfushom jagħżlu minn fost il-korsijiet offruti miċ-ċentri tal-medjazzjoni, l-universitajiet u entitajiet oħra.
Il-Ministeru tal-Ġustizzja għandu statistika dwar il-medjazzjoni, li tinkludi:
in-numru ta' riferti għall-medjazzjoni mill-qorti,
in-numru ta' ftehimiet miksuba,
il-kundizzjonijiet għall-ftehim (għall-medjazzjoni f'kawżi kriminali u l-kawżi li jinvolvu l-minorenni),
in-numru ta' proċedimenti ta' medjazzjoni barra l-qorti (għall-medjazzjoni ċivili).
B'rabta mal-attivitajiet ibbażati fuq proġetti, fl-2010-2011 ġew imqassma gwidi u fuljetti b'informazzjoni dwar it-tipi ta' medjazzjoni differenti u l-użu tagħhom fil-prattika fil-qrati, fil-kwartieri ġenerali tal-pulizija fil-provinċji u fiċ-ċentri tal-medjazzjoni. Saret ukoll kampanja fuq it-televiżjoni, ir-radju u t-tabelli kbar fit-toroq biex tinforma lill-pubbliku ġenerali dwar il-medjazzjoni. Il-Ministeru tal-Ġustizzja jaġġorna ta' sikwit u jqassam fuljetti u noti annessi mad-dokumenti tal-proċedura u l-kartelluni, li huma disponibbli wkoll mingħajr ħlas fuq is-sit elettroniku tal-Ministeru.
Il-Polonja ċċelebrat għall-ħames sena konsekuttiva l-Jum Internazzjonali Għas-Soluzzjoni tat-Tilwim, u l-Ministru tal-Ġustizzja qiegħed jorganizza konferenza nazzjonali fuq dan is-suġġett. Barra minn hekk, ser jinżammu għadd kbir ta' konferenzi, avvenimenti, seminars u taħditiet fuq skala iżgħar f'ħafna bliet fuq livell lokali u reġjonali għall-okkażjoni.

**X'inhi l-ispiża tal-medjazzjoni?**

L-informazzjoni dwar il-medjazzjoni hija mqassma mingħajr ħlas mill-Ministeru tal-Ġustizzja. Ir-Riċerka turi illi l-medjazzjoni hija aktar kosteffiċjenti minn proċedimenti l-qorti.

Fi kwistjonijiet kriminali u l-każijiet li jinvolvu l-minorenni **l-partijiet ma jħallsux l-ispejjeż tal-medjazzjoni** – dawn jiġu koperti mir-riżorsi tat-Teżor. F'każijiet oħra, **bħala regola ġenerali il-ħlas** huwa soġġett għal ftehim bejn il-medjatur u l-partijiet. Il-medjatur madanakollu jista' jaqbel li jmexxi l-medjazzjoni mingħajr ħlas. F'kawżi ċivili, l-ispejjeż jitħallsu mill-partijiet. Il-partijiet normalment iħallsu nofs l-ispejjeż kull wieħed, sakemm ma jiftehmux mod ieħor. Dwar il-proċedimenti ta' medjazzjoni ordnata permezz ta' deċiżjoni tal-qorti, l-ammont tal-ħlas tal-medjatur f'tilwim li m'għandux x'jaqsam mal-propjetà huwa ta' PLN 60 (madwar EUR 15) għall-ewwel seduta tal-medjazzjoni u PLN 25 (madwar EUR 6) għall kull seduta ta' wara. Jekk il-proċedimenti jkunu dwar il-propjetà, il-ħlas tal-medjatur huwa 1% tal-valur tal-oġġett tat-tilwima (mhux inqas minn PLN 30) (madwar EUR 7.5) u mhux aktar minn PLN 1 000 (madwar EUR 250). Il-medjatur huwa intitolat ukoll għal rifużjoni tal-ispejjeż (li tkopri, pereżempju, il-posta u l-ispejjeż tat-telefon u l-kiri tal-kamra). Il-VAT hija inkluża wkoll fl-ispejjeż.

Jekk jintlaħaq ftehim riżultat tal-medjazzjoni, 75% tat-tariffi tal-qorti jiġu rifużi lil dik il-parti li ressqet it-tilwima quddiem il-qorti. Fil-kawżi ta' separazzjoni u divorzju, jiġu rifużi t-tariffi kollha.

Fil-każ ta' medjazzjoni barra l-qorti, il-ħlas tal-medjatur u r-rifużjoni tal-ispejjeż tal-partijiet jiġu stabbiliti miċ-ċentru tal-medjazzjoni jew isir ftehim fuqhom mill-partijiet mal-medjatur qabel tibda l-medjazzjoni. Il-partijiet ma jistgħux jiġu eżentati mill-ħlas tal-ispejjeż tal-medjatur anke jekk ikunu eżenti mill-ħlas tat-tariffi tal-qorti. Il-medjatur fiż-żewġ tipi ta' medjazzjoni (bil-qorti u barra l-qorti) jista' jiddeċiedi li ma jitħallasx.

**Il-ftehim milħuq bil-medjazzjoni jista' jiġi infurzat?**

**F'kawżi ċivili,** il-ftehim milħuq mill-partijiet huwa anness mal-minuti. Il-medjatur jinforma lill-partijiet illi bl-iffirmar tal-ftehim huma jaqblu li l-ftehim jiġi ppreżentat lill-qorti għall-approvazzjoni. Il-medjatur jippreżenta l-minuti tal-ftehim lill-qorti u jibgħat kopja tal-minuti lill-partijiet. Fil-pront il-qorti tibda proċedimenti biex tilqa' jew toħroġ dikjarazzjoni ta' infurzar tal-ftehim tal-medjazzjoni. Il-qorti tista' tiċħad li tapprova l-ftehim jew tiddikjarah eżegwibbli, kollu kemm hu jew parti minnu, jekk il-ftehim jikser il-liġi, huwa kontra l-morali, huwa intiż biex jikser il-liġi, mhuwiex ċar jew fih kontradizzjonijiet kontra l-interessi leġittimi tal-impjegat. Ftehim tal-medjazzjoni li ġie approvat mill-qorti u ddikjarat eżegwibbli huwa validu bil-liġi daqs ftehim bil-qorti u jista' jiġi infurzat.

**Kawżi tal-familja** koperti minn ftehim bil-medjazzjoni jinkludu r-rikonċiljazzjoni tal-miżżewġin, li jistabbilixxi kundizzjonijiet għas-separazzjoni, is-setgħa tal-ġenituri, il-kuntatt mat-tfal, il-bżonnijiet tal-familja, il-manteniment u l-manteniment tat-tfal, u l-kwistjonijiet tal-propjetà u l-akkomodazzjoni. Wara s-separazzjoni tal-ġenituri jew tal-miżżewġin, jista' jintlaħaq ukoll ftehim dwar kwistjonijiet bħall-ħruġ ta' passaport, l-għażla tal-edukazzjoni tat-tfal, il-kuntatt mal-membru l-oħra tal-familja u l-ġestjoni tal-propjetà tat-tfal.

Fil-kawżi ċivili, il-bidu tal-proċedimenti tal-medjazzjoni jinterrompi l-perjodu ta' preskrizzjoni.

F' **kawżi kriminali u l-kawżi li jinvolvu l-minorenni, il-ftehim milħuq fil-medjazzjoni ma jeħux post is-sentenza tal-qorti u ma jorbotx lill-qorti, madanakollu** l-qorti għandha tonora l-kontenut tad-deċiżjoni fi tmiem il-proċedimenti. Il-termini tal-ftehim jistgħu jkopru li ġej: apoloġija formali, kumpens għad-danni materjali u mhux materjali, servizz obbligatorju fil-komunità, obbligi lejn il-parti li sofriet it-telf, obbligi lejn is-soċjetà eċċ.

L-aħħar aġġornament: 25/09/2014

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-traduttturi tagħna.

Jekk jogħġbok innota li dawn il-lingwi li ġejjin diġà ġew tradotti.

**Il-medjazzjoni fl-Istati Membri - Portugall**

Minflok ma toqgħod tmur il-qorti, għaliex ma ssolvix it-tilwima tiegħek permezz tal-medjazzjoni? Din hija miżura ta' riżoluzzjoni alternattiva tat-tilwim (ADR), fejn medjatur jgħin lil dawk involuti f'tilwima biex jilħqu ftehim. Kemm il-gvern u kemm il-professjonisti tal-liġi jagħrfu l-vantaġġi tal-medjazzjoni.

**Lil min għandek tikkuntattja?**

Il-Portugall għandu korp governattiv ċentralizzat responsabbli mir-regolamentazzjoni tal-attivitajiet ta' medjazzjoni – id-Direttorat Ġenerali għall-Politika tal-Ġustizzja (*Direção-Geral da Política de Justiça*).

Id-Direttorat Ġenerali huwa dipartiment tal-Ministeru tal-Ġustizzja, li jinsab:

Av. D. João II, Lote 1.08.01-E, Torre H, Pisos 2/3 1990-097 Lisbona.

Dettalji ta' kuntatt:

E-mail correio@dgpj.mj.pt

Telefown: (+351) 217924000

Faks: (+351) 217924048 jew 217924090.

Il-websajt tad-DĠ fiha l-biċċa l-kbira tal-informazzjoni dwar is-servizzi pubbliċi ta' medjazzjoni, kif ukoll metodi ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim.

Hija ma tgħidlekx kif issib medjatur, għalkemm fiha listi ta' medjaturi. Ladarba jiġi deċiż li tintuża l-medjazzjoni, skont ir-regoli li jirregolaw is-servizzi pubbliċi ta' medjazzjoni, jintgħażel awtomatikament medjatur.

Fil-Portugall m'hemm l-ebda organizzazzjoni mhux governattiva (NGO) li taħdem fil-qasam tal-medjazzjoni. Madankollu, hemm assoċjazzjonijiet privati li jipprovdu servizzi ta' medjazzjoni u programmi ta' taħriġ għall-medjaturi.

**F'liema oqsma l-użu tal-medjazzjoni huwa ammissibbli u/jew l-aktar komuni?**

L-użu tal-medjazzjoni huwa ammissibbli f'bosta oqsma.

Il-Portugall adotta miżuri għall-promozzjoni tal-użu tal-medjazzjoni f'oqsma speċifiċi tal-liġi, jiġifieri l-familja, l-impjiegi, materji kriminali, ċivili u kummerċjali. Il-medjazzjoni familjari, tal-impjiegi u dwar materji kriminali għandhom l-istrutturi tagħhom, b'medjaturi speċjalizzati f'dawk l-oqsma. Il-medjazzjoni ċivili u kummerċjali ssir bħala parti minn proċess ġudizzjarju fi tribunali tat-talbiet iż-żgħar (*Julgados de Paz* - Kummissarji tal-Ġustizzja).

Il-medjazzjoni tista' ssir ukoll barra mill-ġurisdizzjoni tal-qrati msemmija fuq, li hija magħrufa wkoll bħala medjazzjoni ekstraġudizzjarja. Madankollu, dan it-tip ta' medjazzjoni ma jsegwix l-istess proċeduri bħall-materji li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Kummissarji tal-Ġustizzja peress li, jekk ma jintlaħaqx ftehim matul il-medjazzjoni ekstraġudizzjarja, il-proċess ma jistax jittella' l-qorti għal deċiżjoni bħal fil-każ ta' medjazzjoni ċivili u kummerċjali, fejn ikollhom il-ġuriżdizzjoni l-Kummissarji tal-Ġustizzja.

**Hemm regoli speċifiċi li wieħed irid isegwi?**

L-użu tal-medjazzjoni huwa għalkollox volontarju.

M'hemm l-ebda kodiċi nazzjonali ta' mġiba għall-medjaturi. Il-medjaturi jwettqu l-attivitajiet tagħhom skont il-Kodiċi Ewropew ta' Mġiba għall-Medjaturi, b'ċerti strutturi legali u amministrattivi li jiddefinixxu l-attivitajiet tagħhom u r-rekwiżiti biex wieħed jipprattika l-professjoni tiegħu. Hemm linji gwida dwar kif għandhom jitmexxew is-sessjonijiet ta' medjazzjoni, il-metodi li jistgħu jintużaw biex ikun hemm komunikazzjoni kostruttiva jew rapport kostruttiv mal-partijiet, u l-mod li bih il-medjaturi jistgħu jipproponu soluzzjonijiet.

L-imġiba tal-medjaturi hija sorveljata minn sistema pubblika ta' medjazzjoni; It-tip użat jiddependi mill-qasam li jaħdmu fih. Is-sistema pubblika għandha kumitat superviżorju li jissorvelja l-attività ta' medjazzjoni. Il-kriterji applikati waqt it-taħriġ mogħti lill-medjaturi għandu l-għan li jdaħħal ftit ftit l-etika u l-prinċipji stabbiliti fil-Kodiċi Ewropew.

Kull qasam ta' medjazzjoni– il-familja, l-impjiegi, l-oqsma kriminali, ċivili u kummerċjali – għandu l-qafas ġuridiku tiegħu b'linji gwida dwar kif titmexxa l-medjazzjoni.

Bħalissa, is-sistemi pubbliċi ta' medjazzjoni, inkluża l-medjazzjoni ċivili u dik kummerċjali li ssir quddiem il-Kummissarji għall-Ġustizzja, għandhom l-għan li jsolvu t-tilwim fil-Portugall, permezz tal-proċeduri u tal-applikazzjonijiet ipprovduti mil-leġiżlazzjoni Portugiża.

**Informazzjoni u taħriġ**

Tista' ssib informazzjoni fit-taqsima tal-medjazzjoni tal-websajt tad-Direttorat Ġenerali għall-Politika tal-Ġustizzja.

Il-Portugall iżomm statistika dwar l-użu tal-medjazzjoni. Id-DĠ għall-Politika tal-Ġustizzja jżomm informazzjoni dwar l-għadd ta' seduti ta' medjazzjoni li nbdew, l-għadd li ntemmew b'soluzzjoni jew mingħajrha, u l-ħin li ħadet kull seduta.

Il-Portugall m'għandux korp nazzjonali ta' taħriġ għall-medjaturi, li jiġu mħarrġa minn korpi privati. Dawn il-korsijiet ta' taħriġ huma approvati mill-Ministeru tal-Ġustizzja Portugiż. Biex ikunu approvati jridu jkunu jkopru ċertu għadd ta' sigħat ta' tagħlim, ċerti prattiki ta' tagħlim, u kontenut speċifiku fil-programm li huma konformi mal-leġiżlazzjoni rilevanti.

Il-korpi privati li jħarrġu lill-medjaturi li japplikaw għall-inklużjoni fil-listi mfassla mid-DĠ għall-Politika għall-Ġustizzja jridu jissodisfaw il-kriterji tat-taħriġ. Il-programm ta' taħriġ jiżgura li jkollhom il-kapaċità u l-kompetenza professjonali biex isolvu tilwim familjari, tal-impjiegi, kriminali u ċivili permezz tal-medjazzjoni.

**Kemm tiswa l-medjazzjoni?**

Meta qorti tiddeċiedi li tuża l-medjazzjoni f'tilwim familjari, b'konformità mal-Artikolu 147.C tal-Liġi li tirregola l-kustodja tat-tfal, ma titħallas l-ebda tariffa. Fil-każijiet l-oħra kollha trid titħallas tariffa, bla eċċezzjoni, ħlief f'każijiet fejn tingħata l-għajnuna legali.

Meta l-medjazzjoni ssir fuq inizjattiva tal-partijiet, l-ispejjeż għal kull parti jiddependu mis-suġġett tat-tilwima, kif ġej:

Medjazzjoni dwar il-familja: EUR 50 li jridu jitħallsu minn kull parti

Medjazzjoni kriminali: eżenti mit-tariffi meta tintalab mill-Prosekutur Pubbliku jew mill-imputat u mill-parti offiża

Medjazzjoni fil-qasam tal-impjiegi: EUR 50 li jridu jitħallsu minn kull parti

Medjazzjoni f'materji ċivili u kummerċjali: EUR 25 li trid titħallas minn kull parti (dan it-tip ta' medjazzjoni tista' ssir quddiem il-Kummissarju tal-Ġustizzja u, f'dak il-każ, din it-tariffa titħallas jekk tinstab soluzzjoni).

Meta partijiet bi problemi finanzjarji jkollhom iħallsu tariffi relatati mal-proċess ta' medjazzjoni, huma jistgħu jitolbu l-għajnuna legali u jiksbu eżenzjoni mill-korp kompetenti (l-awtoritajiet tas-sigurtà soċjali – *Instituto de Segurança Social*).

**Ħoloq Utli**

Id-Direttorat Ġenerali għall-Politika tal-Ġustizzja

Bord ta' Sorveljanza għat-Tribunali tat-Talbiet iż-Żgħar

L-aħħar aġġornament: 29/12/2017

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Il-medjazzjoni fl-Istati Membri - Rumanija

Minflok ma toqgħod tmur il-qorti, għaliex ma tipprovax issolvi t-tilwim permezz tal-Medjazzjoni? Din hija forma ta' riżoluzzjoni alternattiva tat-tilwim (ADR), fejn medjatur jgħin lil dawk involuti f'tilwima biex jilħqu ftehim. Il-gvern u l-prattikanti tal-ġustizzja Rumeni huma konxji mill-vantaġġi tal-medjazzjoni.

### Lil min għandek tikkuntattja?

Il-Kunsill tal-Medjazzjoni, stabbilit bil-Liġi Nru. 192/2006 dwar il-medjazzjoni, huwa responsabbli mis-sorveljanza tal-medjazzjoni fir-Rumanija. Huwa entità legali awtonoma li jaġixxi fl-interess pubbliku u għandu l-kwartieri ġenerali tiegħu f'Bukarest.

Il-Liġi Nru. 192/2006 tipprovdi l-qafas leġiżlattiv għall-introduzzjoni tal-medjazzjoni, li fi ħdanu topera l-professjoni tal-medjazzjoni.

Il-membri tal-Kunsill tal-Medjazzjoni jiġu eletti mill-medjaturi u jkunu approvati mill-Ministeru tal-Ġustizzja tar-Rumanija.

Ir-responsabbiltajiet prinċipali tal-**Kunsill tal-Medjazzjoni** huma li jadotta deċiżjonijiet fl-oqsma li ġejjin:

Jistabbilixxi **standards għat-taħriġ** fil-qasam tal-medjazzjoni, fuq il-bażi tal-aħjar prattika internazzjonali u jissorvelja l-konformità magħhom min-naħa tal-professjonisti;

**Joħroġ l-awtorizzazzjonijiet** għall-medjaturi u jżomm u jaġġorna l-Lista tal-Medjaturi;

**Japprova** l-**kurrikula tat-taħriġ** għall-medjaturi;

**Jadotta** l-**Kodiċi Etiku u Deontoloġiku** għall-medjaturi awtorizzati, kif ukoll ir-regolamenti rigward ir-responsabbiltà dixxiplinari tagħhom;

Jadotta **regolament** dwar l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-Kunsill tal-Medjazzjoni;

Jagħtu bidu għal **proposti** biex tkun emendata jew korelata l-leġiżlazzjoni dwar il-medjazzjoni.

Id-**dettalji ta' kuntatt tal-** Kunsill tal-Medjazzjoni huma:

Indirizz: Cuza Vodă Street, 64, sector 4, Bucharest

Telefon: 004 021 315 25 28; 004 021 330 25 60; 004 021 330 25 61

Faks: 004 021 330 25 28

Indirizzi tal-posta elettronika (e-mail): secretariat@cmediere.ro , Consiliul_de_mediere@yahoo.com

**Ir-Reġistru Nazzjonali tal-Assoċjazzjonijiet Professjonali tal-Medjaturi**

Il-Kunsill tal-Medjazzjoni stabbilixxa r-Reġistru Nazzjonali tal-Assoċjazzjonijiet Professjonali tal-Medjaturi. Dan ir-Reġistru jelenka l-organizzazzjonijiet mhux governattivi li jippromwovu l-medjazzjoni u jirrappreżentaw l-interessi professjonali tal-medjaturi.

Din li ġejja hija **lista ta' assoċjazzjonijiet professjonali** attivi fis-servizzi tal-medjazzjoni**:**

l-**Assoċjazzjoni tal-Medjaturi ta' Bukarest** (Asociaţia Mediatorilor Bucureşti)

iċ-Ċentru tal-Medjaturi ta' Turda (Asociaţia Centrul de Mediere Turda)

l-Assoċjazzjoni tal-Kamra tal-Medjaturi ta' Vaslui (Asociatia Camera Mediatorilor Vaslui)

iċ-Ċentru ta' Medjazzjoni ta' Vaslui (Centrul de Mediere Vaslui)

l-Assoċjazzjoni tal-Medjaturi ta' Galati (Asociatia Mediatorilor Galaţi)

l-Assoċjazzjoni tal-Kamra tal-Medjaturi ta' Iasi (Asociaţia Camera Mediatorilor Iaşi)

iċ-Ċentru ta' Medjazzjoni u ta' Sigurtà Komunitarja ta' Iasi (Centrul de Mediere si Securitate Comunitara Iasi)

iċ-Ċentru ta' Medjazzjoni ta' Craiova (Centrul de Mediere Craiova)

l-Assoċjazzjoni taċ-Ċentru ta' Medjazzjoni ta' Cluj (Asociatia Centrul de Mediere Cluj)

iċ-Ċentru ta' Medjazzjoni ta' Neamt (Centrul de Mediere Neamt)
iċ-Ċentru ta' Medjazzjoni ta' Sibiu (Centrul de Mediere Sibiu)
iċ-Ċentru ta' Medjazzjoni ta' Constanta (Centrul de Mediere Constanta)
iċ-Ċentru ta' Medjazzjoni ta' Alba (Centrul de Mediere Alba)
iċ-Ċentru ta' Medjazzjoni ta' Timisoara (Centrul de Mediere Timisoara)
iċ-Ċentru ta' Medjazzjoni u ta' Arbitraġġ ta' Maramures (Centrul de Mediere si Arbitraj Maramures)
iċ-Ċentru ta' Medjazzjoni ta' Bacau (Centrul de Mediere Bacau)
iċ-Ċentru ta' Medjazzjoni ta' Călăraşi (Centrul de Mediere Calarasi)
iċ-Ċentru ta' Medjazzjoni ta' Ialomiţa (Centrul de Mediere Ialomita)

**Il-Bord tal-Medjaturi**

Skont l-Artikolu 12 tal-Liġi Nru. 192/2006, **il-medjaturi awtorizzati huma rreġistrati fil-"Bord tal-Medjaturi"** ġestit mill-Kunsill tal-Medjazzjoni u ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali Rumen, Parti I.

Tista' ssib il-**"Bord tal-Medjaturi"** anki fis-sit elettroniċi uffiċjali tal-Kunsill tal-Medjazzjoni u tal-Ministeru tal-Ġustizzja.

Il-lista ta' **medjaturi awtorizzati** tinkludi informazzjoni dwar:

Is-sħubija tagħhom fl-assoċjazzjonijiet professjonali,
L-istituzzjoni minn fejn iggradwaw,
Il-programm ta' taħriġ tal-medjazzjoni li segwew,
L-ilsna barranija li bihom jistgħu jmexxu s-servizzi ta' medjazzjoni,
Id-dettalji ta' kuntatt tagħhom.

Il-persuni li jkunu interessati li jsolvu t-tilwima tagħhom permezz tal-medjazzjoni jistgħu jikkuntattjaw lil medjatur fi żmien xahar mid-data tal-pubblikazzjoni tal-"Bord (Lista) tal-Medjaturi" fl-uffiċċji tal-qrati u fis-sit elettroniku tal-Ministeru tal-Ġustizzja.

Il-Kunsill tal-Medjazzjoni huwa legalment obbligat li jaġġorna b'mod regolari – mill-inqas darba fis-sena – il-**Bord (Lista) tal-Medjaturi**, u li jikkomunika l-aġġornamenti lill-qrati, lill-awtoritajiet tal-gvernijiet lokali u lill-Ministeru tal-Ġustizzja.

**F'liema qasam huwa l-użu tal-medjazzjoni ammissibbli u/jew l-aktar komuni?**

L-Artikolu 2 tal-Liġi Nru. 192/2006 jippermetti li l-partijiet jagħmlu użu mill-medjazzjoni f'**tilwim relatat ma' kwistjonijiet ċivili jew penali, ma' kwistjonijiet familjari** u ma' oqsma oħrajn tal-liġi bla ħsara għad-dispożizzjonijiet legali. **It-tilwim li jikkonċerna lill-konsumaturi**, u **tilwim** ieħor **suġġett għal drittijiet li jistgħu jiġu rrinunzjati,** ukoll jista' jiġi solvut permezz tal-medjazzjoni. Madankollu, kwistjonijiet marbuta ma' drittijiet personali u ma' drittijiet li ma jistgħux jiġu rrinunzjati ma jistgħux ikunu suġġetti għal medjazzjoni.

**Hemm regoli speċifiċi li wieħed irid isegwi?**

L-użu tal-medjazzjoni huwa **volontarju**. M'hemm l-ebda obbligu li l-partijiet ifittxu s-servizzi ta' medjazzjoni, u fi kwalunkwe każi jistgħu jagħżlu li ma jieħdux sehem fil-medjazzjoni. Fi kliem ieħor, fi kwalunkwe ħin il-partijiet huma liberi li jfittxu mezzi oħrajn biex isolvu t-tilwima tagħhom, bħal proċedimenti f'qorti jew arbitraġġ. Il-partijiet interessati jistgħu jikkuntattjaw lil medjatur qabel ma jitilgħu l-qorti, imma anki waqt il-proċedimenti tal-qorti.

Madankollu, diversi dispożizzjonijiet legali nazzjonali fil-qasam tal-medjazzjoni jobbligaw lill-imħallfin, f'ċerti każijiet, **jinformaw lill-partijiet bil-possibbiltà li jagħżlu l-medjazzjoni u l-vantaġġi li huma jagħmlu dan.** F'każijiet oħrajn, jiġu offruti numru ta' **inċentivi finanzjarji** lill-partijiet li jagħżlu l-medjazzjoni jew proċedimenti oħrajn ta' riżoluzzjoni alternattiva tat-tilwim.

Fis-17 ta' Frar 2007, il-Kunsill tal-Medjazzjoni approva l-**Kodiċi Etiku u Deontoloġiku** għall-medjaturi. Il-Kodiċi jorbot lill-medjaturi kollha inklużi fil-Bord tal-Medjaturi.

**Informazzjoni u taħriġ**

Is-sit elettroniku tal-**Kunsill tal-Medjazzjoni** huwa s-sors prinċipali ta' informazzjoni dwar il-medjazzjoni fir-Rumanija.

It-taħriġ dwar il-medjazzjoni huwa pprovdut biss mis-settur privat, imma l-Kunsill tal-Medjazzjoni għandu r-responsabbiltà li jagħti l-awtorizzazzjoni lill-fornituri tal-korsijiet tat-taħriġ sabiex ikun żgurat li l-korsijiet kollha joffru taħriġ tal-istess standard.

Fis-sit elettroniku uffiċjali tal-Kunsill tal-Medjazzjoni hija inkluża anki lista ta' **fornituri ta' programmi ta' taħriġ**.

Il-korsijiet ta' taħriġ isiru b'mod regolari. Bħalissa hemm programm ta' taħriġ li jagħmilha ta' **kors inizjali ta' taħriġ għall-medjaturi** (80 siegħa). Il-programm jistabbilixxi għanijiet ta' tagħlim, ħiliet li għandhom jiġu żviluppati sa tmiem il-programm u metodi ta' evalwazzjoni. It-tmien (8) fornituri awtorizzati mill-Kunsill tal-Medjazzjoni huma responsabbli mill-iżvilupp ta' materjal u ta' eżerċizzji ta' appoġġ skont il-qafas stabbilit mill-programm nazzjonali ta' taħriġ.

**X'inhi l-ispiża tal-medjazzjoni?**

Il-medjazzjoni mhix mingħajr ħlas; **il-livell ta' ħlas** huwa suġġett għal ftehim bejn medjatur privat u l-partijiet.

Bħalissa, l-awtoritajiet lokali jew nazzjonali ma jipprovdu l-ebda appoġġ legali jew finanzjaru sabiex ikunu pprovduti servizzi ta' medjazzjoni.

**Huwa possibbli li jiġi eżegwit ftehim li jirriżulta minn medjazzjoni?**

Id-Direttiva 2008/52/KE toħloq il-possibbiltà li wieħed jitlob li l-kontenut ta' ftehim bil-miktub li jirriżulta mill-medjazzjoni jkun jista' jiġi infurzat. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw dan lill-Kummissjoni tal-qrati jew lill-awtoritajiet l-oħra li huma kompetenti biex jirċievu t-talbiet.

Ir-Rumanija għadha ma kkomunikatx din l-informazzjoni.

L-aħħar aġġornament: 10/06/2013

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

Jekk jogħġbok innota li dawn il-lingwi li ġejjin diġà ġew tradotti.

## Il-medjazzjoni fl-Istati Membri - Slovenja

Minflok toqgħod tmur il-qorti, għaliex ma tipprovax issolvi t-tilwima tiegħek permezz tal-medjazzjoni? Din hija miżura ta' riżoluzzjoni alternattiva ta' tilwim (ADR), li permezz tagħha il-medjatur jgħin lil dawk involuti f'tilwima sabiex jilħqu ftehim. Il-gvern u dawk il-professjonisti li jeżerċitaw fil-qasam tal-ġustizzja fis-Slovenja huma konxji mill-vantaġġi tal-medjazzjoni.

**Lil min għandek tikkuntattja?**

L-Att dwar ir-Riżoluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim fil-Materji Ġuridiċi (ZARSS, il-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika tas-Slovenja Nru 97/09 u 40/12 – ZUJF), li ġie adottat fid-19 ta' Novembru 2009 u li daħal fis-seħħ fil-15 ta' Ġunju 2010, jirrikjedi li l-qrati tal-prim istanza u tat-tieni istanza jadottaw u jdaħħlu fis-seħħ

programm ta' riżoluzzjoni alternattiva tat-tilwim biex il-partijiet ikollhom mezzi alternattivi ta' riżoluzzjoni fit-tilwim dwar materji kummerċjali, tax-xogħol u familjari u materji ta' liġi ċivili oħrajn. Skont dan il-programm il-qrati huma obbligati li jippermettu lill-partijiet jużaw il-medjazzjoni barra minn forom oħra ta' riżoluzzjoni alternattiva tat-tilwim.

Il-Ministeru tal-Ġustizzja u tal-Amministrazzjoni Pubblika jżomm reġistru ċentrali tal-medjaturi li jaħdmu fil-qrati skont il-programmi ta' riżoluzzjoni alternattiva tat-tilwim.

Diversi organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) huma attivi fil-qasam tal-medjazzjoni::

l-Assoċjazzjoni Slovena tal-Medjaturi (id-direttorju tal-medjaturi),

iċ-Ċentru tal-Medjazzjoni fiċ-Ċentru tal-Informazzjoni Legali,

l-Assoċjazzjoni Slovena tal-Organizzazzjonijiet tal-Medjaturi - MEDIOS (id-direttorju tal-medjaturi),

Kunsill għar-Riżoluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim jopera taħt l-awspiċji tal-Ministeru tal-Ġustizzja u tal-Amministrazzjoni Pubblika. Il-Kunsill twaqqaf f'Marzu 2009 u huwa korp ċentralizzat, indipendenti u espert tal-Ministeru, bi rwol ta' koordinazzjoni u ta' konsultazzjoni.

**F'liema qasam jista' jsir użu mill-medjazzjoni jew liema huwa l-qasam fejn l-użu tal-medjazzjoni huwa l-aktar komuni?**

Ir-rikors għall-medjazzjoni huwa ammissibbli f'materji ċivili, familjari, kummerċjali, tax-xogħol u materji oħra relatati mal-proprjetà, fir-rigward ta' pretensjonijiet li jistgħu jitwarrbu u jiġu solvuti mill-partijiet. Il-medjazzjoni hija ammissibbli wkoll f'materji oħra, sakemm ma tiġix eskluża mil-liġi.

Il-medjazzjoni hija komuni l-aktar fi kwistjoni ċivili, tal-familja u fi kwistjonijiet kummerċjali.

**Hemm xi regoli speċifiċi li għandhom jiġu segwiti?**

Ir-rikors għall-medjazzjoni huwa volontarju. L-Att dwar il-Medjazzjoni fil-Materji Ċivili u Kummerċjali (ZMCGZ, il-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika tas-Slovenja Nru 56/08) jirreferi għall-medjazzjoni b'mod ġenerali, jiġifieri l-medjazzjoni relatata mal-proċeduri ġudizzjarji u l-medjazzjoni ekstraġudizzjarja. Dan jistabbilixxi biss ir-regoli bażiċi għall-proċeduri tal-medjazzjoni, li f'każijiet oħra jkunu rregolati minn mekkaniżmi awtoregolatorji. Pereżempju, huwa jistabbilixxi fejn tibda u tispiċċa l-medjazzjoni, min jaħtar il-medjatur, ir-regoli bażiċi tal-kondotta tal-medjatur, l-għamla tal-ftehim dwar ir-riżoluzzjoni tat-tilwim, kif jista' jiġi żgurat li din tiġi infurzata, eċċ. Il-partijiet jiddevjaw mid-dispożizzjonijiet tal-Att, barra mid-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-prinċipju tal-imparzjalità tal-medjatur u l-impatt tal-medjazzjoni fuq il-perjodi ta' preklużjoni u ta' limitazzjoni.

L-Assoċjazzjoni Slovena tal-Medjaturi adottat kodiċi ta' kondotta għall-medjaturi, iżda dan japplika biss għall-membri ta' din l-Assoċjazzjoni.

**Informazzjoni u taħriġ**

Tista' ssib l-informazzjoni rilevanti dwar il-medjazzjoni u dwar kif tikkuntattja medjatur fuq diversi websajts ta' NGOs. Dawn jinkludu:

l-Assoċjazzjoni Slovena tal-Medjaturi,

l-Assoċjazzjoni Slovena tal-Organizzazzjonijiet tal-Medjazzjoni - MEDIOS.

iċ-Ċentru tal-Medjazzjoni fiċ-Ċentru tal-Informazzjoni Legali,

It-taħriġ għall-medjaturi jingħata minn diversi NGOs u miċ-Ċentru tal-Edukazzjoni Ġudizzjarja fil-Ministeru tal-Ġustizzja u tal-Amministrazzjoni Pubblika.

**X'inhuwa l-kost tal-medjazzjoni?**

Għalissa l-medjazzjoni fil-qrati li ssir skont ZARSS fit-tilwim li jinqala' mir-relazzjonijiet bejn il-ġenituri u l-ulied u fit-tilwim dwar il-liġi tax-xogħol minħabba terminazzjoni ta' kuntratt tax-xogħol, hija bla ħlas għall-partijiet; il-partijiet iħallsu biss għall-avukati tagħhom. Fit-tilwim l-ieħor kollu, minbarra t-tilwim kummerċjali, il-qorti tkopri t-tariffa tal-medjatur għall-ewwel tliet sigħat tal-medjazzjoni.

L-organizzazzjonijiet privati jitolbu diversi tariffi għall-medjazzjoni.

**Huwa possibbli li l-ftehim li jirriżulta minn medjazzjoni jiġi infurzat ?**

Ftehim li jirriżulta mill-medjazzjoni, fih innifsu mhuwiex direttament infurzabbli. Madankollu, il-partijiet jistgħu jaqblu li l-ftehim dwar ir-riżoluzzjoni tat-tilwim jieħu l-għamla ta' protokoll notarili li jkun direttament infurzabbli, riżoluzzjoni fil-qorti jew deċiżjoni ta' arbitraġġ ibbażata fuq ir-riżoluzzjoni.

**Ħoloq relatati**

l-Assoċjazzjoni Slovena tal-Medjaturi,

iċ-Ċentru tal-Medjazzjoni fiċ-Ċentru tal-Informazzjoni Legali,

l-Assoċjazzjoni Slovena tal-Organizzazzjonijiet tal-Medjazzjoni - MEDIOS

L-aħħar aġġornament: 23/03/2018

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Il-medjazzjoni fl-Istati Membri - Slovakkja

Minflok ma toqgħod tmur il-qorti, għaliex ma tipprovax issolvi t-tilwima tiegħek permezz tal-medjazzjoni? Din hija miżura ta' riżoluzzjoni alternattiva tat-tilwim (ADR), fejn medjatur jgħin lil dawk involuti f'tilwima biex jilħqu ftehim. Il-gvern u l-prattikanti tal-ġustizzja tas-Slovakkja huma konxji mill-vantaġġi tal-medjazzjoni.

**Lil min għandek tikkuntattja?**

Is-sit elettroniku tal- Ministeru tal-Ġustizzja Slovakk għandu taqsima iddedikata lill-medjazzjoni, disponibbli biss bl-Islovakk.

**F'liema qasam huwa ammissibbli u/jew l-aktar komuni l-użu tal-medjazzjoni?**

Il-mekkaniżmi ta' medjazzjoni huma deskritti fl-Att Nru 420/2004 dwar il-medjazzjoni li jemenda liġijiet partikolari, kif emendati, li jirregola:

il-prestazzjoni tal-medjazzjoni,

il-prinċipji bażiċi tal-medjazzjoni, u

l-organizzazzjoni u l-effetti tal-medjazzjoni.

Dan l-Att japplika għal kunflitti li jseħħu f'relazzjonijiet regolati mill-liġi ċivili, tal-familja, il-kuntratti kummerċjali, u l-liġi tax-xogħol.

Il-medjazzjoni hija proċediment ta' barra mill-qorti li permezz tiegħu l-medjatur jipprova jsolvi kunflitt ġej minn relazzjoni kuntrattwali jew relazzjonijiet ġuridiċi oħra. Hija proċedura fejn żewġ partijiet jew iktar għal tilwima jiġu assistiti minn medjatur sabiex isibu soluzzjoni għat-tilwima.

It-tielet sentenza tat-Taqsima 99 (1) tal-Att Nru 99/1963 Regoli tal-Proċedura Ċivili, kif emendat, tinqara kif ġej: "Jekk ikunu jippermettu ċ-ċirkostanzi tal-każ, qabel l-ewwel seduta ta' smigħ u matul il-proċedimenti, il-qorti tista' tistieden lill-partijiet sabiex jattednu għal laqgħa ta' informazzjoni ma' medjatur imniżżel fir-Reġistru tal-Medjaturi sabiex ifittxu jsibu soluzzjoni għat-tilwima tagħhom permezz tal-medjazzjoni."

**Informazzjoni u taħriġ**

It-taqsima dwar il-medjazzjonitas-sit elettroniku tal-Ministeru tal-Ġustizzja Slovakk tipprovdi informazzjoni dwar il-medjazzjoni bis-Slovakk. Tista' ssib iktar informazzjoni fis-sit elettroniku tan- Network Ġudizzjarju Ewropew.

**X'inhi l-ispiża tal-medjazzjoni?**

Il-medjazzjoni hija servizz bi ħlas. Il-ħlas tal-medjatur isir individwalment u ġeneralment ikun ibbażat fuq rata fis-siegħa jew fuq rata fissa. Il-medjazzjoni hija attività kummerċjali u m'hemmx spejjeż iffissati minn qabel.

**Huwa possibbli li jiġi eżegwit ftehim li jirriżulta minn medjazzjoni?**

**Id-Direttiva 2008/52/KE tippermetti li dawk involuti f'tilwima jitolbu li ftehim bil-miktub li jirriżulta mill-medjazzjoni ikun jista' jiġi infurzat.. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw dan lill-qrati u lill-awtoritajiet l-oħra li huma kompetenti jirċievu talbiet bħal dawn.**

Il-medjazzjoni fis-Slovakkja hija proċess informali, volontarju u kunfidenzjali biex jissolvew il-kunflitti barra mill-qorti permezz ta' medjatur. L-għan tal-medjazzjoni huwa li jintlaħaq ftehim li jkun aċċettabbli għaż-żewġ partijiet.

Il-ftehim li jirriżulta mill-proċedura ta' medjazzjoni jrid jitniżżel bil-miktub. Dan japplika primarjament għall-partijiet involuti fil-ftehim u jorbothom. Fuq il-bażi tal-ftehim, il-parti intitolata tista' tapplika għal infurzar ġudizzarju tad-deċiżjoni jew biex din tiġi eżegwita, sakemm il-ftehim ikun:

imfassal fil-forma ta' att notarili;

-approvat bħala konċiljazzjoni fil-qorti minn entità ta' arbitraġġ.

Jekk il-medjazzjoni ma twassal għall-ebda ftehim, il-kwistjoni tista' titkompla fil-qorti.

**Ħoloq relatati**

Il-Ministeru tal-Ġustizzja tar-Repubblika Slovakka

L-aħħar aġġornament: 18/03/2019

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Il-medjazzjoni fl-Istati Membri - Finlandja

Minflok ma toqgħod tmur il-qorti, għaliex ma tipprovax issolvi t-tilwima tiegħek permezz tal-medjazzjoni? Din hija miżura ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim (ADR), fejn medjatur jgħin lil dawk involuti f'tilwima biex jilħqu ftehim. Il-gvern u l-prattikanti tal-ġustizzja fil-Finlandja huma konxji mill-vantaġġi tal-medjazzjoni.

### Lil min għandek tikkuntattja?

Il-ġestjoni, il-gwida u s-superviżjoni ġenerali tal-medjazzjoni f'kawżi kriminali u f'ċerti kawżi ċivili huma r-responsabbiltà tal-Ministeru tal-Affarijiet Soċjali. L-uffiċċji provinċjali tas-saħħa tal-Istat iridu jiżguraw li s-servizzi ta' medjazzjoni jkunu disponibbli u jiġu implimentati b'mod xieraq fil-partijiet kollha tal-pajjiż. Tista' ssib iktar informazzjoni dwar il-medjazzjoni fis-sit elettroniku tal-Istitut Nazzjonali tas-Saħħa u tal-Benesseri (THL).

Is-servizzi ta' medjazzjoni konnessi mal-qrati jiġu ġestiti mill-qrati Distrettwali. Il-Qrati Distrettwali jistgħu jiddeċiedu li jagħtu bidu għal medjazzjoni f'tilwim ċivili. L-iskop tal-medjazzjoni huwa li l-partijiet għal tilwima jingħataw għajnuna sabiex tinstab soluzzjoni li tkun aċċettabbli għalihom it-tnejn. Għaldaqstant, ir-riżultati miksuba permezz tal-medjazzjoni ġeneralment ikunu bbażati iktar fuq dak li huwa raġonevoli f'ċerti ċirkustanzi milli fuq l-applikazzjoni stretta tal-liġi. Iktar informazzjoni dwar il-qrati Distrettwali hija disponibbli mis-Sit Elettroniku tal-Ministeru tal-Ġustizzja Finlandiż. Huwa wkoll disponibbli ktejjeb fuq il-medjazzjoni ġudizzjarja.

### F'liema qasam huwa l-użu tal-medjazzjoni ammissibbli u/jew l-aktar komuni?

Il-medjazzjoni tintuża kemm fi kwistjonijiet ċivili kif ukoll fi kwistjonijiet kriminali.

Il-medjazzjoni tintuża l-iktar fit-tilwim ċivili, partikolarment f'kawżi ċivili minuri. Madankollu, mhux it-tilwim ċivili kollu għandu jkun suġġett għal medjazzjoni konnessa mal-qrati. It-tilwim li jikkonċerna l-konsumaturi, pereżempju, jista' jiġi ġestit minn konsulent tal-konsumaturi u mill-**Bord tal-Ilmenti tal-Konsumaturi**. Madankollu, għall-kwistjonijiet kriminali, hemm proċedura speċifika għall-medjazzjoni.

Il-kwistjonijiet u t-tilwim ċivili li jitressqu quddiem il-qrati ġenerali jistgħu jkunu suġġetti għal medjazzjoni kif inhu stabbilit fl-istatut dwar il-medjazzjoni konnessa mal-qrati (Att 663/2005). L-għan tal-medjazzjoni konnessa mal-qrati hija l-ftehim bonarju tat-tilwim. Il-prerekwiżiti għal medjazzjoni konnessa mal-qrati huma li l-kwistjoni tkun tista' tiġi suġġetta għall-medjazzjoni u li l-medjazzjoni tkun adattata fid-dawl tat-talbiet tal-partijiet. Waħda mill-partijiet għal tilwima jew iż-żewġ partijiet jistgħu jagħmlu applikazzjoni bil-miktub qabel ma jmorru quddiem qorti. L-applikazzjoni trid tiġi ppreżenata bil-miktub, u trid tindika s-suġġett tat-tilwima u x'differenza hemm bejn il-pożizzjonijiet tal-partijiet. Barra minn hekk, iridu jingħataw raġunijiet għaliex il-kwistjoni tista' tkun suġġetta għal medjazzjoni.

Il-konċiljazzjoni (medjazzjoni) tista' tintuża anki f'kawżi ċivili fejn mill-inqas waħda mill-partijiet tkun persuna fiżika. Il-kawżi ċivili, madankollu, ħlief dawk li jinvolvu talbiet għad-danni bbażati fuq reat, jistgħu jiġu rrinvijati għall-konċiljazzjoni biss jekk it-tilwima tkun waħda minuri, meta jiġu kkunsidrati s-suġġett u t-talbiet li saru fil-kawża. Dak li jipprovdi l-istatut dwar il-konċiljazzjoni fil-kawżi kriminali japplika, kif ikun xieraq, għall-konċiljazzjoni fil-kawżi ċivili.

Il-konċiljazzjoni tista' titwettaq ma' partijiet li jkunu esprimew personalment u volontarjament il-qbil tagħhom rigward il-konċiljazzjoni. Dawn iridu jkunu jistgħu jifhmu din xi tfisser u x'inhuma s-soluzzjonijiet li jistgħu jinstabu permezz tal-proċess ta' konċiljazzjoni. B'hekk, qabel ma l-partijiet jaqblu li jużaw il-proċess ta' konċiljazzjoni, iridu jiġu spjegati lilhom id-drittijiet li għandhom rigward il-konċiljazzjoni u l-pożizzjoni tagħhom fil-proċess ta' konċiljazzjoni. Kull parti jkollha d-dritt li tirtira l-qbil tagħha fi kwalunkwe ħin waqt il-proċess ta' konċiljazzjoni.

Il-persuni taħt l-età jridu juru l-qbil tagħhom mal-konċiljazzjoni personalment. Barra minn hekk, il-parteċipazzjoni ta' persuna taħt l-età fil-konċiljazzjoni teħtieġ il-qbil tal-gwardjan tiegħu jew tagħha jew ta' rappreżentanti legali oħrajn. Adulti li ma jkunux legalment kompetenti jistgħu jipparteċipaw fil-konċiljazzjoni jekk jifhmu t-tifsira tal-kawża u jekk jagħtu l-qbil personali tagħhom mal-proċess.

Il-konċiljazzjoni tista' tintuża għal reati li jiġu kkunsidrati bħala eliġibbli għall-konċiljazzjoni, fejn jitqiesu n-natura u l-metodu tar-reat, ir-relazzjoni bejn is-suspettat u l-vittma u kwistjonijiet oħrajn marbuta mar-reat kollu. Ir-reati li jinvolvu vittmi taħt l-età ma għandhomx jiġu rrinvijati għall-konċiljazzjoni jekk il-vittma tkun teħtieġ protezzjoni speċjali minħabba n-natura tar-reat jew minħabba l-età tagħha.

L-uffiċċji tal-medjazzjoni jirċievu talbiet għal medjazzjoni u jikkooperaw ma' diversi awtoritajiet matul il-proċess kollu tal-medjazzjoni. Kull każ ta' medjazzjoni jiġi assenjat lil medjatur volontarju magħżul minn professjonisti li jaħdmu fl-uffiċċju ta' medjazzjoni. Il-medjaturi jieħdu f'idejhom każijiet ta' medjazzjoni u l-elementi prattiċi relatati f'kooperazzjoni mal-uffiċċju ta' medjazzjoni. L-istaff tal-uffiċċju jiggwida u jissuperviżjona lill-medjaturi f'xogħolhom.

### Hemm regoli speċifiċi li wieħed irid isegwi?

Fi kwistjonijiet kriminali, il-konċiljazzjoni tista' ssir biss bejn partijiet li jkunu esprimew personalment u volontarjament il-qbil tagħhom mal-konċiljazzjoni u jkunu kapaċi jifhmu t-tifsira tagħha u s-soluzzjonijiet li jinstabu permezz tal-proċess ta' konċiljazzjoni. Fi kwistjonijiet ċivili (medjazzjoni konnessa mal-qrati), biex jinbeda l-proċess ta' medjazzjoni jkun meħtieġ il-kunsens tal-partijiet kollha.

Fil-Finlandja, hemm kodiċi nazzjonali ta' kondotta għall-medjaturi, b'kodiċijiet ta' kondotta settorjali għall-medjaturi (eż. skont il-qasam ta' speċjalizzazzjoni, ngħidu aħna, medjaturi fil-qasam tal-liġi tal-familja, fil-qasam mediku, jew f'dak tal-kostruzzjoni).

### Informazzjoni u taħriġ

Ktejjeb dwar il-medjazzjoni ġudizzjarja konnessa mal-qrati huwa disponibbli mis-sit elettroniku tal-Ministeru tal-Ġustizzja Finlandiż.

L-Istitut Nazzjonali tas-Saħħa u tal-Benesseri (THL) jorganizza taħriġ għall-medjaturi.

L-istitut jikkompila anki informazzjoni statistika dwar il-medjazzjoni fil-kawżi kriminali u ċivili, jimmonitorja u jwettaq riċerka dwar l-attivitajiet ta' medjazzjoni, u jikkoordina l-isforzi ta' żvilupp f'dan il-qasam. Din il-ħidma hija appoġġjata mill-**Bord Konsultattiv dwar il-Medjazzjoni fil-Kawżi Kriminali u Ċivili**.

### X'inhi l-ispiża tal-medjazzjoni?

Il-medjazzjoni fil-kawżi kriminali hija servizz mingħajr ħlas. Din tippermetti li l-vittma ta' reat u min iwettaq ir-reat jiltaqgħu permezz ta' medjatur imparzjali sabiex jiddiskutu d-dannu mentali u materjali li sar lill-vittma u jaqblu dwar miżuri sabiex jinstab rimedju għad-dannu (Att 1016/2005).

Il-medjazzjoni tinvolvi inqas spejjeż minn kawża l-qorti għall-partijiet ikkonċernati. Kull parti tħallas biss l-ispejjeż tagħha u mhix obbligata tħallas l-ispejjeż tal-parti opposta. Jekk il-partijiet jixtiequ dan, jistgħu jqabbdu konsulent legali. Huwa wkoll possibbli li parti tapplika għall-għajnuna legali fl-uffiċċju tal-għajnuna legali.

F'medjazzjoni ġudizzjarja, huwa l-imħallef tal-qorti distrettwali li jagħmilha ta' medjatur. Fil-fatt, il-medjazzjoni f'tilwim hija waħda mill-kompiti ordinarji ta' mħallef. Jekk il-kawża teħtieġ għarfien speċifiku f'xi qasam partikolari, il-medjatur, bil-qbil tal-partijiet, jista' jqabbad assistent li jitħallas mill-partijiet.

Għal medjazzjoni ġudizzjarja jintalab xi ħlas, l-istess bħal kull proċedura oħra ġestita mill-qorti.

**Huwa possibbli li jiġi eżegwit ftehim li jirriżulta minn medjazzjoni?**

Id-Direttiva 2008/52/KE tippermetti li dawk involuti f'tilwima jitolbu li ftehim bil-miktub li jirriżulta mill-medjazzjoni jiġi infurzat. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni liema huma dawk il-qrati u l-awtoritajiet kompetenti l-oħra li jistgħu jirċievu t-talbiet.

Il-Finlandja għadha ma kkomunikatx din l-informazzjoni.

**Links relatati**

Opuskolu dwar il-medjazzjoni ġudizzjarja, Sit elettroniku dwar il-medjazzjoni (L-Istitut Nazzjonali tas-Saħħa u tal-Benesseri (THL))

L-aħħar aġġornament: 14/10/2018

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-traduttturi tagħna.

Jekk jogħġbok innota li dawn il-lingwi li ġejjin diġà ġew tradotti.

## Il-medjazzjoni fl-Istati Membri - Svezja

Jekk inti involut f'tilwima ġuridika ċivili, għalfejn ma tippruvax issolviha bil-medjazzjoni, minflok tmur il-qorti? Il-medjazzjoni hija miżura alternattiva għas-soluzzjoni tat-tilwim (AST), fejn medjatur jgħin lil dawk involuti f'tilwima jilħqu ftehim. Il-gvern u l-professjonisti tal-ġustizzja fl-Isvezja huma konxji mill-vantaġġi tal-medjazzjoni. Il-medjazzjoni tista' wkoll tintuża f'każijiet kriminali, iżda mhijiex sanzjoni tar-reat u qatt ma tista' tissostitwixxi proċedimenti kriminali. L-għan tal-medjazzjoni f'każijiet kriminali huwa li tagħti lit-trasgressur fehim aħjar tal-konsegwenzi tar-reat u tagħti lill-vittma l-opportunità jipproċessa l-esperjenzi tiegħu jew tagħha.

### Medjazzjoni f'każijiet ċivili

**Lil min għandek tikkuntattja?**

Ma hemmx korp ċentrali li jirregola l-professjoni ta' medjatur. Madankollu, għal informazzjoni dwar il-medjazzjoni tista' tiġi kkuntattjata l-Amministrazzjoni Nazzjonali tal-Qrati (Domstolsverket). L-Amministrazzjoni Nazzjonali tal-Qrati lestiet ukoll lista ta' persuni li wrew ix-xewqa li jimmedjaw fil-qrati, liema lista tinsab http://www.domstol.se/.

Fi kwistjonijiet kummerċjali, il-Kamra tal-Kummerc ta' Stokkolma (Stockholms handelskammare) u l-Kamra tal-Kummerc u l-Industrija tal-Punent tal-Isvezja (Västsvenska industri- och handelskammaren) iwettqu ħidma fil-qasam tal-medjazzjoni.

**F'liema qasam tista' ssir medjazzjoni u/jew liema qasam huwa l-aktar komuni?**

Il-medjazzjoni hija permessa f'diversi oqsma, iżda hija l-aktar komuni fi kwistjonijiet ta' liġi ċivili.

Hemm possibbiltà li tintuża l-medjazzjoni matul il-proċediment tal-qorti.

**Hemm xi regoli speċifiċi li għandhom jiġu segwiti?**

L-użu tal-medjazzjoni huwa totalment volontarju. Ma hemm l-ebda regola speċifika, bħal ngħidu aħna kodiċijiet ta' kondotta għall-medjaturi.

**Informazzjoni u taħriġ**

Ma hemm l-ebda informazzjoni speċifika dwar taħriġ fil-medjazzjoni u l-ebda korp nazzjonali ta' taħriġ għall-medjaturi.

**Kemm tiswa l-medjazzjoni?**

Il-medjazzjoni mhijiex b'xejn; il-ħlas huwa soġġett għal ftehim bejn il-medjatur privat u l-partijiet. L-ispiża tal-medjazzjoni tinqasam l-istess bejn il-partijiet.

### Medjazzjoni f'każijiet kriminali

**Lil min għandek tikkuntattja?**

Mill-1 ta' Jannar 2008 l-awtoritajiet lokali Svediżi kollha saru meħtieġa joffru medjazzjoni jekk xi ħadd taħt il-21 iwettaq reat. Kemm il-pulizija kif ukoll l-awtorità lokali jistgħu jieħdu l-inizjattiva jsaqsu lit-trasgressur jekk huwiex interessat jieħu sehem f'medjazzjoni.

**F'liema qasam tista' ssir medjazzjoni u/jew liema qasam huwa l-aktar komuni?**

Il-medjazzjoni tista' tintuża ma' trasgressuri ta' kwalunkwe età u fi kwalunkwe stadju tal-proċess ġudizzjarju. L-Att tal-Medjazzjoni ma jpoġġi l-ebda limitu massimu għal-età, iżda mill-1 ta' Jannar 2008 l-awtoritajiet lokali Svediżi kollha saru meħtieġa joffru medjazzjoni jekk ir-reat ikun sar minn xi ħadd taħt il-21.

**Hemm xi regoli speċifiċi li għandhom jiġu segwiti?**

Il-medjazzjoni mhijiex parti mill-kastig. Japplikaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

Trid tkun volontarja miż-żewġ naħat.

Ir-reat irid ikun ġie rrapportat lill-pulizija u t-trasgressur ikun ammetta l-ħtija.

Il-medjazzjoni trid titqies kif xieraq skont iċ-ċirkostanzi.

**Informazzjoni u taħriġ**

L-Att jeżiġi li dawk li jinħatru bħala medjaturi jkunu kompetenti u onesti. Iridu wkoll ikunu imparzjali.

Aktar informazzjoni dwar il-medjazzjoni tista' tinkiseb mingħand l-awtoritajiet lokali jew il-Kunsill Nazzjonli tal-Prevenzjoni tal-Kriminalità (Brottsförebyggande rådet).

**Kemm tiswa l-medjazzjoni?**

Il-Medjazzjoni hija bla ħlas kemm għall-vittma kif ukoll għat-trasgressur.

L-aħħar aġġornament: 18/03/2013

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna en ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

**Il-medjazzjoni fl-Istati Membri - L-Ingilterra u Wales**

Minflok ma titla' l-qorti, għaliex ma tipprovax issolvi t-tilwima tiegħek permezz tal-medjazzjoni? Din hija miżura ta' soluzzjoni alternattiva tat-tilwim (ADR), li permezz tagħha medjatur newtrali jassisti lil dawk involuti f'tilwima biex jilħqu ftehim. Il-gvern u l-professjonisti fil-qasam tal-ġustizzja tal-Ingilterra u Wales jagħrfu l-vantaġġi tal-medjazzjoni u huma impenjati għall-promozzjoni u l-użu tal-medjazzjoni biex jissolva t-tilwim bħala alternattiva għall-qorti, f'każijiet adatti. Il-każ tiegħek jista' jkun eliġibbli li jkun iffinanzjat mill-għajnuna legali (dment li jissodisfa l-kriterji ta' kwalifika normali).

**Lil min nikkuntattja?**

Il-Ministeru tal-Ġustizzja huwa responsabbli għall-politika tal-medjazzjoni ċivili u familjari, inkluża l-promozzjoni tagħha peress li din tgħodd biss fl-Ingilterra u Wales.

**Il-Medjazzjoni Ċivili**

Sabiex tiġi żgurata l-kwalità tal-medjazzjoni riferita mill-qorti fit-tilwim ċivili (minbarra t-tilwim familjari fil-ġuriżdizzjoni tal-Ingilterra u Wales), il-Ministeru tal-Ġustizzja u s-Servizz tal-Qrati u t-Tribunali tal-Maestà Tagħha (HMCTS) stabbilixxew żewġ proċessi ta' medjazzjoni ċivili li bis-saħħa tagħhom il-partijiet jistgħu jsolvu t-tilwim skont il-valur tat-talba. Is-Servizz ta' Medjazzjoni tat-Talbiet iż-Żgħar huwa servizz intern ipprovdut u mmexxi mill-HMCTS, fir-rigward tal-kawżi li jitqiesu bħala talbiet żgħar. Ġeneralment dan ifisser kawżi ta' inqas minn GBP 10 000. Għal kawżi ta' valur ogħla, iktar minn GBP 10 000, il-Ministeru tal-Ġustizzja ħadem mal-Kunsill tal-Medjazzjoni Ċivili (CMC) biex tiġi introdotta skema ta' akkreditament li permezz tagħha l-organizzazzjonijiet li jipprovdu medjazzjoni jistgħu japplikaw biex ikunu inklużi fid-direttorju tal-medjazzjoni ċivili u biex il-qrati jirreferulhom il-partijiet f'każijiet adatti. Is-CMC hija organizzazzjoni li tirrappreżenta lil dawk li jipprovdu medjazzjoni ċivili u kummerċjali.

**Il-Medjazzjoni Familjari**

Dwar it-tilwim tal-familja, il-medjazzjoni hija rregolata minnha nfisha, u tikkonsisti f'għadd ta' organizzazzjonijiet ta' membri jew korpi ta' akkreditament li l-medjaturi jkunu affiljati magħhom. Dawn il-korpi amalgamaw biex jifformaw il-Kunsill tal-Medjazzjoni tal-Familja (FMC) biex jarmonizzaw l-istandards fil-medjazzjoni tal-familja. Funzjoni oħra tal-FMC hija li jirrappreżenta lill-organizzazzjonijiet tal-membri fondaturi u lill-prattikanti fil-medjazzjoni tal-familja b'mod ġenerali fir-relazzjonijiet tal-professjoni mal-gvern.

L-FMC huwa korp mhux governattiv, iżda għandu rwol ċentrali fost l-organizzazzjonijiet membri tiegħu, li huma kollha organizzazzjonijiet/għaqdiet mhux governattivi u membri fundaturi tal-FMC. L-aktar prominenti fost dawn huma:

ADR Group
Family Mediators Association
National Family Mediation
College of Family Mediators
Resolution
The Law Society

Il-gvern ma għandu l-ebda pjanijiet bħalissa li jwaqqaf korp regolatorju fir-rigward tal-medjazzjoni ċivili u familjari.

Tista' ssib medjatur ċivili akkreditat fid-direttorju tal-medjazzjoni ċivili, li jinsab fis-sit elettroniku tal-ġustizzja. Tista' tfittex id-direttorju għal medjatur fil-lokalità tiegħek; u l-ispiża tal-medjazzjoni tkun ibbażata fuq tariffa fissa, skont il-valur tat-tilwima. Għall-partijiet li ma jaffordjawx l-ispiża tal-medjazzjoni hemm servizz ta' medjazzjoni bla ħlas għal dawk eliġibbli, ipprovut minn LawWorks. LawWorks jistgħu jkunu kkuntattjati fuq in-numru **01483 216 815** jew permezz tas-sit elettroniku ta' LawWorks.

Fis-sit elettroniku GovUK (li qabel kien DirectGov) hemm għodda ta' tfittxija għal servizz tal-medjazzjoni familjari u li ssibha hawn: Għodda ta' Tfittxija għal Servizz tal-Medjazzjoni Familjari. Kun af li ma għadx hemm Helpline tal-Medjazzjoni Familjari.

Tista' ssib iktar tagħrif dwar l-għajnuna legali, inkluż intix eliġibbli għall-għajnuna legali fis-Servizz ta' Informazzjoni l-ġdid dwar l-Għajnuna Legali fis-sit Gov. UK f'check-legal-aid

**F'liema qasam huwa ammissibbli u/jew l-aktar komuni l-użu tal-medjazzjoni?**

Il-medjazzjoni tista' tintuża biex issolvi firxa wiesgħa ta' tilwim ċivili u kummerċjali ta' kuljum – fosthom kwistjonijiet ta' djar, tilwim kummerċjali, tilwim fil-post tax-xogħol, talbiet żgħar, talbiet dwar djun, tilwim dwar il-fruntieri, tilwim dwar l-impjiegi, tilwim kuntrattwali, kawżi dwar tidrib personali u negliġenza kif ukoll tilwim komunitarju bħal kwistjonijiet ta' fastidju.

Il-medjazzjoni tista' tintuża wkoll fir-rigward ta' tilwim familjari, inkluż għal divorzju, annullament, annullament ta' sħubija ċivili, applikazzjonijiet skont l-Att dwar it-Tfal, inklużi kuntatt u residenza. Mhix ristretta għal dawk li kienu sħab jew miżżewġin. Pereżempju, nanniet jistgħu jużaw il-medjazzjoni familjari biex jgħinhom jaslu għal ftehim dwar l-arranġamenti biex ikomplu r-relazzjoni tagħhom mat-tfal tat-tfal tagħhom.

**Hemm regoli speċifiċi li għandhom jiġu segwiti?**

**Il-proċedura tal-medjazzjoni ċivili**

Il-medjazzjoni ċivili mhijiex irregolata mil-liġi, u lanqas ma hija prerekwiżit għall-proċedimenti fil-qorti. Madankollu l-partijiet f'kawżi ċivili huma meħtieġa jikkunsidraw il-medjazzjoni b'mod serju qabel ma jmorru l-qorti.

Ir-**regoli dwar il-proċedura ċivili** (CPR) jirregolaw il-prattika u l-proċedura li għandhom jiġu segwiti fit-taqsimiet ċivili tal-Qorti tal-Appell, il-Qorti Superjuri, u l-Qrati tal-Kontej. Is-CPR għandhom kodiċi proċedurali, li l-għan ewlieni tiegħu huwa li jgħin lill-qrati jittrattaw il-kawżi b'mod ġust. Parti minn dan l-għan ewlieni jeħtieġ li l-qorti ġġestixxi l-kawżi b'mod attiv. Dan jinkludi li tħeġġeġ lill-partijiet involuti jużaw proċedura ta' soluzzjoni alternattiva tat-tilwim jekk il-qorti tqis li dan ikun xieraq u li tiffaċilita l-użu ta' din il-proċedura.

Filwaqt li l-medjazzjoni hija għal kollox volontarja, ir-regoli dwar il-proċedura ċivili jistabbilixxu l-fatturi li għandhom jitqiesu meta tittieħed id-deċiżjoni dwar l-ammont ta' spejjeż li għandhom jiġu attribwiti. Il-qorti trid tqis l-isforzi li jkunu saru, jekk ikunu saru, qabel u matul il-proċedimenti, biex il-partijiet jipprovaw isolvu t-tilwima. Għaldaqstantt, jekk parti li tirbaħ tkun preċedentement irrifjutat offerta raġonevoli għall-medjazzjoni, l-imħallef jista' jiddeċiedi li l-parti t-telliefa ma tkunx meħtieġa tħallas l-ispejjeż tal-parti r-rebbieħa.

**Il-proċedura tal-medjazzjoni familjari**

Bħalissa l-medjazzjoni tal-familja hija proċess għal kollox volontarju. Minn April 2011 l-applikanti kollha (mhux biss dawk li qed jirċievu fondi pubbliċi) iridu jqisu l-użu tal-medjazzjoni billi jattendu Laqgħa dwar l-Informazzjoni u l-Valutazzjoni tal-Medjazzjoni (MIAM) qabel ma jkunu jistgħu jippreżentaw rikors il-qorti skont il-Protokoll ta' Qabel ir-Rikors tal-President. L-intimat prospettiv għandu jattendi wkoll jekk ikun mistieden jagħmel dan. Jekk ir-rikorrent ikompli jmexxi bil-qorti għandu jippreżenta l-Formola FM1 mar-rikors tiegħu biex juri jew li huma eżenti milli jattendu MIAM, li attendew MIAM u l-medjazzjoni ma tqisitx adatta, jew attendew medjazzjoni u ma rnexxietx jew ma rnexxilhomx isolvu l-kwistjonijiet kollha.

B'reazzjoni għar-rakkomandazzjoni tar-Reviżjoni tal-Ġustizza tal-Familja, il-Gvern introduċa dispożizzjoni fl-Abbozz ta' liġi dwar it-Tfal u l-Familji fi Frar 2013 biex l-għażla attwali jekk wieħed jattendix Laqgħa dwar l-Informazzjoni u l-Valutazzjoni tal-Medjazzjoni (MIAM) issir rekwiżit leġiżlattiv (b'eċċezzjonijiet limitati, eż. fejn hemm evidenza ta' vjolenza domestika).

Il-Formola mimlija FM1 mar-rikors tagħhom, kif imsemmi fuq, se tkun rekwiżit leġiżlattiv. L-abbozz mistenni jiġi adottat u d-dispożizzjonijiet mistennija jkunu adottati fir-rebbiegħa 2014.

Bħar-**Regoli tal-Proċedura Ċivili**, ir-**Regoli tal-Proċedura tal-Familja** (sett komprensiv ta' regoli li jirrigwardaw proċedura tal-qorti) iħeġġu l-użu tal-metodi ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim (ADR).

**Iż-żamma ta' standards professjonali**

Ma hemm ebda kodiċi ta' mġiba nazzjonali għall-medjaturi li huwa speċifiku għall-Ingilterra u Wales. Madankollu, sabiex ikunu akkreditati mis-CMC, il-medjatur ċivili għandu jaderixxi għal kodiċi ta' mġiba – il-**Kodiċi ta' Mġiba tal-UE** jintuża bħala l-mudell. Il-professjoni tirregola lilha nfisha u l-gvern ma għandu ebda rwol biex iħeġġeġ l-aderenza għal xi kodiċi volontarju

Il-membri fundaturi kollha tal-FMC huma meħtieġa jiżguraw li l-membri tagħhom (prattikanti tal-medjazzjoni familjari) jaderixxu għall-Kodiċi ta' Mġiba tal-FMC.

**Informazzjoni u taħriġ**

Informazzjoni dwar il-medjazzjoni ċivili, servizzi u prezzijiet tinsab fis-sit elettroniku tal-Gvern fis-sit tal-Ministeru tal-Ġustizzja: medjazzjoni ċivili

Id-Direttorju tal-Medjazzjoni Ċivili joffri faċilità ta' tfittxija biex jinstab medjatur li lest jipprovdi medjazzjoni f'post adatt għall-partijiet. Is-sit elettroniku tas-CMC u s-siti elettroniċi tal-għaqdiet li jipprovdu iktar informazzjoni dwar il-medjazzjoni u s-servizzi tal-medjazzjoni.

L-Għodda ta' Tfittxija għal Servizz tal-Medjazzjoni Familjari toffri faċilità ta' tfittxija biex jinstab medjatur f'żona lokali tal-utent. Is-siti elettroniċi tal-għaqdiet membri tal-FMC jipprovdu iktar informazzjoni dwar is-servizzi ta' medjazzjoni.

Ma hemm ebda korp nazzjonali għat-taħriġ tal-medjaturi ċivili fl-Ingilterra u Wales. Il-medjaturi ċivili huma mħarrġa mis-settur privat, li huwa awtoregolat. Il-professjoni tirregola lilha nnifisha u tieħu ħsieb it-taħriġ tal-membri tagħha.

Il-medjaturi tal-familja jiġu minn sfondi diversi, inkluż legali, terapewtiku u servizzi soċjali, u ma hemm ebda rekwiżit legali li jagħmlu xi taħriġ speċjalizzat. Il-bosta għaqdiet ta' sħubija/akkreditament madankollu għandhom settijiet ta' standards professjonali u tat-taħriġ tagħhom stess, li jinkludu rekwiżiti għat-taħriġ. Il-medjaturi li jkollhom kuntratt biex jipprovdu medjazzjoni ffinanzjata pubblikament huma mistennija jiksbu standard partikolarment għoli ta' akkreditament u taħriġ biex issir il-Laqgħa dwar l-Informazzjoni u l-Valutazzjoni tal-Medjazzjoni (MIAM) inizjali u l-medjazzjoni.

**X'inhuma l-ispejjeż tal-medjazzjoni?**

L-ispejjeż tal-medjazzjoni jvarjaw skont min ikun il-medjatur u mhumiex irregolati mill-istat. Fi kwistjonijiet ċivili, l-ispiża tal-medjazzjoni tkun relatata mal-valur tal-kwistjonijiet fit-tilwima u ż-żmien meħtieġ biex isir il-proċess tal-medjazzjoni. Ir-rati għall-għoti ta' medjazzjoni permezz tad-direttorju tal-medjazzjoni ċivili onlajn jinsabu fis-sit elettroniku tal-ġustizzja. L-għaqda karitattiva LawWorks tipprovdi medjazzjoni b'xejn lil dawk li ma jaffordjawx iħallsu. LawWorks jistgħu jkunu kkuntattjati fuq in-numru 01483216815 jew permezz tas-sit elettroniku tal-Medjazzjoni ta' LawWorks.

**Huwa possibbli li jiġi infurzat ftehim li jirriżulta mill-medjazzjoni?**

Id-Direttiva 2008/52/KE implimentata fir-Renju Unit mir-Regolamenti dwar il-Medjazzjoni Transfruntiera (Direttiva tal-UE) 2011 (SI 2011 Nru 1133) tippermetti li meta parti tkun domiċiljata fi Stat Membru fil-mument tat-tilwima, dawk involuti f'tilwima transfruntiera jitolbu biex ftehim bil-miktub li ġej mill-medjazzjoni, ikun eżegwibbli. L-Istati Membri jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar il-qrati jew awtoritajiet oħra kompetenti oħra li jirċievu dawn it-talbiet. Għall-Ingilterra u Wales, id-dettalji dwar il-qrati kompetenti jinsabu fis-sit tas-Servizz tal-Qrati u t-Tribunali tal-Maestà Tagħha.

Il-partijiet għal tilwima ċivili, maħruġa mill-qorti, li jkunu laħqu ftehim permezz tal-medjazzjoni, jistgħu jirrikorru għall-qorti biex il-ftehim tagħhom jingħata l-approvazzjoni legali minn imħallef. La darba jkun approvat minn imħallef, il-ftehim isir "ordni ta' kunsens" vinkolanti legalment u eżegwibbli, jekk il-qorti tkun sodisfatta li l-ftehim milħuq ikun ġust.

Il-partijiet fit-tilwim familjari li jkunu laħqu ftehim bejniethom, permezz tal-avukati tagħhom jew permezz tal-medjazzjoni, jistgħu jirrikorru għall-qorti biex jikkonvertu l-ftehim tagħhom f'"ordni ta' kunsens" vinkolanti legalment, jekk il-qorti tkun sodisfatta li l-ftehim ikkonċernat huwa ġust. Dan x'aktarx li japplika l-iktar għal arranġamenti finanzjarji milli għal dawk relatati mat-tfal.

**Ħoloq Relatati**

Il-Kunsill tal-Medjazzjoni Ċivili, Il-Kunsill tal-Medjazzjoni Familjari, Id-Direttorju Onlajn tal-Medjazzjoni Ċivili, L-Għodda ta' Tfittxija għal Servizz tal-Medjazzjoni Familjari, Il-Kodiċi ta' Mġiba tal-UE għall-Medjaturi Il-Kodiċi ta' Mġiba tal-FMC, Il-Medjazzjoni ta' LawWorks

L-aħħar aġġornament: 07/10/2014

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

Jekk jogħġbok innota li dawn il-lingwi li ġejjin diġà ġew tradotti.

## Il-medjazzjoni fl-Istati Membri - L-Irlanda ta' fuq

Minflok ma toqgħod tmur il-qorti, għaliex ma tipprovax tirriżolvi t-tilwim permezz tal-medjazzjoni? Din hija miżura ta' riżoluzzjoni alternattiva għat-tilwim (ADR), fejn medjatur jgħin lill-partijiet biex jilħqu ftehim. Il-gvern u l-prattikanti tal-ġustizzja fl-Irlanda ta' Fuq huma konxji mill-vantaġġi tal-medjazzjoni.

Ma hemm ebda dipartiment tal-gvern fl-Irlanda ta' Fuq li għandu responsabbiltà għas-servizzi tal-medjazzjoni. Madankollu, hemm organizzazzjonijiet li jipprovdu skemi tal-medjazzjoni u tal-*counselling*.

**Lil min għandek tikkuntattja?**

Il-Law Society tal-Irlanda ta' Fuq żviluppat servizz tar-riżoluzzjoni tat-tilwim alternattiv**,** biex jipprodvi servizzi ta' medjazzjoni fir-riżoluzzjoni tat-tilwim. Dan is-servizz mhuwiex limitat għal tilwim riferit mill-qorti iżda jista' jintuża fi kwalunkwe stadju ta' tilwima.

Is-**servizz tar-riżoluzzjoni tat-tilwim** jopera permezz ta' bord ta' avukati fil-qrati inferjuri u avukati fil-qrati superjuri, li huma mħarrġa u akkreditati sabiex jaġixxu bħala medjaturi f'isem il-partijiet tat-tilwim.

Organizzazzjonijiet volontarji oħrajn, bħal Relate u Barnardos, jipprovdu xi *counselling* u xi servizzi ta' medjazzjoni għall-problemi tal-familja. L-Aġenzija dwar relazzjonijiet tax-xogħol toffri skema ta' arbitraġġ għat-tilwim relatat mal-impjiegi.

**F'liema qasam huwa l-użu tal-medjazzjoni ammissibbli u/jew l-aktar komuni?**

L-oqsma ewlenin huma tilwim ċivili/kummerċjali u l-medjazzjoni tal-familja, ta' fuq il-post tax-xogħol u dik tal-komunità.

**Hemm regoli speċifiċi li wieħed irid isegwi?**

Ma hemm ebda sistema ta' medjazzjoni bbażata fuq il-qorti fi ħdan is-sistema legali fl-Irlanda ta' Fuq. Madankollu l-qrati x'aktarx jippermettu aġġornament ta' każijiet fejn hemm possibbiltà li l-medjazzjoni tista' tirriżolvi l-kwistjoni–– Servizz tal-Qorti tal-Irlanda ta' Fuq

Il- Law Society tal-Irlanda ta' Fuq tistabbilixxi regoli u proċeduri għas-servizzi tar-riżoluzzjoni tat-tilwim.

**Informazzjoni u taħriġ**

Il-bord ta' avukati fil-qrati inferjuri u avukati fil-qrati superjuri li jiffurmaw il-bord tar-riżoluzzjoni tat-tilwim huma mħarrġa u akkreditati mill-Law Society.

**X'inhi l-ispiża tal-medjazzjoni?**

L-ispiża tal-medjazzjoni tvarja skont il-fornitur u mhijiex irregolata mill-istat.

**Huwa possibbli li jiġi eżegwit ftehim li jirriżulta minn medjazzjoni?**

Ftehim milħuq taħt il-medjazzjoni u ffirmat mill-partijiet jiġi aċċettat bħala ftehim mit-tribunali ta' azzjoni ġudizzjarja. Jista' wkoll, jekk ma hemm ebda azzjoni tal-qorti, ikun infurzabbli bħala kuntratt vinkolanti bejn il-partijiet.

**Links relatati**

Law Society tal-Irlanda ta' Fuq

Servizz tar-Riżoluzzjoni tat-Tilwim

Relate

Barnardos

Aġenzija dwar ir-Relazzjonijiet tax-Xogħol

L-aħħar aġġornament: 06/03/2017

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna en ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

## Il-medjazzjoni fl-Istati Membri - Skozja

Minflok tmur il-qorti, għaliex ma tippruvax issolvi t-tilwima tiegħek permezz tal-medjazzjoni? Din hija miżura ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim ((ADR) - alternative dispute resolution), fejn medjatur jgħin lil dawk involuti f'tilwima sabiex jaslu għal ftehim. Il-gvern u l-ġuristi fl-Iskozja huma konxji mill-vantaġġi potenzjali tal-medjazzjoni.

Fir-Renju Unit, il-ġurisdizzjoni tal-Iskozja għandha organizzazzjoni speċifika u dispożizzjonijiet speċifiċi rigward il-medjazzjoni.

**Lil min għandek tikkuntattja?**

Id-Diviżjoni tas-Sistema Ġudizzjarja, il-Kostituzzjoni, id-Direttorat tal-Liġi u tal-Qrati tal-Gvern Skoċċiż hija responsabbli għall-politika dwar il-medjazzjoni fl-Iskozja.

Indirizzi rilevanti fir-rigward tal-medjazzjoni:

**Scottish Mediation Network**, 18 York Place, Edinburgh, EH1 3EP

**SACRO** (Safeguarding Communities Reducing Offending), 29 Albany Street, Edinburgh EH1 3QN

**Scottish Community Mediation Network 21** Abercromby Place, Edinburgh EH3 6QE. Relationships Scotland, 18 York Place, Edinburgh, EH1 3EP

**Relationships Scotland**, 18 York Place, Edinburgh, EH1 3EP

**F'liema qasam tista' ssir medjazzjoni u/jew liema qasam huwa l-aktar komuni?**

Ir-rikors għall-medjazzjoni jista' jsir fl-oqsma kollha tal-liġi. Il-medjazzjoni tintuża l-aktar fil-kunflitti familjari u t-tilwim fil-viċinat. It-tilwim kummerċjali u tan-negozju dejjem aktar qed jiġi referut għall-medjazzjoni. Il-medjazzjoni trid tiġi offruta fit-tilwim dwar **ħtiġijiet ta' appoġġ addizzjonali**, u l-konċiljazzjoni trid tkun disponibbli fit-**talbiet dwar id-diskriminazzjoni fir-rigward tad-diżabbiltà**.

**Hemm regoli speċifiċi li wieħed irid isegwi?**

Il-professjoni ta' medjazzjoni emerġenti fl-Iskozja ma għandhiex qafas regolatorju mandatorju. Lanqas ma huwa prerekwiżit li jitnedew ċerti tipi ta' proċedimenti tal-qorti. Il-medjazzjoni hija totalment volontarja.

Madankollu, jeżisti **kodiċi ta' kondotta** għall-medjazzjoni fl-Iskozja. Il-kodiċi jieħu inkonsiderazzjoni d-diversi oqsma tal-ispeċjalizzazzjoni: bħal pereżempju l-liġi dwar il-familja, il-mediċina, u x-xogħol ta' kostruzzjoni. Il-gvern tal-Iskozja ta l-appoġġ tiegħu lill-ħidma tal-(SMN) u lill-iżvilupp tal- iScottish Mediation Register (SMR). Il-membri kollha tal-SMN huwa mitluba josservaw il-kodiċi ta' kondotta għall-medjazzjoni fl-Iskozja. Dawn il-medjaturi u s-servizzi ta' medjazzjoni li jidhru fuq l-SMR jistgħu wkoll juru standards ogħla. L-aċċess għal dawn is-siti elettroniċi ta' dawn iż-żewġ inizjattivi huwa liberu, u jiġu kkonsultati spiss, u l-medjaturi għandhom josservaw il-kodiċi jekk iridu jidhru fuq is-siti.

**Kif tista' taċċesa l-informazzjoni dwar il-medjazzjoni**

L-informazzjoni dwar il-medjazzjoni hija disponibbli fuq is-sit elettroniku tal- iScottish Mediation Network (SMN), u l- iScottish Mediation Register (SMR) jipprovdi informazzjoni dwar kif wieħed isib medjatur fl-Iskozja. Dawn iż-żewġ siti elettroniċi huma disponibbli għall-pubbliku ġenerali u joffru aċċess għall-informazzjoni kollha.

L- iScottish Mediation Register huwa reġistru indipendenti ta' medjaturi u ta' servizzi ta' medjazzjoni. Dan is-sit elettroniku jtik aċċess liberu għall-informazzjoni dwar persuni li jipprattikaw kull tip ta' medjazzjoni. Ir-reġistru huwa amministrat mill- iScottish Mediation Network (SMN).

Id-dejta fuq dan is-sit tiġi aġġornata mill-medjaturi mill-inqas darba fis-sena.

Wieħed mill-għanijiet tar-Reġistru tal-Medjazzjoni Skoċċiż huwa sabiex iserraħ ras in-nies mill-kwalità professjonali tal-medjaturi li huma jagħżlu, billi jiċċertifika li dawn jilħqu l-istandards minimi. Dawn l- istandards huma stabbiliti permezz ta' Bord tal-Istandards independenti. Kull wieħed mill-medjaturi li jidher fir-Reġistru tal-Medjazzjoni Skoċċiż jista' jsejjaħ lilu nnifsu "Medjatur Reġistrat tal-Medjazzjoni Skoċċiża**"** u juża l-logo tal-SMR ħdejn ismu. Ladarba organizzazzjoni ta' regolamentazzjoni tiċċertifika li medjatur ikun laħaq l-istandards settorjali addizzjonali tal-organizzazzjoni, tista' tiġi applikata "badge" minn dik l-organizzazzjoni ħdejn isem il-medjatur fuq il-reġistru.

**Informazzjoni u taħriġ**

Sa mill-2004, in-Netwerk tal-Medjazzjoni Skoċċiża (SMN – Scottish Mediation Network) jipprovdi **"mappa ta' medjazzjoni"** fuq is-sit elettroniku tiegħu. Il-preżentazzjoni tal-informazzjoni ġiet aġġornata bosta drabi - ħidma li ġiet iffinanzjata mill-gvern Skoċċiż. Il-ħolqa tidher f'bosta fuljetti u links fis-siti elettroniċi. Din issa ntrabtet mar-Reġistru tal-Medjazzjoni Skoċċiż biex tipprovdi punt uniku ta' riċerka biex jinstab medjatur ikkwalifikat.

L-uffiċċju tal-SMN jirċievi wkoll mistoqsijiet bit-telefon, li jiġu diretti lejn is-servizzi adatti tal-medjazzjoni.

L-SMR jistipula kwalifiki ta' medjatur sabiex il-partijiet ikollhom informazzjoni aħjar meta jagħżlu medjatur.

Fl-Iskozja, hemm **programmi ta' taħriġ** għall-isferi differenti tal-medjazzjoni. Kull programm jieħu madwar 30 siegħa u għandu jinkludi taħriġ:

Fil-prinċipji u l-prattika tal-medjazzjoni

Fl-Istadji fil-proċess ta' medjazzjoni

Fl-etika u l-valuri tal-medjazzjoni

Fil-kuntest legali tat-tilwim (jekk ikun hemm)
Fil-ħiliet ta' komunikazzjoni utli fil-medjazzjoni
Fil-ħiliet ta' negozjar u l-applikazzjoni tagħhom
Fl-effetti tal-kunflitti u modi kif dawn għandhom jiġu ttrattati
Fid-diversità.

### X'inhi l-ispiża tal-medjazzjoni?

L-ispiża tal-medjazzjoni tvarja skont min ikun il-fornitur u mhijiex irregolata mill-istat.

Il-medjazzjoni hija ġeneralment **mingħajr ħlas** għall- individwi meta t-tilwim jinvolvi kunflitti marbuta ma' tfal, ma' ġirien u mal-komunità, jew meta jinvolvi ħtiġijiet ta' appoġġ addizzjonali u konċiljazzjoni tad-diskriminazzjoni minħabba f'diżabbiltà.

**It-tariffi** għall-medjaturi privati jibdew minn £200 għal £2000 jew aktar kuljum.

### Ftehim li jirriżulta mill-medjazzjoni jista' jiġi eżegwit?

Id-Direttiva 2008/52/KE tippermetti lil dawk kollha involuti f'tilwim li jitolbu li ftehim bil-miktub li jiġi mill-medjazzjoni jsir eżegwibbli. L-Istati Membri jridu jikkomunikaw dan lill-qrati u lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra li jistgħu jirċievu dawn it-talbiet.

### Ħoloq Relatati

Netwerk tal-Medjazzjoni Skoċċiża, Reġistru tal-Medjazzjoni Skoċċiż, Standards, Medjazzjoni Skoċċiża: Medjaturi Reġistrati, organizzazzjoni ta' regolamentazzjoni

L-aħħar aġġornament: 11/10/2018

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.